# Gourgion

Ġunju 2017

Għadd 59




J&D
SOLID WOOD WORK
Għal kull xorta ta'
għamara u bibien
JOHN DEBRINCAT
6, Light House Str
Ghasri - Gozo
Mob:79703297
Tel:21563819
debrincatjohn@onvol.net

## GOURGION 2017

Editur: Mario Xerri
Disinn tal-qoxra: Joseph Xuereb
Reklami: Tania Attard, Anna Cassar, Sally Cefai
Qari tal-provi: Maureen Attard
Mitbugħ: BCD Printing, Victoria - 21551050


# WERREJ


Il-Messaġġ tal-Arċipriet 2
Il-Messaġġ tas-Sindku 3
Is-Solennità ta' San Ġwann Battista fil-Liturġija 5
Il-Galjun San Giovanni 11
Ġwanni l-Battista jbati minħabba s-sewwa! 15
Inizzjativi Pastorali Ġodda
- Skola ta' Talb 18
- Il- Gruppi tal-Adoloxxenti u ż-Żgħażagħ 20

Għaqdiet Reliġjużi fix-Xewkija
- Għaqda Abbatini Xewkija 22
- Leġjun ta' Marija 24
- Azzjoni Kattolika 25
- Museum - Sezzjoni Bniet 27
- Museum - Sezzjoni Subien 28

Lura fl-istorja 75 Sena ilu x-Xewkija tintlaqat mill-bombi 31
Programm tal-Festa 37
Il-Proġett tal-Orgni tar-Rotunda tax-Xewkija 41
L-Orgni l-Ġdid tar-Rotunda - Poeżija 51
Ħidmet l-Għaqdiet Xewkin
- St John the Baptist Association in Australia 61
- Mill-Għaqda Armar Xewkija 66
- Soċjetà Filarmonka Prekursur 63
- Radju Prekursur 68
- Xewkija Tigers F.C. 71
- Xewkija Tigers F.C. Football Nursery 72
- Kumitat Żgħażagħ Brijużi Xewkin 74
- L-Iskola ta' raħalna 81

100 Sena mid-dehriet ta' Fatima 83
Mill-Arkivju ta' Laurence Zammit Haber 87
Mid-Djarju tal-Parroċċa 91
L-Għammiedi fil-Knisja ta' Sant'Andrija f'Ħal Luqa 96
Leħen Missjunarji Xewkin 97
Mir-Reġistru tal-Parroċċa 101
Niltaqgħu ma' Mons. Trevor Sultana 107
L-Imtieħen tar-Riħ u t-Taħħana Xewkin 109
Kuruna ta' Ward u Vjoli lill-Ħabbar Ta' Kristu, San Ġwann Battista - Ġużeppi Cassar 112


Il-fehmiet li jistqarru l-awturi u l-kontributuri mhumiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.


**Korrispondenza:**
Uffiċċju Parrokkjali, Pjazza San Ġwann Battista, Xewkija.

**Tel:** 21556793 **www.xewkijaparish.org**

**Email:** rivistagourgion@gmail.com

Gourgion Xewkija Parish


# Editorjal

Bl-għajnuna ta' Alla, din li għandek f'idejk hija d-59 ħarġa ta' din ir-rivista annwali, li l-parroċċa f'dan iż-żmien tas-sena tippubblika sabiex tkompli mal-festa ad unur tal-patrun tagħna San Ġwann Battista.

Grazzi għas-sehem ta' ħafna li taw il-kontribut tagħhom b'diversi manjieri, fassalna ħarġa mimlija b'artikli varjati; wieħed isib artikli li jagħtu ħarsa lejn dak li ġara matul l-aħħar sena fl-entitajiet li nsibu fil-parroċċa u artikli riċerkati oħra li jħarsu lejn aspetti liturġiċi, reliġjużi, storiċi u kulturali li b'xi mod jew ieħor għandhom rabta ma' raħalna jew mal-Battista.

Meta wieħed iqalleb il-paġni, jista' faċilment jaqbad żewġ karatteristiċi li huma marbuta flimkien u li dejjem spikkaw fil-poplu Xewki: l-għaqda u l-kuraġġ, rifless fil-fatt li l-poplu Xewki qatt ma qata' qalbu lanqas meta daħal għal sfidi kbar li setgħu dehru 'l fuq mill-ħiliet tiegħu. Dejjem emmen f'Alla u fil-protezzjoni ta' Ġwanni, il-patrun.

Dan hu evidenti f'ħafna proġetti kbar, li twettqu matul is-snin. Jekk nieħdu biss l-aħħar wieħed fost dawn il-proġetti kbar insibu l-*pipe-organ* il-ġdid li għadu kemm ġie inawgurat. Proġett ferm ambizzjuż li b'kuraġġ kbir daħlet għalih il-parroċċa u li issa sar realtà u qed ikompli jżejjen lir-Rotunda tagħna. Proġett li twettaq frott il-ġenerożità kbira u l-imħabba tal-poplu lejn id-dar t'Alla. Dan hu eżempju wieħed biss għax hemm proġetti u inizjattivi oħra, forsi fuq skala iżgħar imma li jirriflettu parroċċa li kapaċi taddatta għal żminijiet u ċirkustanzi differenti.

Nagħlaq billi f'isem dawk kollha li taw is-sehem tagħhom nawgura l-festa t-tajba lil qarrejja kollha. Nitħejjew spiritwalment sabiex il-festa twassalna għall-għan aħħari tagħha, dak li permezz u fuq l-eżempju ta' Ġwanni nersqu dejjem aktar għand Kristu. Fl-aħħar iżda żgur mhux l-inqas insellem lill-morda u lill-emigranti għax persważ li huma fost il-qarrejja l-aktar li jkunu qed jistennew din ir-rivista.

## MESSAĠĠ TAL-ARĊIPRIET MONS. DANIEL XERRI



# TASSEW KBIR, *għax ċekken lilu nnifsu*

Għeżież,

L-aktar ħaġa li tolqotna fi Ġwanni l-Battista hija l-umiltà tiegħu. Minkejja li kien bniedem kbir, kif iddikjarah Ġesù nnifsu (ara Mt 11,11), Ġwanni kien bniedem umli ħafna. Dan narawh diversi drabi fil-ħajja tiegħu, kif juruna l-vanġeli.

L-ewwel nett, quddiem in-nies li ħasbuh il-Messija, huwa stqarr aktar minn darba li ma kienx hu l-Messija. Kien jaf li n-nies kienu qed jistennew ħerqanin lil dak li kellu jiġi, kien jara wkoll ħafna nies ġejjin warajh biex jitgħammdu minnu, iżda hu qatt ma approfitta minn dan l-entużjażmu tan-nies u qatt ma ħa għalih innifsu l-ġieħ li mhux tiegħu. Huwa dejjem żamm postu u lin-nies kien jgħidilhom: "Jien m'iniex il-Messija" (Ġw 1,20).




Mhux biss kien jgħidilhom li mhuwiex hu l-Messija, imma kien iqis ukoll lilu nnifsu ħafna iżgħar mill-Messija: "Jien lanqas jistħoqqli nħoll il-qfieli tal-qorq tiegħu" (Ġw 1,27). Kien iqis ukoll il-missjoni tiegħu iżgħar minn dik ta' Ġesù: "Jien ngħammidkom bl-ilma... Hu jgħammidkom bl-Ispirtu s-Santu..." (Lq 3,16)

L-umiltà ta' Ġwanni tidher ukoll meta Ġesù talbu biex jgħammdu u hu xtaq jirrifjuta għax ħass li mhuwiex dehen: "Jien hu li jeħtieġ nitgħammed minnek u inti tiġi għandi?" (Mt 3,14). Imma l-umiltà tiegħu tidher aktar fil-qawwa tagħha meta mbagħad joqgħod għal li jgħidlu Ġesù u jaċċetta li jgħammdu (Mt 3,15). Kienet tkun umiltà falza kieku baqa' jirrifjuta li jgħammdu, għax l-umiltà vera tikkonsisti filli tagħmel dak li jgħidlek min hu akbar minnek u toqgħod fejn ipoġġik hu, anke meta taħseb li m'intix kapaċi jew ma tħossokx dehen.

Fuq kollox, l-umiltà ta' Ġwanni dehret meta ċeda postu lil Ġesù. Wara li ħejjielu t-triq u temm il-missjoni tiegħu, Ġwanni warrab mix-xena. Ħalla li d-dixxipli tiegħu jmorru wara Ġesù, anzi hu stess bagħathom warajh meta wriehulhom u qalilhom: "Hekku l-Ħaruf ta' Alla", u "huma marru wara Ġesù" (Ġw 1,36-37). Ġwanni bl-ebda mod ma pprova jżomm lin-nies miegħu jew ifixkel lil Ġesù fil-missjoni tiegħu, anzi qalilhom bla tlaqliq: "Jeħtieġ jikber Hu u niċkien jien!" (Ġw 3,30).

Dan huwa l-veru kobor tal-Battista! Kien tassew kbir għax ċekken lilu nnifsu. Fih seħħu l-kelmiet ta' Ġesù fil-vanġelu: "Min jiċċekken, jitkabbar..." (Lq 14,11). U kien għalhekk li Kristu nnifsu stqarr fuqu: "Tassew ngħidilkom, li fost ulied in-nisa ħadd ma qam akbar minn Ġwanni l-Battista!" (Mt 11,11).

Għeżież, kemm għandna bżonn nixbħu lil Ġwanni fl-umiltà tiegħu! Ħafna drabi n-natura tagħna hija supperva wisq u ma tridx tbaxxi rasha. Dan narawh fir-relazzjonijiet ta' bejnietna, fil-familji tagħna, fil-postijiet tax-xogħol, fis-soċjetà, fil-parroċċa. Ejjew nitolbu lil Ġwanni jagħtina ftit aktar mill-umiltà tiegħu.

Nixtiqilkom ilkoll il-festa t-tajba!

Dun Daniel

*Mons. Daniel Xerri*

MESSAĠĠ MIS-SINDKU PAUL AZZOPARDI

# IL-FESTA T-TAJBA



Ħbieb Xewkin,

Nispera li tinsabu tajbin. Il-festa tal-patrun tagħna San Ġwann Battista reġgħet magħna. Magħha ġġib ħafna xogħol u preparamenti sabiex għal sena oħra jkollna festa suċċess.

Bħala Kunsill Lokali, kellna sena ta' ħidma ma taqta' xejn. Lestejna t-toroq, il-proġett tal-*greening* fejn sar tħawwil ta' siġar u fjuri f'diversi postijiet fosthom l-iskola, il-korsa u l-pjazza. Ftaħna uffiċjalment latrina pubblika fejn faħħruna kemm residenti Xewkin kif ukoll barranin. Ta' min jinnota li sar *lift* sabiex ikun aċċessibbli għal kulħadd. Qed naħdmu wkoll biex ix-xelters tal-gwerra jinfetħu għall-pubbliku. F'Settembru għamilna ġemellaġġ ma' Modica fejn qed naħdmu ma' xulxin fuq diversi proġetti kemm edukattivi kif ukoll agrikoli.

Għaddejjin b'ħidma ta' xogħol ta' bankini, bozoz u ħafna aktar. Bħala proġetti futuri, għandna l-pjazza u l-kunsill il-ġdid.

Nieħu din l-okkażjoni biex nifraħ lil Charles Borg li rebaħ il-premju 'Ħidmet iż-Żgħażagħ' u lil Maria Pia Saliba li ngħatat 'Ġieħ ix-Xewkija'. Nawgura u nifraħ lit-tim tax-Xewkija Tigers għar-rebħ tal-kampjonat għat-tmien darba. Prosit tassew lil kulħadd.

Ngħid grazzi minn qalbi lill-għaqdiet tar-raħal tagħna għall-kontribut li jagħtu kontinwament biex dejjem jgħollu isem ix-Xewkija.

Prosit kbira tmur lil kull min kien involut wara il-proġett tal-*pipe-organ* li huwa uniku f'Għawdex. Prosit ukoll għall-mod perfett kif kienet organizzata l-inawgurazzjoni tiegħu.

Nikkonkludi billi nagħmel appell biex fil-festa, bħal dejjem, kulħadd jagħti s-sehem tiegħu u jattendi għall-attivitajiet li jsiru kemm dawk organizzati mill-parroċċa u kemm mill-Kunsill Lokali.

Nawgura minn qalbi l-festa t-tajba lix-Xewkin kollha. Ingawduha kif jixraq u noqogħdu attenti biex niċċelebraw bla ma jweġġa' ħadd. Insellem f'ismi u f'isem sħabi lix-Xewkin kollha b'mod speċjali lill-morda u lill-emigranti tagħna li ma jistgħux jingħaqdu magħna fil-festa.

*Paul Azzopardi*





**Francis Caruana Ltd.**

*Jistednuk tasal wasla sal-ikbar hardware*
*Store fix-Xewkija, Għawdex*

**The - One Stop Shop**

għall-mastrudaxxi, bajjada,
kaħħala u elettrixinx ta' gżiritna

Fejn issibu dak kollu li teħtieġu għad-dar
f'ambjent spazzjuż
bi prezzijiet tassew moderati

Issibuna fi Triq Taflija, Ir-Rabat
**Tel: 2155 6248 jew 2155 2993**
**Mob: 9982 1650**

**BUBBLES BATHROOMS**

**Fortunato Mizzi Street, Victoria**
**21554213 E-mail: fel@maltanet.net**

*QALFAT*

**Motor Mechanics**

General Repairs &
Importers of
* Engines * Vehicles
* Agricultural Machinery
'Sunrise', Tal-Ħniena Road
Xewkija Gozo, Malta
**Tel: 21 551400**
**Mob: 7906 9479 (George)**
**7955 8594 (Michael)**



# IS-SOLENNITÀ TA’ SAN ĠWANN BATTISTA FIL-LITURĠIJA

DUN INJAZJU BORG

*Arċipriet tal-Qala u delegat tal-Isqof għal-Liturġija*

Irrid inkun ċar mill-ewwel li f’artiklu wieħed ma nistax nuri l-kobor u r-rikkezza li biha l-liturġija ssellem, tfaħħar u tiċċelebra lil Ġwanni l-Battista. Għalhekk dak li ser naraw flimkien, hi daqqa t’għajn ħafifa kif il-liturġija ssellem lil dan il-qaddis tassew kbir u ta’ kull żmien.

Ġwanni l-Battista bil-Lhudi Iehôhānān, bil-Grieg Ιωάννης ο Πρόδρομος, filwaqt li bil-Latin Ioannes Baptista. Il-kelma Ġwanni bil-Lhudi tfisser il-Mulej juri ħniena. Kien jgħix fi żmien Erodi l-Kbir fi tmiem tal-ewwel seklu qabel Kristu fejn ħa l-martirju madwar is-sena 32 wara Kristu f’Macheronte. Ġej minn familja fqira saċerdotali Lhudija, li toriġina mir-reġjun muntanjuż tal-Ġudea, kien bniedem axxetiku.

Ġwanni l-Battista, hu meqjum mill-knejjes kollha




San Ġwann Battista,
Paolo Morando
(Il Cavazzola)
(1486-1522)

Kristjani u hu kkunsidrat qaddis minn dawk kollha li għandhom il-kult tal-qaddisin. Hu persuna importanti ħafna fil-Vanġelu. Ġwanni hu preżenti wkoll fl-Iżlam tant li fil-Koran insibuh bl-isem ta’ Yaḥyā, wieħed mill-profeti l-kbar li ġew qabel Mawmettu. Il-fonti prinċipali ta’ ħajtu u tal-figura tal-Battista hi l-Vanġeli. Minn Santu Wistin nafu li ċ-ċelebrazzjoni tat-twelid tiegħu, nhar l-24 ta’ Ġunju, kienet festa antika ħafna fil-Knisja Kattolika Afrikana. Hu l-uniku qaddis mal-Verġni Marija li niċċelebraw it-twelid tiegħu. F’jum twelidu niċċelebraw l-hekk imsejjaħ l-Milied tas-sajf. Il-Knisja tiċċelebra tliet milidijiet biss: ta’ Kristu, tal-Verġni Marija u tal-Prekursur. Għall-qaddsin l-oħra, tiċċelebra biss t-twelid tagħhom għas-sema jiġifieri jum il-mewt fiżika tagħhom u mhux jum it-twelid fiżiku tagħhom.

### ĠWANNI HU DAK LI JORBOT L-ANTIK MAL-ĠDID TESTMENT

Il-figura ta’ San Ġwann hi verament waħda partikolari, għax timmarka l-passaġġ bejn l-Antik u l-Ġdid Testment. Il-persuna ta’ Ġwanni hi pont li jgħaqqad l-Antik mal-Ġdid Testment. Tant hu hekk, li r-rakkont Evanġeliku tal-preżentazzjoni ta’ Ġesù fit-Tempju, li hu att liturġiku fil-liġi l-antika (cf. Levitiku 12) ipoġġi quddiemna din ir-realtà li Luqa, fil-Vanġelu tiegħu, jirrakkontaha f’kapitlu 2, versi minn 22 sa 40.

It-tradizzjoni eseġetika rabtet it-test ta’ Luqa mal-oraklu tal-Profeta Malakija kapitlu 3,1: «Araw, jiena se nibgħat ’il-messaġġier tiegħi biex iħejji t-triq quddiemi u minnufih jidħol fit-tempju tiegħu s-Sid li intom qegħdin tfittxu u l-anġlu tal-patt, li intom tixtiequ, arawh, ġej!» Il-messaġġier li ser iħejji t-triq hu ċertament il-Battista. Hekk kif jiġi l-Prekursur, dritt il-Mulej jidħol fit-tempju tiegħu. Għalkemm bejn Ġwanni u Ġesù hemm differenza ta’sitt xhur fl-età (cf. Luqa 1,26). Ta’ min ifakkar li fit-tempju, meta Ġesù ġie ppreżentat fit-tempju, ma kienx hemm aktar il-Preżenza Divina, il-fatt li kien hemm nieqsa l-arka tal-patt fil-qaddis tal-qaddisin. Hekk jikteb Giuseppe Ricciotti: ‘’Fit-tempju ta’ Salamun kien hemm l-Arka tal-Patt; iżda din ġiet meqruda, fil-qaddis tal-qaddisin tat-tempju l-ġdid baqgħet kamra misterjuża, mudlama u vojta. Fil-qaddis tal-qaddisin kien jidħol darba f’sena is-sommu saċerdot, u skont it-tradizzjoni rabbinika s-saċerdot kien ipoġġi iċ-ċensier fuq ġebla li tfakkar il-post fejn kienet titpoġġa l-arka.”[1] Allura ma kien hemm l-ebda sorpriża li l-Profeta Malakija, li kiteb fi żmien fejn kien naqas sew l-entużjażmu li jinbena t-tieni tempju, jinawgura r-ritorn tal-Mulej fit-tempju tiegħu. Il-figura tal-Prekursur tantiċipa dan ir-ritorn u tħejji l-passaġġ mill-kult l-antik għal dak il-ġdid. Fejn Ġesù jiddefinixxi lilu nnifsu bħala t-tempju l-ġdid fejn wieħed jadura lil Alla fl-ispirtu u l-verità. (Cf. Ġw. 2,19-21 ; 4,21-23)

Il-Liturġista Prosper Gueranger jgħid: “Ġwanni li kien

---

1 G. Ricciotti, *Vita di Gesù Cristo,* Mondadori, Milano 2007 pp.54-55.




San Ġwann Battista, Pier Matteo d' Amelia, Altenburg Statliches Lindenau Museum

ser jitwieled u ma kienx kapaċi li jitkellem, il-miġja tiegħu waslet li jinħall ilsien missieru Żakkarija. Hu kellu jkun li jwassal fit-tmiem id-difett li kellu missieru frott in-nuqqas tat-twemmin, li hu figura tal-liġi l-antika."[2] Dan il-ħsieb insibuh ukoll fit-talba tas-Sagramentarju Ġelasjan[3]. It-talba tgħid hekk :

"O Alla li tista' kollox li fit-twelid ta' Ġwanni l-Battista ġibt fil-milja tagħha l-liġi u t-tħabbir tal-profeti, agħmel nitolbuk li jieqfu x-xbihat u s-simboli issa li qed tkellimna bil-wirja tal-istess verità b'Ġesù Kristu Sidna."

Ġwanni hu wkoll l-aħħar profeta u l-ewwel qaddis. Hu l-uniku li għandu t-titlu ta' Prekursur ta' Kristu. Nistgħu ngħidu wkoll li hu l-uniku qaddis li tiegħu niċċelebraw żewġ ċelebrazzjonijiet liturġiċi: it-twelid u l-martirju. Santu Wistin jistqarr b'enfasi kbira: "Il-Knisja tiċċelebra t-twelid ta' Ġwanni li hu mmarkat b'karattru sagru. Ta' ebda qaddis, ma niċċelebraw solennament it-twelid tiegħu; niċċelebraw infatti dak ta' Ġwanni u ta' Ġesù u tal-Verġni Mbierka."[4]

F'din ir-riflessjoni għad-dawl tal-liturġija ser nippruvaw nifhmu l-iskop ta' din id-devozzjoni speċjali li l-Knisja dejjem tat li Ġwanni l-Battista. Dak li jagħmlu kbir lil Ġwanni aktar mill-profeti l-oħra hu l-fatt tad-dixxiplina fuqu nnifsu, l-imħabba lejn is-solitudni u l-ispirtu ta' talb. Iżda fuq kollox Ġwanni jgħallimna l-bżonn li nfittxu l-essenzjal fil-ħajja u nwarrbu s-superfiċjali u l-artifiċjali. Aħna llum sirna skjavi tal-kumdità u qed nintilfu fil-ħwejjeġ vojta. Ġwanni jfakkarna fir-rwol li għandu jkollu s-silenzju, id-distakk mill-ħwejjeġ tad-dinja u l-mortifikazzjoni għar-ruħ li trid tiltaqa' ma' Alla. Ġwanni hu l-ewwel martri li fil-quddiesa s-saċerdot isemmih qabel San Stiefnu. Ġwanni hu l-martri tal-liġi naturali. Ġwanni hu kbir ukoll għax kien il-profeta li mhux biss ħabbar il-miġja tal-Messija iżda wrieh meta wasal. Infatti hekk qal lid-dixxipli tiegħu: "Araw il-Ħaruf t'Alla li jneħħi d-dnubiet tad-dinja."

## IL-KARATTRU KOŻMIKU TA' DIN IS-SOLENNITÀ

Il-figura ta' Ġwanni tidher aktar sinjifikattiva minħabba l-karattru kożmiku tagħha fil-liturġija Kristjana. Il-paralleliżmu ma' Ġesù u l-fatt li twieled sitt xhur qabel Ġesù (Luqa 1, 26), wieħed jista' jikkonsidra l-festa ta' Ġwanni l-Battista bħala l-Milied tas-sajf, marbuta mas-solistizju pagan bħall-Milied tax-xitwa. Wieħed faċli jara mal-medda tas-sena t-twettiq tal-profezija ta' Ġwanni 3,30: "Jeħtieġ jikber hu u niċkien jiena." Infatti wara l-Milied ta' Ġwanni nhar l-24 ta' Ġunju, il-jum jibda jiqsar waqt li wara l-25 ta' Diċembru, il-Milied tal-Feddej, il-jum jibda jitwal. Il-festi ta' dawn iż-żewġ tnissiliet, jantiċipaw kull wieħed disa' xhur rispettivament għat-twelid tagħhom. Dawn jaħbtu mal-ekwinozji u hekk jagħmlu sagru l-kalendarju kożmiku.[5].(5) Din ir-rabta tal-figura ta' Ġwanni mal-istorja tas-salvazzjoni min-naħa u r-ritmi kożmiċi min-naħa l-oħra sabu

2 P. Gueranger, *L'Annee liturgique. Le temps après la pentecôte,* H. Oudin, Paris 1939, III. P.287.

3 Is-Sagramentarju hu dak il-ktieb li fih hemm miġbura r-riti u t-talbiet kollha li jintalbu fil-quddiesa. Ġew ikkomponuti diversi sagramentarji tul is-sekli fosthom hemm wieħed attribwit li San Ġelasju.

4 Agostino di Ippona, *Discorso 293,* 1 : PL 38,1327

5 L-Ekwinozju hu meta l-jum jibda jitwal u l-lejl jibda jiqsar jew viċi versa. Fil-metalità Kristjana r-rebħa tad-dawl fuq id-dlam. Per eżempju: Is-sens tal-Milied ta' Ġesù.

fid-devozzjoni u fil-liturġija żvilupp li tassew jagħti l-frott. Il-figura ta' Ġwanni ġiet imdaħħla fil-mument penitenzjali ta' importanza kbira, fl-Att Penitenzjali tal-quddiesa. Fil-quddiesa llum msejħa straordinarja, dik ta' Piju V, ta' qabel l-Konċilju Vatikan II fit-test tal-Confiteor jiġi msemmi mal-Verġni Marija, San Ġwann Battista, San Mikiel Arkanġlu u San Pietru u San Pawl. L-isem tal-Battista f'din it-talba hu marbut strettament mal-karattru penitenzjali tal-ministeru ta' San Ġwann, li hu marbut mal-istorja tas-salvazzjoni. Ir-referenza għall-Battista u għaċ-ċikli kożmiċi li jfakkruna fi Kristu kif jgħidilna Gueranger: "L-Għerf etern iddikjara li bħalma x-xemx li tiegħla hi mħabbra mill-kewkba ta' filgħodu, li tħejji għall-miġja tagħha permezz tas-sebħ, hekk ukoll Kristu li hu d-Dawl irid ikun ukoll imħabbar minn kewkba, il-Prekursur tiegħu."[6]

Ġesù biss huwa d-dawl, id-dawl li mingħajru d-dinja tibqa' fid-dlam u fil-mewt u Ġwanni mhux għajr il-bniedem mibgħut minn Alla, li mingħajru d-dawl ma kienx ikun magħruf (Ġw.1,4-10) Iżda l-fatt li Ġwanni ma jistax ikun mifrud minn Ġesù bħalma l-jum ma tistax tifirdu mis-sebħ, allura wieħed ma għandux għalfejn jistagħġeb li l-ferħ fid-dinja għat-twelid ta' Ġwanni, tagħmel parti mill-istess ferħ u entużjażmu li ġab it-twelid tas-Salvatur. Sa mill-bidu l-Knisja fil-liturġija tagħha rat xebh kbir u dipendenza f'dawn iż-żewġ solennitajiet.

## ĦJIEL TA' STORJA DWAR DIN IS-SOLENNITÀ

L-irwol tal-Battista kien dejjem dak li bħala profeta, juri, jindika u jwassal għal Kristu. Hekk ukoll li l-liturġija Kristjana. Hi indikatur qawwi ta' Kristu lill-popli. Skont is-Sacrosanctum Concilium, il-liturġija għandha effett doppju: dak tal-glorifikazzjoni ta' Alla u tal-qdusija tal-bnedmin. Il-liturġija turi lill-Knisja bħala *signum levatum in nationes*, sinjal merfugħ lill-ġnus. Din il-frażi tagħmel eku fil-Profeta Isaija kap 11 vers 12.

Is-solennità tal-Prekursur tal-Mulej, hi ta' oriġini oċċidentali u nsibuha diġà fis-seklu IV u baqgħet tinxtered malajr tul is-sekli ta' wara. F'Ruma nsibuha diġà fis-seklu VI, fejn diġà kienet tiġi ċċelebrata b'sawm solenni fl-istennija ta' solennità kbira u quddiesa tal-vġili li kienet tiġi ċċelebrata fil-Battisteru tal-Lateran. Dan jikkonfermah is-Sagramentarju ta' Verona.

Fil-medju Evu din is-solennità kienet tiġi ċċelebrata bi tliet quddisiet bħalma kien jiġi ċċelebrat it-twelid tal-Mulej. Il-liturġija konċiljari reġgħet tat lill-quddiesa tal-vġili l-karattru doppju tagħha dak festiv u ta' sahra kif niċċelebraw it-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu. Din il-festa tiġi ċċelebrata sitt xhur qabel is-solennità



tal-Milied (Lq. 1,36) u tliet xhur wara s-solennità tat-Tħabbira tal-Mulej, dik li nsejħulha l-Lunzjata. Qabel il-konċilju din is-solennità kienet waħda Marjana, iżda mar-riforma konċiljari, ġustament saret waħda Kristoloġika.

Wieħed jista' jgħid li l-ħġejjeġ ta' San Ġwann jafu l-bidu tagħhom fil-bidu tal-Kristjaneżmu. Din id-drawwa narawha minn meta l-Knisja kisbet il-paċi fi żmien l-Imperatur Kostantinu. Twieldet bħala inizjattiva popolari, b'mumenti ta' biża' minn missirijiet il-Knisja u tal-konċilji, li d-drawwa tasal biex tkun waħda superstizzjuża. Is-solennità tal-Battista hi tħabbira tal-festa tad-dawl, it-twelid tal-Messija, ix-xemx li qatt ma tgħib. Din hi waħda mir-raġunijiet għalfejn isiru l-ħġejjeġ ta' San Ġwann.

Ta' min jgħid li sa mis-seklu III, xi teologi kienu jibnu l-fundament teoloġiku tagħhom fuq is-simboliżmu Kristu-Xemx. Għalhekk kienu jagħtu ħafna attenzjoni lis-solizji - jiġifieri t-tlugħ u l-inżul tax-xemx, meta l-jum u l-lejl jitwalu jew jiqsaru b'rabta mal-istorja salvifika. U hekk nistgħu naslu għall-opinjoni li l-Battista ġie mnissel fil-ekwinozju, jiġifieri fit-23 ta' Settembru filwaqt li fis-solizju tas-sajf twieled meta l-jum jibda jiqsar u l-lejl jibda jitwal. Ta' min jgħid li wara s-solizju tax-xitwa, il-jum jibda jitwal filwaqt li l-lejl jibda jiqsar. Hekk Santu Wistin jara konferma kożmika fil-Vanġelu ta' Ġwanni (Ġw. 3, 30) fejn naqraw: "Jeħtieġ jikber hu u niċkien jiena."

Il-Papa Urbanu V fl-1368, kien ordna li jitkanta l-Kredu fil-jum tas-solennità tal-Battista u matul l-ottava biex jiġi evitat li l-Prekursur ma jidhirx inferjuri għall-Appostli.

6 P. Gueranger, *L'Année liturgique,* cit., p.284.

Sonia
HAIRDRESSING
**Sonia Xerri**
"Mt.Carmel" Mgarr Road, Xewkija, Gozo.
**Tel: 21553090, 21563031**

mobydick
RESTAURANT
Xlendi Seafront, Gozo - Malta.
Tel: (00356) 2156 1518
Mob: (00356) 7925 3255
Email: mobydickxlendi@gmail.com
Free Wi Fi spot

MARIO'S
RENT-ACAR
TAXI & MINI-BUS
SERVICE
70, Mannar Street, Xaghra
XRA 104, Gozo, Malta
**Tel: 21557242 Fax: 21561827**
**Mob: 9943 5778, 9949 5778**




Il-Kċina
tar-Ramla
Ramla Bay - Gozo
Tel: 2156 1806 • Mob: 9944 8079

Fir-rit Biżantin, il-Knisja tal-Lvant tiċċelebra l-festa tal-konċepiment tal-Battista nhar l-24 ta' Settembru. Hawn naraw tassew paralleliżmu bejn it-twelid ta' Ġesù fix-xitwa u t-twelid tal-Battista fis-sajf. Dan il-fatt kien okkażjoni ta' diversi manifestazzjonijiet spiss folkloristiċi bħalma huma l-ħġejjeġ ta' San Ġwann fil-bidu tas-sajf.

Il-liturġija tas-sigħat tiċċelebra din is-solennità bi tmintax-il antifona u diversi testi ta' oriġini Biblika, barra mit-tliet innijiet attribwiti lid-djaknu Pawlu fis-sena 797.

Ġwanni l-Battista hu l-aktar qaddis raffigurat fl-arti fis-sekli kollha. Hu patrun ta' djoċesijiet, bliet u knejjes bla għadd. Il-Knisja tal-Orjent tiċċelebra s-solennità tal-Battista fis-7 ta' Jannar fost il-Biżantini, u Ħadd qabel il-Milied fis-Sirja u f'Ravenna.

## IS-SOLENNITÀ TAL-BATTISTA TIĠI ĊĊELEBRATA MIL-LVANT U MILL-PUNENT

Ġwanni l-Battista hu ċċelebrat mill-Knisja Kattolika kollha fid-diversità tal-riti liturġiċi tagħha. Ser nagħtu ħarsa ħafifa lejn l-knejjes kattoliċi ta' riti liturġiċi differenti kif isellmu lill-Battista fil-jum tat-twelid tiegħu.

Rit Siro-Antijokenu*:*

Din il-Knisja Siro-Antijokena tiċċelebra s-solennità ta' Ġwanni l-Battista fis-7 ta' Jannar. Hu għandu l-ewwel post wara l-Omm t'Alla, minħabba r-rabta familjari li hemm mal-familja tal-Feddej u minħabba l-missjoni unika. Il-Knisja Sirijaka ssejjaħlu "il-parrinu u l-istrument taż-żwieġ divin". Fost is-seba' festi li l-Knisja Sirijaka tagħmel lil Ġwanni l-Battista kif fil-martijoloġiku sirijaku (Kalendarju 1961) l-aktar antika fost dawn il-festi hi dik tas-7 ta' Jannar fl-orjent u dik tal-24 ta' Ġunju fl-oċċident. It-tifkira ta' dan il-qaddis diġà nsibuha fl-itenerarju ta' Eteria.[7]

Talb fis-sahra tal-lejl tas-solennità tal-Battista mill-istess Knisja :

*Mulej Ġesù int li tajtna l-grazzja u l-ġieħ li niċċelebraw din il-festa solenni tal-Prekursur tiegħek, fejn int għedt: Ma hemm ħadd akbar fost dawk li twieldu min-nisa li jiżboq lil Ġwanni l-Battista. Tant li naraw fih il-koronament tal-profeti kollha: Mosè li ra lil Alla mhux taħt il-velu tal-misteru iżda b'wiċċ imb wiċċ; Ġożwè li wera l-passaġġ mhux mill-Ġordan iżda bl-imġiba tiegħu, Gideon li għażel gwerriera permezz tal-ilma mhux kontra l-laħam u d-demm iżda kontra l-ispirtu tal-ħażen, ta' Elija li ġie mrejjaq mhux miċ-ċawlun iżda mill-ġradijiet u l-għasel selvaġġ; ta' Ġużeppi li ma ġiex ittentat mill-mara ta' Putifar iżda minn Erodija; ta' Isaija li ma kkuntetax biss li jħabbar "Araw Verġni tiled Iben" iżda ddikjara fir-realtà "Hekku dik li kkonċepiet u ġġenerat il-Ħaruf t'Alla li jneħħi d-dnubiet tad-dinja."*

*Ir-Rit Biżantin*: Mit-Troparju tal-Prekursur waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Għasar:

*It-tifkira tal-bniedem ġust hi akkumpanjata minn ħafna eloġji. Għalik Prekursur, ix-xhieda tal-Mulej hi biżżejjed. Int kont tassew l-akbar wieħed fost il-profeti, tant li int biss kont dehen li tgħammed fl-ilma lil dak li l-profeti kollha kienu ħabbru. Hekk int tħabbat ħafna biex ixxandar il-verità, ferħan tħabbar saħansitra lill-ħabsin id-dehra t'Alla inkarnat li jneħħi d-dnubiet tad-dinja u li jfawwarna bil-ħniena tiegħu.*

Ir-Rit Koptu: Mill-martirju ta' Ġwanni l-Battista - Responsorju:

*Insellmulek O Kbir Ġovanni, il-Prekursur, Salve saċerdot, kuġin ta' Emmanuel. Ejjew u isimgħu lill-għaref Teodoru… Jitkellem mill-għana ta' Ġwanni, il-Prekursur - Kif ser nonorawk, ma' min ser nipparagunawk, int li jistħoqqlok kull unur! Int il-ħlewwa tal-frott, il-moviment tal-ilma, il-fjuri tas-siġar li jikbru fl-art ta' Susan.*

Ir-Rit Ruman: Fit-twelid tal-Battista l-24 ta' Ġunju, mit-talba tal-bidu tal-vġili:

*O Alla li tista' kollox, agħti lill-familja tiegħek il-grazzja li timxi fit-triq tas-salvazzjoni taħt il-ħarsien ta' Ġwanni l-Prekursur, biex hekk immorru bit-tama biex niltaqgħu mal-Messija mħabbar minnu…*

## KONKLUŻJONI

L-iskop ta' din ir-riflessjoni hi sempliċiment sabiex inpoġġu fina x-xewqa li niskopru l-kobor ta' dan il-qaddis. Il-liturġija tagħti importanza kbira lil din il-figura ta' Ġwanni l-Battista. Iżda biex ninżlu fil-fond ta' kif tħares u tiċċelebra lil dan il-qaddis il-Knisja fil-liturġija tagħha, artiklu hu ftit wisq biex tesprimi x-xewqa tagħha. Għalhekk ix-xewqa tiegħi hi li din ir-riflessjoni tgħinna nħarsu lejn il-kbir Battista mhux biss bħala ammiraturi iżda aktar biex nimitawh u hekk inkunu veri dixxipli tiegħu.

## REFERENZI

G. Ricciotti, *Vita di Gesù Cristo,* Mondadori, Milano 2007.

P. Gueranger, *L'Année liturgique. Le temps après la pentecôte,* H. Oudin, Paris 1939.

A. Cattabiani, *Calendario, Le feste, i miti, le leggende e i riti dell'anno,* Rusconi 5ed. Milano 1988.

E. Lodi, *Liturgia della Chiesa, Guida allo studio della liturgia nelle sue fonti antiche e recenti,* Dehoniane Bologna 1981.

7 Iterea kienet pellegrina Spanjola li żaret l-Art Imqaddsa u da-met sena hemm u niżlet fid-dettall iċ-ċelebrazzjonijiet kollha li kienu jsiru fil-post għażiż tal-fidwa tagħna. Hi fonti liturġika importanti ħafna.

# Angelo Auto Dealer

*(Tal-Majru)*



**ANGELO SPITERI**

**Mgarr Road,**
**Xewkija, Gozo.**

**Tel: 21 558 956, 21 560 703**
**Mobile: 9949 9394**





# Debono Upholstery

*Seat covers, loose covers, car carpeting, new and old sofas, Pvc work, Canopes etc.*

**"John-Joyce"**
**Majmuna Street,**
**Xewkija - Gozo**

**Tel: 2156 1116**
**Mob: 9948 6972**



# TROPICAL FOREST

aquarium, pet & garden centre

**Mġarr Road, Xewkija,**
**Gozo - Malta.**

**Tel: 2156 3805**
**Mob: 9986 4255**





# Salvu Cassar

Auto Parts
Commercial Sales
Engines and Parts

Kull tip ta' Magna
tal-Ġappun u tal-Ingilterra

Mgarr Road
Għajnsielem, Gozo

**Tel: 21556674**
**Mob: 79475746, 79710384**

# IL-GALJUN SAN GIOVANNI

**JOSEPH MUSCAT**
***Konsulent Marittimu, Kittieb u Restawratur***

L-Ordni ta' San Ġwann kienet tħaddem kull għamla ta' bastiment tal-gwerra li kien hemm għand in-nazzjonijiet l-oħra tal-Mediterran. Fost dawn kellha l-gran galjun San Giovanni li kien ikun armat sa snienu għal kontra l-Mislem u kellu erba' arbli armati bi qlugħ kwadri. Kien fih x'tara daqs kemm kien imżejjen u għamel isem għalih għax-xogħol tiegħu fuq il-baħar.



Il-galjun daħal fl-istorja tal-bastimenti wara l-karrakka billi din fi żmien Dhomedes instabet goffa u tqila biex tidħol f'ċerti portijiet tal-Mediterran. Għalhekk fl-1540 il-Gran Mastru Dhomedes qatagħha li ma jibqgħux jużaw il-karrakka u flokha jibnu żewġ galjuni.

Għandna nkunu nafu li l-Ispanjoli speċjalizzaw fil-bini tal-barċja għall-ġarr tal-merkanzija. Minn din ħarġet il-karrakka u ftit wara l-galjun. Il-galera minn dejjem kienet miżmuma bħala l-aqwa arma tal-ġlied li kien hawn fil-Mediterran. Meta naqas il-qbid tal-ilsiera l-kavallieri bnew il-mezza galera għall-aħħar tas-seklu dsatax.

Iżda għal żmien twil l-Ordni ta' San Ġwann kienet tinqeda bil-galjun sew għall-ġlied kif ukoll għall-ġarr tal-merkanzija. Kien mgħammar b'għadd ta' kanuni kbar u bosta oħra żgħar. Għandna x-xorti li wasal sa żmienna disinn ta' galjun impinġi minn Opizio Guidotti għall-bidu tas-seklu sbatax.




*The stern of the galleon San Giovanni*

Dan id-disinn ta' galjun juri profil tista' tgħid f'għamla ta' nofs qamar. Kellu poppa u pruwa għoljin ħafna, kien armat b'erbatax-il kanun mill-kbar u bosta oħrajn ta' kalibru iċken 'l hawn u 'l hinn. Il-kabina tal-poppa kienet waħda bħal dik ta' galera bil-galleriji madwar u arkaturi tal-injam biex fuqhom tkun stirata t-tinda għax-xemx u x-xita. Ta' min jgħid li Guiodotti juri pulena speċjali fuq il-galjun li kienet f'għamla ta' figura ta' bniedem riekeb fuq annimal mitoloġiku bil-ġwienaħ. L-erba' arbli li kellu l-galjun kienu jagħtuh manuverabilità kbira u l-kanuni li kellu kienu dawk tas-seklu sittax bħalma kienu l-petrieri, demi kanuni, demi kalverini, kanuni bastardi, sagri u oħrajn.

Ta' min isemmi wkoll il-galjun li nbena fl-Olanda fl-1617 li fi żmienu kien l-isbaħ u l-iżjed b'saħħtu fil-Mediterran. L-Ordni ħallset għalih 60,000 skud tad-deheb u dan il-galjun għamel kemm-il rebħa fuq imriekeb tal-Mislem. F'La Rochelle ħa sehem kontra r-ribelli Luterani. Fl-1623 ir-Re Franċiż baqa' impressjonat b'dan il-galjun u ried kieku jixtrih iżda l-Ordni ma riditx u baqgħet tinqeda bih.

Il-galjuni tal-Ordni kienu jagħmlu xogħol ta' trasport ta' qamħ, ta' munizzjon u ta' nies. Kien hemm

Magic Steps
CHILDCARE CENTRE

Let your child grow in LOVE, CONFIDENCE & independence

CHILDREN ARE OUR FIRST PRIORITY YET WE ALSO AIM TO PROVIDE A SERVICE THAT FACILITATES THE PARENTS' BUSY SCHEDULES

WHY US?

- Open from:
  Monday to Friday 7:30am to 3:30pm &
  Saturdays open from 8:00am to 3:00pm
- Registered in the free childcare scheme
- Registered & Certified with DSWS & MEDE
- Bright, colourful, spacious & multi-sensory environment
- State of the art facilities includes custom designed play areas & various age-appropriate zones to cater for learning & development
- Highly Qualified & Experienced Staff
- Different Programme of Activities for all ages
- Interactive Learning through various Activities
- Children's profiles given every term so that parents are able to monitor achievements & progress
- Situated in a very accessible location in the outskirts of Xewkija which makes it easier for working parents
- After school hours 4pm to 7pm (up till 8 years old)*
- For easy access to the facility, Magic Steps has three reserved drop-off spaces outside its entrance
- Committed to ensuring children grow socially, physically, intellectually & emotionally while they are having fun

*AFTER SCHOOL HOURS:

- reading/literacy classes
- crafts and cooking sessions
- sports' sessions
- music/dancing classes

We aim to use the first floor of this premises for the benefit of parents as well, to organise activities in relation to parents' needs such as parenting skills programmes and fitness classes. Child-caring service at the childcare centre will be offered while the parents are attending the classes/sessions.

ALSO!!!

MAGIC STEPS SUMMER SCHOOL during the months of July, August and September for kids aged between 3 and 6 years. Very reasonable prices!

BIRTHDAY PARTIES AT MAGIC STEPS!

Use of premises and all its toys/equipment, Face painting, Crafts related to the birthday' theme, Dancing & Music, Story telling with animation, Party games, Bouncy castle, Water Pool/Ball Pool, Balloon Modelling, Various Food Packages

XEWKIJA INDUSTRIAL ESTATE, XEWKIJA, XWK 3000, GOZO, MALTA
T: 27320600 M: 77320600 E: magicstepsgozo@yahoo.co.uk

Electra
Guest House & Pizzeria
Bar & Restaurant



Moderate prices

Marsalforn Bay,
Tel: 21 556 196
21 555 666
Mob: 9984 5528

www.electraguesthouse.com

Donald Pace
*tal-Kuman*

Għal kull xogħol ta' kisi, tikħil, żebgħa, twaħħil ta' madum tal-art u tal-ħajt, membrane. eċċ



"Għajnun", St. Mary Str., Xewkija
Mob: 99859683 Tel: 21565592
Email: donaldp@go.net.mt




galjuni li kienu użati biex jittrasportaw il-morda f'xi emergenza. Iżda qabel kollox il-galjuni tal-Ordni għamlu suċċess wieħed wara l-ieħor fix-xogħol tal-kors. Il-ħila ta' Guidotti li kien il-Kaptan tas-San Giovanni baqgħet irreġistrata fid-dokumenti tal-Ordni. Il-ħidma tiegħu fl-Arċipelagu Grieg, fil-kosta tat-Turkija, tal-Eġittu u ta' Barbarija kontra kull qoxra tal-Mislem qabad għall-Ordni 450 ilsir u priża enormi li kienet tiġbor fiha perli u għadd kbir ta' muniti.

Barra l-galjuni l-Ordni ta' San Ġwann kellha wkoll il-galjunett, verżjoni iżgħar tal-galjun. Jekk il-galjun kien ilaħħaq tagħbija ta' 300 tunnellata, il-galjunett kien jgħabbi mitt tunnellata. Il-Mislem kellu l-galjunett tiegħu wkoll sa bejn wieħed u ieħor nofs is-seklu sbatax. Il-galjunett kien jixbah lill-galjun iżda kellu tlieta flok erba' arbli u kanuni inqas. Il-galjunett kien jintuża għat-trasport tal-qamħ, ta' munizzjon u ta' suldati. Ta' min jgħid li sa nofs is-seklu sbatax il-bastimenti l-kbar kienu jinbnew b'regoli empiriċi u mhux b'mod xjentifiku.

Fl-1620 galjunett Mislem kien attakkat minn ħames galeri tal-Ordni iżda baqa' jirreżisti għal sagħtejn sħaħ qabel ma ċeda. Inqatlu 50 ruħ u ttieħdu 62 ilsir minn fuqu. Ma rridx ninsa ngħid li dik id-darba l-galjunett kellu fuqu ekwipaġġ speċjali billi kien qed iġorr tagħbija injam.

Il-lista ta' rebħiet li kisbu l-galjunetti individwali tal-Ordni juru li swew tajjeb ħafna kontra dawk tal-Mislem. Fl-1543 l-iskwadra tal-galeri tal-Ordni qabdu galjunett tal-Mislem, inġieb Malta, sewwewh u daħħluh biex jissieħeb mal-flotta tal-Ordni u kellu bħala kaptan 'il-Fra Baldassare de Colans li kien magħruf bħala Baumes.

Fit-23 ta' Marzu 1544, dan l-imbierek galjunett mgħobbi sa ruħ ommu b'ħafna proviżjon u għadd ta' kavallieri fi triqtu lejn Tripli, iltaqa' ma' Morat Aga li ħadu f'idejh u rmunkah lejn Tripli. Dik kienet telfa kbira għall-Ordni u Baumes wara li nħeles mill-jasar baqa' jgħix f'Malta b'mistħija kbira mwaqqa' għaċ-ċajt saħansitra mit-tfal żgħar Maltin.

Strawberry Self Service

Ċanga Street,
Xewkija, Gozo
Tel: 21 555714

It's A Pleasure
to Serve You!

large variety of fresh fruits and vegetables

Il-Ġardina

Fresh and Artificial Flowers,
Flower Arrangements
Cater for Weddings, funerals and other occasions

Il-Ġardina, By The Bastion Road, Victoria, VCT2907, Gozo - Malta.
Tel: 2155 8502, 2155 9471 Mob: 79059651 Email: ilgardina@yahoo.com



# JASON SALIBA

## THE BLACK SMITH









- GATES
- SPIRAL STAIRS
- BALCONIES
- STAIRCASES
- PREGNANT WINDOWS

'Mafred Hse' Grunju Street, Nadur

M: 7920 8915

E: jasonsalibametalworks@gmail.com

*Designed for your specifications!*










# ĠWANNI L-BATTISTA JBATI MINĦABBA S-SEWWA! EŻEMPJU GĦAD-DIXXIPLI TA' SIDNA ĠESÙ KRISTU

BENNIE MERCIECA
*membru tas-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M.*

Huwa fatt li kull bniedem, sew jekk Nisrani u sew jekk mhux, ġurnata jew oħra, f'ħin jew ieħor, ikollu jġarrab xi forma ta' tbatija, trattament inġust, persekuzzjoni, tfixkil, eċċ. Dan tixhdu mhux biss l-esperjenza tal-ħajja, iżda wkoll l-istess Bibbja, il-Kelma t'Alla miktuba u ispirata.

## PREVIŻJONIJIET BIBLIĊI

Sidna Ġesù Kristu nnifsu ħabbar trattament inġust għad-dixxipli tiegħu: "Dawn il-ħwejjeġ għedthomlkom ħalli bija jkollkom is-sliem. Fid-dinja tbatu jkollkom. Iżda, agħmlu l-qalb: jiena rbaħt id-dinja!" (Ġw. 16, 33)

U x'ried l-Iben t'Alla nnifsu jfisser bil-kelma 'tbatija'? Nirriflettu kliemu stess: "Ikeċċukom 'il barra mis-sinagogi, mhux biss, imma tasal is-siegħa meta min joqtolkom jaħseb li jkun qiegħed jagħti qima lil Alla. Dan jagħmluh għax la għarfu lill-Missier u lanqas lili. Imma dan kollu għedtulkom biex, meta tasal is-siegħa li jagħmlulkom dan, tiftakru li jiena għedtulkom." (Ġw. 16, 2-4)

L-istess Appostlu Missierna San Pawl jitkellem ċar fuq il-fatt li d-dixxiplu ta' Kristu jkollu jbati: "U dawk li jridu jgħixu ħajja tajba fi Kristu Ġesù, ilkoll jgħaddu mill-persekuzzjoni." (2 Tim. 8, 12).

Anke l-Appostlu San Ġakbu jitkellem b'ċertezza dwar l-esperjenza tat-tbatija għal min irid jimxi wara Kristu: "Ħuti, għoddu kollox b'ferħ meta tħabbtu wiċċkom ma' kull xorta ta' tiġrib, għax għandkom tkunu tafu li t-tiġrib tal-fidi tagħkom inissel is-sabar." (Ġak. 1, 2-3)

Imbagħad, l-Appostlu San Pietru, bi kliem ċar, jassigurana li bħala dixxipli ta' Kristu jkollna ngħaddu mit-tbatija: "X'merti jkollkom li tieħdu bis-sabar is-swat meta tkunu għamiltu l-ħażen? Imma jekk tagħmlu t-tajjeb u ssofru t-tbatija bis-sabar, din tkun grazzja quddiem Alla. Għal dan kontu msejħa għax Kristu wkoll bata għalikom u ħallielkom eżempju biex timxu fuq il-passi tiegħu. Hu li ma kien għamel l-ebda dnub u ebda qerq ma nstab f'fommu." (1 Pt. 2, 20-22)

## IR-REAZZJONIJIET TAD-DIXXIPLU TA' KRISTU

Kif għandu d-dixxiplu ta' Kristu jġib ruħu quddiem it-tbatija inġusta u l-persekuzzjoni? Jagħtina tweġiba ċara l-istess San Pietru: "Jekk stess tbatu minħabba s-sewwa, henjin intom! Tibżgħux minnhom u titħawdux! (1 Pt. 3, 14) Niftakru li l-biża' u t-taħwid fil-moħħ huma reazzjonijiet umani normali quddiem it-tbatija!

Anke l-istess Ġwanni l-Battista, bniedem ta' qdusija unika, kellu jġarrab dawn l-emozzjonijiet. Iżda, hu rnexxielu jirbaħ mill-ġdid fih l-ekwilibriju mentali u emozzjonali u jżomm sod fil-prinċipji u l-ideali tiegħu sal-aħħar, sal-martirju! Ejjew għalhekk nirriflettu fuq l-imġiba ta' Ġwanni l-Għammiedi u nitgħallmu minnu kif aħna, għax dixxipli tal-Mulej Ġesù Kristu, għandna nġibu ruħna quddiem it-theddid, it-tbatijiet, it-trattamenti inġusti, il-persekuzzjonijiet, eċċ.



## ĦAJJET ĠWANNI L-BATTISTA U L-IMPENN TIEGĦU

Aħna nafu li Ġwanni l-Battista kien bniedem ta' qdusija għolja ħafna. Nisimgħu lill-istess Sidna Ġesù Kristu jitkellem fuq il-qdusija unika ta' Ġwanni, fuq ħajtu u fuq l-impenn kostanti tiegħu għax-xandir tal-verità: "Xi ħriġtu taraw fid-deżert? Qasba tixxejjer mar-riħ? Xi ħriġtu taraw? Raġel liebes fin? Dawk li jilbsu fin fil-palazzi tas-slaten issibhom. Mela xi

ħriġtu taraw? Profeta? Iva, ngħidilkom, anzi xi ħaġa iżjed minn profeta. Dan hu li fuqu hemm miktub, 'Ara, jiena nibgħat qablek il-ħabbar tiegħi biex iħejji triqtek quddiemek.' Tassew ngħidilkom, li fost ulied in-nisa ħadd ma qam akbar minn Ġwanni l-Battista." (Matt. 11, 7-11a)

Però, minkejja dawn il-kwalitajiet sopranaturali eċċezzjonali, Ġwanni xorta waħda kellu jħabbat wiċċu mat-tfixkil, ma' trattamenti inġusti. Kellu jġarrab saħansitra l-esperjenza iebsa u krudila tal-ħabs! Forsi nistaqsu, imma għaliex Ġwanni l-Għammiedi kellu jgħaddi minn dan kollu? Jekk nirriflettu sew dak li hemm miktub fl-Evanġelju, nistgħu nsibu żewġ raġunijiet ewlenin li minħabba fihom is-Sultan Erodi bagħat lil Ġwanni fil-ħabs.

**L-ewwel raġuni**: Ġwanni kien sar wisq popolari man-nies. Dan jista' jiġi kkonfermat fil-ġrajjiet li ġraw wara l-mewt ta' Ġwanni, kif naqraw fl-Evanġelju ta' San Mark. Aktar ma Ġesù beda jsir magħruf, in-nies bdiet aktar tassoċjah ma' Ġwanni l-Battista, li Erodi kien qatel. Ġwanni l-Għammiedi kien rebaħ il-fiduċja u l-lealtà tal-poplu permezz ta' ħajja koerenti u onestà kuraġġjuża. Il-massa tan-nies kienet taf bil-ħmieġ ta' ħajjet Erodi. Għalhekk, ma setgħux ma jwarrbux lil Erodi u jmorru wara Ġwanni. Quddiem din il-popolarità ta' Ġwanni, Erodi ħass li ma kellux għażla oħra ħlief li jarresta lil Ġwanni u jitfgħu fil-ħabs!

Jikteb l-Evanġelista San Mark: "Is-sultan Erodi sama' bih, għax ismu kien sar magħruf u xi wħud bdew jgħidu: 'Ġwanni l-Battista qam mill-imwiet; minħabba f'hekk li s-setgħat tal-mirakli qegħdin jaħdmu fih.' Imma oħrajn bdew jgħidu: 'Dan Elija.' U oħrajn: 'Profeta, bħal wieħed mill-profeti l-oħra.' Iżda Erodi, meta sama' bih, qal: 'Ġwanni l-Battista, li jien qtajtlu rasu, hu qam mill-mewt." (Mark 6: 14-16)

**It-tieni raġuni**: Ġwanni kien ixandar l-verità 'bil-miftuħ iżżejjed u dirett !' U dan kollu kien jimbarazza ferm lil Erodi! Jikteb l-Evanġelista San Mark: "Għax kien Erodi stess li bagħat jarresta lil Ġwanni u qaflu fil-ħabs minħabba Erodja, mart ħuh Filippu, billi kien iżżewwiġha hu. Għax Ġwanni lil Erodi kien jgħidlu: "Ma tistax iżżommha int il-mara ta' ħuk." Għalhekk Erodja saret tobogħdu u kienet trid toqtlu imma ma kinitx tista' għax Erodi, li kien jaf x'raġel tajjeb u qaddis kien Ġwanni, kien jibża' minnu u kien iħarsu mill-għawġ u kien iħobb joqgħod jisimgħu, għad li kien jibqa' mħasseb ħafna wara li jisimgħu." (Mark 6, 17-20)

Quddiem l-arrest ta' Ġwanni l-Għammiedi, aħna nistgħu forsi nitfixklu u nitħawdu: X'delitt għamel Ġwanni biex jiġi mixħut fil-ħabs? X'tort kellu li kien sar hekk popolari man-nies u li kien ixandar bil-



Il-Magħmudija ta' Kristu, Andrea del Verrocchio,
Galleria delli Uffizi, Firenze

miftuħ u dirett il-verità kif kienet? Imma bħal Kristu Ġesù li kellu jbati għalkemm ma kellu ebda ħtija, Ġwanni wkoll kellu jbati minħabba s-sewwa!

## IT-TBATIJA FIŻIKA, MENTALI U EMOZZJONALI TA' ĠWANNI L-GĦAMMIEDI

Skont studjużi tal-Bibbja, fl-ambjent kiesaħ u mudlam tal-ħabs, Ġwanni bata mhux biss fiżikament, iżda wkoll mentalment u emozzjonalment!

- Hu li kien għex fil-beraħ tad-deżert, issa kien sfurzat li jgħix fid-dalma tal-ħabs, fl-ispazju ristrett bejn l-erba' ħitan kiesħa taċ-ċella!
- Ġarrab agunija kontinwa ta' tbatija emozzjonali u mentali. Għalhekk, ma setax jonqos li f'dan l-istat ta' deżolazzjoni fil-ħabs, l-ispirtu qaddis u l-karattru qawwi ta' Ġwanni, bħal donnu ġew taħt pressjoni kbira u bdew jidhru li ser jikkrollaw; bdew deħlin dubji li jtellfulu s-serenità mentali tiegħu!
- Beda jsaqsi lilu nnifsu: X'inhu jżommu lil Kristu li jwaqqaf is-saltna tiegħu? Tgħid Ġesù Kristu hu l-veru Messija jew le? Ħajti ħlejtha fix-xejn? Ser immut fil-ħabs għall-ebda mottiv?
- Huwa għalhekk li f'dan l-istat emozzjonali intens, Ġwanni mill-ħabs, iħoss il-bżonn li jibgħat lid-dixxipli tiegħu biex jistaqsu lil Ġesù nnifsu. Jikteb l-Evanġelista San Mark: "Ġwanni, li kien fil-ħabs sama' bl-għemejjel tal-Messija u bagħat għandu tnejn mid-dixxipli tiegħu u qallu: 'Inti huwa dak li

għandu jiġi jew nistennew lil ħaddieħor?' " (Matt. 11, 2-3).

### ISPIRAZZJONIJIET MILL-IMĠIBA TA' ĠWANNI L-GĦAMMIEDI

Jista' jiġri lilna wkoll, li għax inkunu ġibna ruħna b'mod onest u korrett bħala dixxipli ta' Ġesù Kristu, jkollna ngħaddu minn xi esperjenzi iebsa ta' tbatija, ta' taqtigħ il-qalb u forsi anke ta' dalma tal-moħħ! Jistgħu jibdew deħlin f'moħħna dubji u biża', mistoqsijiet li ma jkollniex tweġiba għalihom u sitwazzjonijiet li ma jkunx hemm kawża u raġuni għalihom!

Imma, niftakru fi Ġwanni l-Għammiedi. Jekk hu, minkejja li kien bniedem ta' dik il-qdusija kollha, li Kristu qal ukoll għalih li kien "musbieħ jixgħel u jiddi" (Ġw 5, 35), kellu jgħaddi minn dawn il-mumenti diffiċli, iżda żamm sħiħ sa ma ħa l-martirju, hekk aħna, fuq l-eżempju tiegħu, għandna nżommu sodi sal-aħħar fil-fidi, nibqgħu qawwija fit-tama u nipperseveraw fl-imħabba mħeġġa tagħna lejn l-Imgħallem tagħna, Sidna Ġesù Kristu!

### GĦALHEKK

- Nevitaw li negħrqu fl-imrar, li nixegħlu bil-mibegħda jew li nitkebbsu bir-rabja!
- Nitfarrġu bil-fatt li bħal Ġwanni u bħall-istess Kristu, qed inbatu minħabba s-sewwa! Dan għandu jkun għalina fonti ta' faraġ, kuraġġ u kunfidenza.
- Niftakru li Alla qatt ma jabbandunana u żgur jippermetti li fl-aħħar l-verità tirbaħ!
- Ngħassu fuq l-attitudnijiet li nistgħu nieħdu għax faċli li meta nkunu mweġġa' nibdew nitħassru lilna nfusna, inwaħħlu f'xi ħadd, nippanikjaw jew saħansitra nlumu lil Alla nnifsu! Dawn l-attitudnijiet negattivi, faċilment jistgħu jiżvijawna milli nkomplu nkunu dixxipli leali u xhieda awtentiċi tal-Mulej Ġesù Kristu!
- Nitolbu biex meta bħal Ġwanni nkunu għaddejjin mill-esperjenza 'tal-ħabs', nimxu fuq l-eżempju ta' Kristu, il-mudell tagħna, li aċċetta bla kundizzjoni l-pjan ta' Alla għalih u bħalu nistqarru u ngħidu: 'Mhux kif irridu aħna, imma kif irid Alla jsir minna; tkun magħmula r-rieda t'Alla!'
- Nibqgħu nżommu ċar f'moħħna l-iskop ewlieni tagħna li nogħġbu lil Alla, filwaqt li naqsmuh ma' ħbieb li huma spiritwali. Ġwanni, għalkemm kien fil-ħabs, baqa' jżomm xi forma ta' kuntatt mad-dixxipli tiegħu u bagħathom jistaqsu lil Ġesù! Għax meta nżommu l-kumpanija ta' ħbieb sinċieri u spiritwali, dan jgħinna biex inżommu sodi fil-prinċipji tagħna, nitkebbsu fit-tama u nimtlew b'kuraġġ reċiproku.
- Nitolbu biex jirnexxilna nibdlu l-isfida tal-persekuzzjoni, f'opportunità li tgħinna nikbru spiritwalment. Nieħdu l-parir ta' San Pietru l-Appostlu: "Għalhekk għandkom għax tifirħu mqar jekk issa, għal ftit żmien ieħor, jeħtiġilkom titnikktu taħt ħafna provi. Bħalma d-deheb li jintemm, jgħaddi mill-prova tan-nar, hekk tgħaddi mill-prova l-fidi tagħkom, li tiswa aktar mid-deheb, biex ikun jistħoqqilha tasal għat-tifħir, għall-glorja, u għall-ġieħ, meta jidher Ġesù Kristu." (1 Pt. 1, 6-7).
- L-attitudni pożittiva tagħna quddiem it-tbatija inġusta ssaħħaħna fl-imħabba tagħna lejn Kristu u tgħinna nikbru mentalment, emozzjonalment u anke spiritwalment!
- Niftakru li aħna qegħdin fi vjaġġ: irridu nimxu l-ħin kollu 'l quddiem, biex naslu fid-destinazzjoni tagħna, li niltaqgħu ma' Alla biex Hu jilqagħna bil-kelmiet sbieħ: "Bravu, qaddej tajjeb u fidil… ħu l-premju li tassew jistħoqqlok!" (Mt. 25, 21)
- Li nbatu minħabba s-sewwa, għandu jimliena bil-ferħ u bil-paċi t'Alla! Kristu stess qalilna: "Jekk tbatu minħabba s-Saltna t'Alla, henjin intom…" (Mt. 5, 10)

### GĦELUQ

Fit-Testment il-Qadim, Alla l-Imbierek, minn kmieni ħafna, ħabbar lill-Profeta Ħabakkuk dwar it-tbatijiet li kellu jġarrab minħabba l-invażjoni Babiloniża. U għalkemm il-Profeta ffaċċja l-futur mimli biża', però, kebbes fih fidi qawwija f'Alla. Hekk esprima l-biża' tiegħu: "U mqar jekk ebda nwar ma trodd it-triq u xejn ma jagħtu d-dwieli u l-frott taż-żebbuġ iqarraq u r-raba' xejn ma jibqa' jrodd għall-ikel u l-merħla tgħib mill-mandra u bhejjem ma jkunx hemm fl-istalel…"(Ħab 3, 17). Il-Babiloniżi kienu ġejjin fuqu b'rabja u furja tal-biża' biex jeqirdu u jġibu kollox fix-xejn.

Iżda hu żamm fih tixgħel il-fiduċja tiegħu f'Alla: "Jiena xorta waħda nifraħ fil-Mulej, nithenna f'Alla s-salvazzjoni tiegħi! Il-Mulej Sidi huwa l-qawwa tiegħi; riġlejja jagħmilhomli bħal taċ-ċerv u fuq l-għoljiet jeħodni." (Ħab 3, 18-19)

Ejjew, aħna wkoll, bħall-Profeta Habakkuk, filwaqt li nbatu minħabba li aħna dixxipli ta' Kristu, nafdaw f'Alla, nittamaw fiH, nintelqu fi ħdanu, waqt li nitolbu kif talab hu. B'hekk, nagħtu glorja lil Alla u ġieħ lil Ġwanni l-Għammiedi!

INIZJATTIVI PASTORALI

# "MULEJ, GĦALLIMNA NITOLBU" SKOLA TA' TALB

ARĊIPRIET MONS DANIEL XERRI

Fil-ħajja tal-Knisja llum qed tingħata dejjem aktar importanza lill-katekeżi tal-adulti. Dan għaliex il-formazzjoni fil-fidi neħtiġuha mhux biss meta nkunu għadna żgħar, biex nagħmlu l-ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof, imma wkoll meta nikbru. Il-formazzjoni nisranija tagħna trid tibqa' sejra ħajjitna kollha. Jekk nieqfu nitgħallmu, nieqfu nikbru; u jekk nieqfu nikbru, immutu. Din tissejjaħ formazzjoni permanenti u sseħħ, fost l-oħrajn, permezz ta' katekeżi regolari mibnija fuq il-Kelma ta' Alla.

Diġà fl-1979, il-Papa Ġwanni Pawlu II kien qal: "Il-fidi tal-adulti trid tibqa' kontinwament tiġi mdawla, stimulata u mġedda, b'tali mod li tkun tista' tagħti togħma lir-realtajiet umani li tagħhom huma responsabbli. Għalhekk, biex il-katekeżi tkun effettiva, trid tkun permanenti, u kienet tkun għalxejn kieku kellha tieqaf fuq l-għatba taż-żgħożija, għaliex il-katekeżi, għalkemm taħt forma differenti, mhijiex inqas meħtieġa għall-adulti." (*CT*, 43).

Biex inwieġbu għal din is-sejħa tal-Knisja, din is-sena fil-parroċċa tagħna bdejna esperjenza ġdida ta' katekeżi għall-adulti, li sejjaħnielha **Skola ta' Talb**. Din tikkonsisti f'laqgħa ta' talb madwar il-Kelma ta' Alla, darba fil-ġimgħa, miftuħa għal kulħadd. F'dawn il-laqgħat, li qed isiru fil-knisja kull nhar ta' Tlieta fis-7.00 ta' filgħaxija, qed tingħata katekeżi fuq it-talb, bil-għan li nitgħallmu nitolbu aħjar. Bħall-ewwel dixxipli qed inpoġġu lilna nfusna f'riġlejn il-Mulej u l-Imgħallem tagħna u nitolbuh jgħallimna nitolbu.

F'din l-inizjattiva konna mnebbħin minn dak li qalilna Papa Ġwanni Pawlu II fil-bidu tal-millennju l-ġdid: "Il-ħajja nisranija tiddistingwi ruħha l-aktar fl-**arti tat-talb**... Jeħtieġ nitgħallmu nitolbu: bħallikieku qegħdin nitgħallmu din l-arti b'mod dejjem ġdid minn fomm l-Imgħallem Divin innifsu, bħall-ewwel dixxipli: "Mulej, għallimna nitolbu" (Lq 11,1) (*NMI*, 32).

Il-Papa jgħid li l-għatx għat-talb huwa wieħed mis-sinjali ta' żminijietna: "Mhuwiex forsi dan 'wieħed mis-sinjali taż-żminijiet' li jidhru fid-dinja tal-lum, li minkejja s-sekularizzazzjoni fil-forom kollha tagħha, insibu wkoll imxerred ma' kullimkien **għatx kbir għall-ispiritwalità**, li fil-biċċa l-kbira tiegħu jesprimi ruħu fi **bżonn ġdid tat-talb**? Anke r-Reliġjonijiet l-oħra, imxerrda saħansitra fil-pajjiżi ta' tradizzjoni Kristjana antika, joffru t-tweġiba tagħhom għal dan il-bżonn u xi drabi jagħmlu dan b'mod li jiġbdek. Imma aħna, li għandna l-grazzja li nemmnu fi Kristu, dak li jurina lill-Missier u li hu s-Salvatur tad-dinja, għandna d-dmir li nuru liema profondità tista' twassalna għaliha r-relazzjoni tagħna miegħu." (*NMI*, 33).

Hawnhekk il-Papa jagħmel sejħa biex il-komunitajiet insara jkunu verament skejjel ta' talb: "Iva, ħuti għeżież, il-komunitajiet insara tagħna jeħtieġ li jsiru **skejjel ġenwini ta' talb**, fejn il-laqgħa ma' Kristu ma tesprimix ruħha biss fit-talba għall-għajnuna iżda wkoll fir-radd ta' ħajr, fit-tifħir, fl-adorazzjoni, fil-kontemplazzjoni, fis-smigħ, fil-ħeġġa tas-sentimenti, sakemm il-qalb 'tintilef fl-imħabba'. Talb intens, iva, imma li ma jaqtagħniex mill-impenn tagħna fl-istorja: għax waqt li jiftħilna qalbna għall-imħabba ta' Alla, jiftħilna wkoll qalbna għal ħutna u jagħtina l-qawwa biex insawru l-istorja skont il-pjan ta' Alla." (*NMI*, 33)

Imbagħad il-Papa qaddis ikompli jfakkarna li t-talb mhuwiex xi ħaġa ta' ftit nies privileġġjati imma huwa dmir u bżonn ta' kull nisrani. "Ċertament għat-talb huma msejħin b'mod partikulari dawk li rċevew il-grazzja tal-vokazzjoni għall-ħajja ta' konsagrazzjoni speċjali... Imma jkun żball jekk naħsbu li l-insara komuni jistgħu jikkuntentaw ruħhom b'talb superfiċjali, li mhux kapaċi jimlielhom ħajjithom. Speċjalment quddiem il-ħafna provi li d-dinja tal-lum tpoġġi quddiem il-fidi, huma jkunu mhux biss insara medjokri, imma 'insara fil-periklu'. Fil-fatt, ikunu qed jirriskjaw li jaraw il-fidi tagħhom tiġi fix-xejn u jispiċċaw biex iċedu għat-tlellix ta' ħwejjeġ li




jistgħu jeħdulha postha billi jilqgħu proposti reliġjużi oħra u saħansitra jċedu għal diversi forom ta' superstizzjoni." U jkompli jgħidilna: "Huwa meħtieġ għalhekk li **l-edukazzjoni għat-talb** tingħata b'mod jew ieħor post importanti f'kull programmazzjoni pastorali." (*NMI*, 34). Dan hu li, bl-għajnuna ta' Alla, qed nippruvaw nagħmlu bħala parroċċa.

Imma din l-Iskola ta'Talb, li ser tieħu madwar sena, hija maħsuba biex tħejjina għal esperjenza oħra ġdida li, jekk Alla jrid, bi ħsiebna nibdew is-sena d-dieħla. Hija l-esperjenza tal-**Lectio Divina**, li tikkonsisti filli nidħlu aktar fil-fond tal-Kelma ta' Alla u nitgħallmu nitolbu bl-Iskrittura. Hemm il-ħsieb li nipproponu żewġ gruppi, wieħed għall-koppji miżżewġin u l-ieħor għal kulħadd, li fihom nieħdu kull darba silta mill-Iskrittura Mqaddsa u kif jgħidilna l-Papa Benedittu XVI, nippruvaw "nagħsruha u neħdulha s-sugu tagħha kollu biex naraw xi jrid jgħidilna l-Mulej permezz tagħha għal ħajjitna llum."

Waqt li nkomplu nitħejjew għal dawn l-esperjenzi sbieħ, li nemmen il-Mulej qed isejħilna għalihom, ejjew bħala komunità parrokkjali nkomplu nifhmu l-importanza u l-ħtieġa tal-katekeżi tal-adulti. Ejjew fuq kollox nkomplu nitħeġġu u nixxenqu lkoll kemm aħna, b'mod veru u profond, għat-talb u għall-Kelma ta' Alla. Hija din il-Kelma li tibnina u tiffurmana bħala komunità ħajja ta' dixxipli madwar Ġesù.


**STELLA MARIS GARAGE**

**TRIQ TAL-FENEK,**
**GĦASRI, GOZO.**



**Auto & Commercial Mechanic,**
**Car service, Panel Beating & Spray**
**Painting, Metal Sandblasting,**
**Hydraulic Repair and Hoses,**
**Fitting of High-Ups and more...**

**CALL MARK ZAMMIT**
**TEL: 21565366**
**MOB: 79053633**






Il-bank tiegħek fil-qalb tal-komunità

L-HSBC huwa l-bank li jinsab fil-qalba tal-komunità tiegħek. B'għarfien internazzjonali u esperjenza lokali, aħna nistgħu ngħinuk tieħu ħsieb aħjar il-finanzi tiegħek. Il-fergħat tagħna huma miftuħin kuljum f'diversi lokalitajiet madwar Malta u Għawdex, b'xi wħud mill-fergħat joffru wkoll servizz ta' filgħaxija.

Għalhekk ejja żurna u flimkien niddiskutu l-bżonnijiet bankarji tiegħek. L-impjegati tagħna, kollha mħarrġa fil-*customer service* u mmexxija minn *branch manager* b'esperjenza kbira fil-qasam bankarju jinsabu ħerqana biex ikunu ta' servizz għalik.

Ċempel **2380 2380**
Żur **hsbc.com.mt**
Mur **fl-eqreb fergħa**

HSBC

Approvat u maħruġ mill-HSBC Bank Malta p.l.c. 116, Triq l-Arċisqof, Valletta VLT1444.

INIZZJATTIVI PASTORALI

# L-ESPERJENZA TAL-GRUPPI TAL-ADOLOXXENTI U Ż-ŻGĦAŻAGĦ

DJAKNU JOSEPH HILI

Matul din l-aħħar sena pastorali, il-parroċċa tagħna rat il-bidu ta' tliet gruppi tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ. It-tliet gruppi jvarjaw skont l-età fejn hemm grupp li jilqa fih adolexxenti bejn form 2 u 3, grupp ieħor ta' form 4 u 5 u grupp ta' żgħażagħ bejn 16-18 -il sena. L-iskop ta' dawn il-gruppi l-ewwel u qabel kollox hu li noffru formazzjoni lil dawn l-adolexxenti u ż-żgħażagħ. Formazzjoni umana kif ukoll spiritwali li ssir fi ħdan il-komunità biex anke dawn il-persuni jħossuhom parti sħiħa mill-parroċċa u l-ħidma tagħha ta' matul is-sena. Dawn il-persuni huma l-futur tar-raħal tagħna u għalhekk bħala parroċċa u Xewkin għandna nħossu d-dmir li jkollna gruppi bħal dawn li fihom tkun teżisti din il-formazzjoni fil-komunità.

Hija espejenza li għadha fil-bidu però kienu l-adolexxenti tagħna stess li jħeġġuna biex din l-esperjenza titkompla u tissaħħaħ. Mhuwiex faċli li torganizza dawn il-gruppi għaliex trid ħafna xogħol u impenn ta' kull ġimgħa u iktar. Żgur li l-esperjenza ma kinitx tkun possibli kieku ma kienx għal xi persuni li meta avviċinati mill-Arċipriet offrew il-ħin u l-għajnuna kollha għal dan l-iskop. Minn hawn nixtieq nirringrazzjahom mill-qalb. Hija sfida għalina wkoll il-post li fih iridu jsiru dawn il-laqgħat. Kien għalhekk li dan l-aħħar tajna bidu għall-proġett taċ-Ċentru parrokjali biex jiġi adattat għall-bżonnijiet tal-lum biex propju jkun post atrezzatt b'kull ma hemm bżonn għall-gruppi ta' dan it-tip.

Waqt li mill-ġdid nirringrazzja lill-animaturi li jagħtu l-ħin tagħhom għal dan il-għan nagħmel sejħa lilkom ġenituri li għandkom tfal f'din il-faxxa ta' eta biex tgħinuna nkomplu nwettqu din il-ħidma billi tħeġġuhom jattendu. Persważ li jekk niġbdu ħabel wieħed inkunu nistgħu ntejjbu l-esperjenza li bdiet din is-sena u l-gruppi li għandna jkomplu jikbru u jimmaturaw. Grazzi kbira tmur ukoll lil dawk li jiffurmaw l-istess gruppi, l-adolexxenti u ż-żgħażagħ innfushom li jattendu. Jalla dak li nbeda din is-sena jkun il-bidu ta' ħafna aktar snin ta ħidma fil-parroċċa għall-formazzjoni sħiħa tal-ġenerazzjonijiet futuri tagħna.



## KUMMENTI TAL-ADOLOXXENTI...

### FORM 2-3

1. Ħadna ħafna gost fil-grupp, stajna nilagħbu flimkien bħala ħbieb u b'hekk saħħaħna l-ħbiberiji.
2. Nieħdu ħafna gost u nixtieq li ħafna aktar adoloxxenti jingħaqdu magħna.
3. Nieħdu ħafna gost niddiskutu flimkien u noħorġu b'ħafna ideat, nixtieq inħeġġeġ adoloxxenti oħra sabiex jattendu.
4. Ħadna ħafna pjaċir, fil-laqgħat dejjem niddiskutu affarijiet ġodda u interessanti.

### FORM 4-5

1. Il-laqgħa għenitni biex minbarra li nieħu pjaċir niltaqa' ma' adoloxxenti oħra u nibni relazzjoni aktar b'saħħitha mal-familja tiegħi. *(Nicole Grima)*
2. Xewkija Teens għinni billi għallimni x'għandi nagħmel f' deċizjonijiet li kont indeċiża minkhom. Għinni wkoll biex ma nistħix minn ħaddieħor; *selfesteem* tajjeb u naħdem f'grupp, nesprimi l-opinionijiet tiegħi u naċċetta kritika u opinjonijiet ta' ħaddieħor ħalli nitgħallem minnhom. Jiena nirrakkomanda li żgħażagħ oħra bħali biex jattendu għal dawn il-laqgħat għax vera jkunu interessanti u mhux ta' min jitlifhom. *(Sandie Falzon)*

3. Inħoss li b'dan il-grupp ħajti nbidlet għall-aħjar; għax inkun nistenna nhar ta' Ġimgħa jasal biex niltaqa` ma' sħabi Xewkin u nqatta` ftit ħin magħhom filwaqt li dejjem nitgħallmu xi ħaga differenti u ġdida u jkollna attivitajiet sbieħ u interessanti li qabel qatt ma kellna.... *(Emily Azzopardi)*

4. Waqt il-laqgħa jien nieħu ħafna gost. Barra minn hekk iħossni aċċettata fil-grupp u nħossni li nista` nipparteċipa u naqsam l-opinjoni tiegħi mal-oħrajn. *(Celine Pace U Janica Curmi)*

5. Xewkija Teens għenni nissoċjalizza u nsir naf aktar adoloxxenti tampari mix-Xewkija. Kienu diversi l-attivitajiet. Iżda l-aktar waħda li ser nibqa' nġorr tul ħajti hija meta nġbarna flimkien bħala grupp u ċċelebrajna l-Ewkaristija ġo għar fix-Xagħra fil-preżenza ta' Ġesù tarbija biex infakkru l-ġrajja tal-Milied Qaddis.
*(Emma Buttigieg, Joseph Cefai, Ylenia Bonnici)*

6. Jien inħossni aċċettat ħafna, bħal per eżempju meta aħna nagħmlu xi diskussjoni jien inħossni liberu li nista` nesprimi ruħi mingħajr il-biżà li jwaqqafni jew jinjorani xi ħadd. *(Keith Xuereb)*

7. Sinċerament naħseb li t–tagħlim li ħadt mil-laqgħat li nattendi ser nibqà nġorru tul ħajti kollha. Kienu diversi t-temi li tkellemna fuqhom; iżda l-aktar li għoġbuni kienu dawk dwar l-imħabba, relazzjonijiet kif ukoll kif għandi nġib ruħi meta nkun fil-preżenza tas-sess oppost. Il-fatt li qegħdin grupp imħallat għinni biex negħleb il-mistħija li kelli u jirnexxili nitkellem u




naqsam il-ħsibijiet tiegħi anke meta naf li forsi ser ikun hemm min ma jaqbilx miegħi. Għamilt ħbieb ġodda u jkolli sebà mitt sena sakemm jasal il-Ġimgħa biex niltaqà magħom. Grazzi lill-animaturi tagħna Marlene u Gordon kif ukoll lil Joseph Hili, li kienu ta' għajnuna kbira għalina. *(Gabriella Saliba)*





# Maria Assunta Grima

**Għal xogħol ta' legatura, tiswija ta' kull tip ta' kotba, rumanzi,**
*Magazines* **u** *Dissertation*

**"Bienvenu", 5, Sannat Road, Xewkija - Għawdex** **Tel: 21555339** **Mob: 79555339**

## ĦIDMET GĦAQDIET RELIĠJUŻI

# GĦAQDA ABBATINI XEWKIJA

MATTHEW ATTARD

***Prefett***



### IS-SAJF MHUX DIVERTIMENT BISS....... IŻDA ĦIDMA WKOLL

Is-sajf 2016 kien perjodu li fih aħna l-abbatini waqafna mir-ritmu tal-istudju akkademiku u organizzajna attivitajiet fejn stajna niddevertu b'mod tajjeb u ngħaddu aktar ħin flimkien. Matul dan il-perjodu organizzajna *night hike* fil-21 ta' Lulju fejn tlaqna mill-Knisja tal-Patroċinju ġewwa l-Għasri u bqajna sejrin sa Marsalforn. F'Awwissu ġie organizzat barbikju ġewwa Ħondoq ir-Rummien fejn l-abbatini u l-ġenituri tagħhom setgħu jqattgħu ftit ħin ma' xulxin. Awwissu fisser ukoll impenn minna l-abbatini meta ġejna msejħa biex nagħtu daqqa t'id f' xi xogħol ta' tindif u żbarazzar li kien hemm bżonn isir fil-knisja. Kien tassew ta' sodisfazzjon tara diversi abbatini li kkonkorrew bi ħġarhom għas-sejħa li saritilhom.



### ATTIVITA` TA' *FUNDRAISING* B'RISQ L-ABBATINI

Waqt il-ġranet li fihom il-parroċċa kienet qed tiċċelebra l-festa tal-Martirju ta' San Ġwann Battista, l-abbatini bl-għajnuna ta' diversi ġenituri organizzaw *bake sale* b'risq il-fond tal-abbatini. Kien hemm varjeta` kbira ta' pasti u ħlewwiet magħmula minn diversi dulċiera kif ukoll mill-familjari tal-istess abbatini. Apprezzajna ħafna l-appoġġ li wrew diversi parruċċani lejn din l-inizjattiva tagħna billi ġew u xtraw il-prodotti li kellna għall-bejgħ.



### *LIVE-IN*

Bejn il-31 t' Awwissu u t-2 ta' Settembru sar il-live-in annwali f'Malta. Dan serva biex l-abbatini jsiru jafu lil xulxin aktar mill-qrib u b'hekk tiżdied il-ħbiberija bejniethom. Fost ħafna attivitajiet li saru, l-abbatini tagħna żaru l-festa ta' Santa Katerina fiż-Żurrieq, il-gżejjer ta' San Pawl, l-istazzjon tal-PBS, kif ukoll il-Falconry Malta. Kienu tlett ijiem tassew interessanti u edukattivi u żgur li ser jibqgħu fil-memorja ta' dawk kollha li attendew għal dan il-*live-in*!!



### MUMENTI TA' SPIRITWALITÀ

Fl-okkażjoni tal-kwaranturi, l-abbatini kellhom ftit ħin ta' adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija. Din l-adorazzjoni kienet immexxija mis-Seminarista Joseph Hili. Imbagħad matul ir-Randan, l-abbatini tagħna kellhom attività fejn mal-istess Seminarista għamlu l-Via Sagra fuq l-għolja ta' Għammar.



### ŻMIEN IL-MILIED

Fil-perjodu ta' bejn il-Milied u l-Ewwel tas-Sena l-parroċċa ħadet ħsieb li torganizza attività flimkien mal-ġenituri tagħna. Din kienet tikkonsisti f'quddiesa f'għar fix-Xagħra. Wara l-quddiesa l-Arċipriet ta rigal lil kull abbati bħala rikonoxximent għas-servizz li jagħmel kull wieħed matul is-sena fil-parroċċa. Wara saret ukoll ikla tal-Milied, fejn ilkoll stajna ngħaddu ftit ħin fil-kumpanija ta' xulxin.

### MERĦBA JOSEPH!

Ilkoll fraħna fil-bidu ta' Settembru bl-aħbar li fil-parroċċa tagħna kien ser jintbagħat is-Seminarista Joseph Hili sabiex ikun jista' jgħin fil-formazzjoni taż-żgħażagħ u l-adoloxxenti kif ukoll lilna l-abbatini tal-parroċċa. Dan barra li hu seta' jikseb l-esperjenza meħtieġa li tgħinu aktar 'il quddiem fil-ħidma saċerdotali tiegħu, il-parroċċa setgħet tgawdi mill-enerġija pożittiva u l-karattru ferrieħi li għandu Joseph. Jekk Alla jrid Joseph ser jibqa' jagħti s-servizz tiegħu matul is-sena d-dieħla wkoll.



### ABBATINI ĠODDA

Il-grupp tal-abbatini huwa realtà sabiħa fil-ħajja tal-parroċċa. Minbarra s-servizz li huma jagħtu fuq l-artal, l-abbatini għandhom ċans jiġu ffurmati fuq livell uman u spiritwali permezz tal-laqgħat li jkollhom regolarment kif ukoll permezz ta' ħarġiet u mumenti oħra ta' rikreazzjoni li jgħinuhom jikbru bħala bnedmin u bħala nsara. Minn dawn jistgħu jitrawmu wkoll xi vokazzjonijiet, kif tabilħaqq nixtiequ.



Waqt li nuru l-apprezzament tagħna għall-abbatini li diġà qed jagħtu s-servizz tagħhom fil-parroċċa tagħna, saret stedina biex aktar tfal jissieħbu f'dan il-grupp. Kien ta' sodisfazzjon li sitt itfal urew l-interess biex isiru abbatini u bħalissa qed jattendu regolarment għal-laqgħat tagħhom darba fil-ġimgħa biex jekk Alla jrid ikunu jistgħu jsiru abbatini fil-ġranet tal-Festa ta' San Ġwann ta' din is-sena.

### MHUX LAQGĦAT BISS......

Il-laqgħat li jsiru kull nhar ta' Sibt matul is-sena jgħinuna mhux biss biex nikbru fl-għarfien tagħna fejn tidħol ir-reliġjon jew biex nifhmu iżjed l-importanza tar-responsabilità li l-impenn tagħna ta' abbatini jitlob minna, iżda wkoll permezz tagħhom jgħinuna nikbru, nimmaturaw u nibnu ħbiberiji akbar u aktar sodi bejnietna. Dawn il-ħbiberiji jkomplu jikbru billi minn żmien għal żmien norganizzaw mumenti ta' logħob, ħruġ jew mistrieħ flimkien. Għalhekk matul din is-sena attendejna flimkien mal-Arċipriet għal diversi festi ta' diversi rħula f'Għawdex, komplejna wkoll norganizzaw *hikes* f'diversi nħawi ġewwa Għawdex filwaqt li f'perjodu ieħor ħsibna li norganizzaw attività mal-abbatini mill-parroċċa ta' Kerċem u għaddejna ftit ħin nilagħbu logħba futbol flimkien. Bħala grupp naraw ukoll, li kull tant żmien norganizzaw okkazjonijiet li fihom insirunafu u nifhmu aktar lil xulxin. B'hekk inħossuna aktar magħquda bħala grupp.





## ĦIDMET GĦAQDIET RELIĠJUŻI

# L-ESPERJENZA TAL-APPOSTOLAT F'LOURDES

VANYA CAUCHI, STEPHANIE ATTARD U JOANNA PACE

***mill-Praesidium Madonna tal-Fiduċja***



F'Marzu ġejna mgħarrfa li kien se jkun hemm Proġett Marjan t'Appostolat fil-*Permanance* ta' Lourdes għal Awwissu ta' dik is-sena. Fil-bidu, bqajna ftit lura milli naċċettaw din il-proposta għax ma konniex nafu x'jinvolvi dan ix-xogħol bl-eżatt. Dlonk ġejna infurmati bl-aħbar, li ma kienx fadal wisa' għal dan il-proġett. Però, Marija Ommna fil-Leġjun, kellha pjanijiet oħra għalina, għax malajr skoprejna li kien qed jiġi mħejji grupp ieħor biex jitla' jagħmel xogħol t'appostolat ġewwa Lourdes. Għarafna li kienet il-Madonna li kienet qed issejħilna biex naċċettaw din is-sejħa li għamlitilna, ħalli mmorru naħdmu f'isimha ġewwa Lourdes.

Qabel ma tlaqna, iltqajna flimkien l-għaxar membri Għawdxin u ż-żewġ membri Maltin li konna sejrin biex insiru nafu aktar lil xulxin u niftiehmu dwar l-irwoli tagħna ġewwa Lourdes u kif ukoll ix-xogħol li kien mistenni minna biex nagħmlu hemmhekk. Magħna kien se jkun hemm il-preżenza ta' saċerdot Malti li kien se jassistina matul dan l-appostolat. B'kollox domna ħamest ijiem sħaħ fejn tlaqna minn Malta fl-20 ta' Lulju filgħaxija u wasalna fis-sigħat bikrin ta' filgħodu. Aħna konna eċitati mhux biss għax kienet l-ewwel darba għalina ġewwa Lourdes, iżda wkoll għax din is-safra kienet tirrekjedi li naħdmu f'isem il-Leġjun u nwasslu l-messaġġ tagħna permezz ta' xogħlijiet differenti li konna se nagħmlu f'dan iż-żmien qasir iżda mimli frott.

Ġurnata tipika fil-*Permanance* ta' Lourdes kienet tibda b'quddiesa u wara kien ikollna l-kolazzjon. Fid-disgħa kienet issir il-laqgħa tal-Leġjun li tiġi mmexxija eżatt bħal-laqgħa ta' kull Praesidium. Bejn l-għaxra ta' filgħodu u nofsinhar kien ikollna x-xogħol tal-Leġjun mogħti mill-Presidenta. Ħafna drabi kien ikun li nikkuntattjaw 'il-pellegrini ħdejn is-Santwarju jew l-inħawi. Anke xogħol ġewwa d-dar fejn konna ngħixu ried isir u allura xi wħud minna kienu jibqgħu hemm biex jilqgħu lil sħabna leġjunarji jew inkella nies oħra li jiġu jżuru d-dar. Magħhom konna nitkellmu u ngħaddulhom xi materjal marbut mal-Leġjun. F'nofsinhar konna nieklu flimkien u wara kien ikollna ftit tal-ħin liberu. Wara l-ħin liberu, konna nerġgħu mmorru tnejn tnejn nagħmlu xogħol tal-appostolat. Fost xogħol ieħor li għamilna kien kuntatti f'siti ta' kampeġġ u anke f'*Pavillions* li kien hemm fil-qrib. Filgħaxija, konna ninġabru għall-purċissjoni tas-Sagrament fejn uħud minna kienu jġorru l-bandalora tal-Leġjun u wara l-ikla ta' filgħaxija, konna noħorġu bl-istandard tal-Leġjun għall-purċissjoni Marjana fejn irreċitajna t-talba tar-rużarju u anke ħadna sehem attiv fil-kant.




Għalina kienet esperjenza unika li fiha kbirna u fhimna aħjar min aħna bħala Leġjunarji attivi. Stajna nxandru lil Kristu ġewwa art barranija u ppruvajna nagħtu eżempju lil kulħadd f'dawn il-ftit jiem li għamilna t'appostolat. Barra minn hekk, tgħallimna wkoll kif ngħixu flimkien bħala komunità. Din l-esperjenza serviet biex din is-sena se jkun hemm membri oħra mir-raħal tagħna li se jitilgħu Lourdes ħalli jkomplu jaħdmu għas-salvazzjoni tal-erwieħ permezz ta' Ġesù u Marija.



# AZZJONI KATTOLIKA

## ‘Xerrdu l-ferħ tal-fidi’



DR MARSETTE PORTELLI XERRI

Il-Papa Franġisku ltaqa’ ma’ għadd ta’ parteċipanti fi ħdan l-Azzjoni Kattolika f’dak li kien imsejjaħ it-Tieni Kungress Internazzjonali, bit-tema ‘L-Azzjoni Kattolika hija Missjoni ma’ Kulħadd għal Kulħadd’. Dan kien nhar il-Ħamis 27 ta’ April, 2017. Fl-indirizz tiegħu lil xejn inqas minn tliet mitt parteċipant, il-Papa saħaq, fost l-oħrajn, fuq ir-rikreazzjoni fid-dawl tal-*Evanġelii Gaudium*, fejn qal illi storikament, l-Azzjoni Kattolika kellha l-missjoni illi tagħti l-formazzjoni meħtieġa lil ċittadini komuni sabiex jassumu r-responsabilitajiet tagħhom fid-dinja. Spjega kif il-kariżma tal-Azzjoni Kattolika hija l-kariżma tal-Knisja nnifisha, profondament inkarnata, bl-intiża illi tikkontempla b’attenzjoni l-ħajja tal-persuni fi ħdanha, u tfittex illi ssib modi ġodda ta’ evanġelizazzjoni u missjoni għal realtajiet differenti illi jinsabu f’kull parroċċa.

Il-Papa Franġisku fakkar ukoll kif l-Azzjoni Kattolika kellha tradizzjonalment erba’ pilastri: It-Talb, il-Formazzjoni, is-Sagrifiċċju u l-Appostolat. Huwa spjega kif l-Appostolat għandu jkun il-fondazzjoni l-iktar fundamentali u dan mhux għad-detriment tar-realtajiet l-oħra, iżda pjuttost dak illi jsawwar lill-bqija.

Huwa żied jispjega kif formazzjoni kontinwa toffri proċess ta’ tkabbir fil-fidi u kif din tgħin sabiex tinkoraġġixxi ħbiberija ferrieħa ma’ Ġesù u esperjenza ta’ mħabba tal-aħwa. Saħaq kif it-talb huwa dik iż-żerriegħa illi tinbet fil-qalb, fil-bżonnijiet tan-nies, fil-biżgħat u fil-ferħ tagħhom. B’hekk, qal il-Papa, inkunu qed nevitaw illi nħarsu biss u kontinwament lejna nfusna.

Il-Papa kompla mbagħad b’enfasi fuq is-sagrifiċċju, fejn spjega illi dan m’għandux isir biss bl-iskop illi wieħed jitnaddaf, iżda huwa pjuttost is-sagrifiċċju ġenwin illi vera jħalli l-ġid. Ħeġġeġ lill-udjenza tiegħu sabiex joffru ħinhom, ifittxu x’inhu dak illi jgħin lill-oħrajn jikbru, joffru dak illi għandhom f’buthom, jaqsmu ma’ dawk illi għandhom inqas u sabiex joffru r-rigal tal-vokazzjoni personali tagħhom sabiex joħolqu dar komuni li tibqa’ dejjem tikber.



Fl-indirizz tiegħu l-Papa enfasizza fuq l-importanza ta' tiġdid fil-ħidma tal-Azzjoni Kattolika favur l-Evanġelizazzjoni, bil-għan illi jintlaħaq kull individwu, f'kull lok, fl-okkażjonijiet kollha. Saħaq kif allura dan jimplika l-bżonn li wieħed jimmedita mill-ġdid il-pjanijiet ta' formazzjoni, il-forom kollha tal-appostolat, u anke t-talb innifsu u dan sabiex wieħed ikun, essenzjalment u okkażjonalment, missjunarju. Tkellem ukoll kif, fuq kollox, l-Azzjoni Kattolika għandha turi illi hija pronta illi sservi bil-qalb u volontarjament fil-proġetti pastorali kollha. Tenna illi l-membri tal-Azzjoni Kattolika ma jistgħux ikunu bħal dawk fi ħdan gruppi universali illi ma għandhom il-bażi tagħhom imkien, li ma jirrispondu għal ħadd u li jfittxu li jwettqu biss dak illi jaqbel lilhom skont iċ-ċirkostanzi.

Punt interessanti ieħor imqajjem mill-Papa Franġisku kien illi l-membri kollha jeħtieġ illi jkunu missjunarji dinamiċi: iż-żgħar jgħallmu liż-żgħar, iż-żgħażagħ liż-żgħażagħ, l-adulti lill-adulti, eċċ. Xejn ma huwa isbaħ u aħjar, żied jgħid, milli kull par juri lil paru l-possibilità ta' ħajja feliċi fil-fidi.

Il-Papa Franġisku wissa wkoll illi bħala membru fi ħdan l-Azzjoni Kattolika, wieħed ma jistax jaqa' fit-tendenza illi jeħtieġlu jimxi fi triq ta' perfezzjoni għal preparazzjoni eterna, iżda li wieħed għandu, pjuttost, jimxi mal-eżempju ta' kif mexa Kristu mal-Appostli: bagħathom b'dak biss illi kellhom. Imbagħad ġabarhom flimkien u għenhom jagħrfu dak illi kien irnexxielhom jgħixu.

Kienet misħuqa wkoll l-importanza illi l-Azzjoni Kattolika tkun preżenti fl-isferi tal-politikanti, negozjanti u professjonisti, li jeħtieġ li ma jarawx lilhom infushom bħala dawk perfettament formati, iżda pjuttost bħala individwi li jeħtieġ jaqdu lill-oħrajn aħjar. Enfasizza wkoll fuq l-indispensabilità illi l-Azzjoni Kattolika tinstab fil-ħabsijiet, sptarijiet, toroq, villaġġi, u fabbriki. Jekk ma jkunx dan, qal il-Papa, l-Azzjoni Kattolika tkun biss istituzzjoni esklussiva, li ma tgħid xejn lil ħadd, lanqas lill-Knisja nnifisha.

Il-Papa Franġisku esprima x-xewqa illi jara Azzjoni Kattolika f'kull villaġġ, parroċċa, djoċesi, pajjiż, żona u familja: fl-istudju, fix-xogħol, fl-oqsma rurali, u fl-ambiti kollha tal-ħajja. Huwa biss hawnhekk, żied jgħid ir-Ragħaj tal-Knisja, fejn id-deċiżjonijiet ikunu meħuda u fejn il-kultura tiġi mibnija.

Jalla l-Azzjoni Kattolika tar-raħal tagħna tagħraf tonora dak mitlub mill-Papa, b'dana illi fis-sempliċità u l-umiltà tal-ħajja ta' kuljum tagħraf tilħaq lill-individwi kollha b'atti ġenwini ta' talb, imħabba, sagrifiċċju u sens ta' servizz.


St John Foodstore

Soil Street
Xewkija
Tel: 2155 7001

'Qajru' Butcher inside

Pjazza San Ġwann Battista
Xewkija
Tel: 2155 0496

# M.U.S.E.U.M. - SEZZJONI BNIET

SUPERJURA MARIJA VELLA

Ħuti Xewkin, il-paċi magħkom. Din is-sena xtaqt naqsam magħkom xi riflessjonijiet u tagħlim minn tal-Fundatur tagħna San Ġorġ Preca, li tant kellu għal qalbu t-tagħlim. Għażilt bħala suġġett 'Il-Paċi tal-Qalb'.

Kulħadd jixtieq u jrid il-paċi f'qalbu, fil-familja tiegħu u anke fid-dinja. Imma l-paċi trid taħdem għaliha. Aħseb ftit li kulma jiġi fuqek kemm ta' ġid u kemm ta' deni, qatt ma jiġi fuqek bl-addoċċ, imma dejjem mill-providenza ta' Alla. Għalhekk f'kull stat li tkun tinsab fih, osserva dejjem il-providenza ta' Alla. Orbot il-volontà tiegħek ma' dik ta' Alla bla tgergir. Inti taf li hu Alla li jkun irid hekk u li int qiegħed fid-dinja biex tagħmel dak li jrid Hu. Kun kuntent bix-xorti tiegħek jekk tassew trid il-paċi f'qalbek, tagħti glorja lil Alla u tidħol fil-ħajja eterna. Iddur fejn iddur fil-volontà t'Alla biss qiegħda li wieħed jitħaddan f'kollox u għalkollox mal-volontà t'Alla bla ma jirreżisti qatt għall- ebda ħaġa li tiġi fuqu tkun kbira jew żgħira. Il-vera paċi tal-qalb tiġi meta nippruvaw nimitaw lil Kristu kif jikteb San Pawl lill-Galatin, "Il-paċi hija frott tal-Ispirtu." Il-paċi hija teżor, kulħadd jixtieqha anke l-ħżiena stess jindmu għax jaħsbu li ser jakkwistawha. Min ma jimpurtahx la minn unuri u lanqas minn tmaqdir issib li għandu f'qalbu paċi kbira.

**Talba**: Sinjur Alla kemm ma jkunx ferħan, min ma jfittix lilek, min ma jersaqx lejk. Il-bniedem jagħmel x'jagħmel ma jistax isib faraġ u mistrieħ jekk ma jdurx lejk għax qalbu hija maħluqa biss għalik.

Għalhekk mela nitolbu lill-Patrun tagħna, f'dawn il-ġranet ta' festa sabiex jimlielna qalbna bil-vera paċi, dik il-paċi li Kristu biss jaf jagħti.

## ATTIVITAJIET LI KELLNA FIL-QASAM TAGĦNA

Bħal kull sena minbarra t-tagħlim regolari, l-attivitajiet speċjali ma jonqsux. Insemmu dawk prinċipali. Fis-sajf għat-tfal li kienu jiġu kellna logħob, ħruġ u anke pizza. F'Ottubru komplejna l-laqgħat tal-koppji li qed isiru kull l-ewwel Sibt tax-xahar. Grazzi u prosit lil dawk il-koppji li bdew u komplew jiġu b'mod regolari. Fil-Milied tellajna l-kunċert tal-Milied u kellna wkoll festin.

Fl-ewwel ġimgħa tar-Randan kellna nofstanhar seminar għal kulħadd. L-attendenza kienet sabiħa u kulħadd ħa pjaċir. Nhar is-17 t'April, grupp ta' 200 studenta minn Malta ġew ġurnata Għawdex fejn iltaqgħu ma' sħabhom l-Għawdxin. Wara li fid-9.30 iċċelebraw il-quddiesa fis-Santwarju Ta' Pinu, kellhom mixja twila sas-2.00 fejn wara ġew il-Qasam tagħna fejn strieħu ftit, kielu xi ħaġa u fl-4.00 telqu lura.

## RINGRAZZJAMENT

Nixtieq għal darb'oħra nirringrazzja lil kulħadd tal-għajnuna li dejjem tana. M'għandix fomm biex nirringrazzjakom, ngħidilkom biss li San Ġorġ Preca jbierek lill-familji kollha u nwegħdukom it-talb tagħna.



## ĦIDMET GĦAQDIET RELIĠJUŻI

# M.U.S.E.U.M. - SEZZJONI SUBIEN

SUPERJUR TONI GRIMA

Il-festa ta' San Ġwann il-Battista, mhijiex speċjali għalina għax ninsabu fix-Xewkija biss, imma hija festa li s-Soċjetà tal-Museum tiċċelebra fid-diversi pajjiżi fejn tinsab peress li San Ġwann Battista huwa l-patrun tas-Soċjetà tagħna. San Ġorġ Preca nniffsu kiteb programm speċjali ta' tagħlim dwar il-Battista mifrux fuq disat ijiem li matulhom jistedinna naqbdu l-vanġelu u nirriflettu fuq il-ħajja ta' dan il-qaddis kbir.

Fost il-versi tal-vanġelu naqraw kif Ġwanni l-Battista lid-dixxipli tiegħu mhux biss uriehom minn hu Ġesù, iżda wkoll bagħathom warajH. Illum ukoll Ġwanni għadu jwasslilna dan il-messaġġ – jurina min hu Ġesù fil-ħajja tagħna... fl-esperjenzi li ngħaddu minnhom f'kull ġurnata ta' ħajjitna. Jalla dawn il-jiem tal-festa jservu ta' mezz kif aħna nintebħu bil-messaġġ li qed iwasslilna l-patrun tagħna, biex mhux biss naraw min hu Ġesù, iżda nkunu lesti li nimxu warajh. Inkunu lesti li bl-istil tal-ħajja tagħna, bil-ħidma tagħna kull fejn inkunu – fil-familja, fuq ix-xogħol, waqt il-ħin tal-mistrieħ – nagħmlu dejjem ir-rieda tal-Missier. Hekk aħna wkoll bħal Ġwanni l-Battista nkunu qed inwasslu lil Kristu għand dawk ta' madwarna.

### ATTIVITAJIET MATUL IS-SENA LI GĦADDIET

Il-ħidma fil-qasam tagħna baqgħet għaddejja matul is-sena. Għalkemm l-attivitajiet ewlenin huma marbuta mat-tagħlim u mal-lezzjonijiet fil-klassi, però kellna wkoll diversi attivitajiet oħrajn ta' formazzjoni u rikreattivi għat-tfal u l-adoloxxenti li jattendu fil-qasam tagħna u anke għall-ġenituri. Fost dawn insemmu żewġ attivitajiet partikulari marbuta mal-Ġublew tal-Ħniena – iż-żjara li għamilna fis-Santwarju tal-Kunċizzjoni fil-Qala, fejn dawk li jattendu t-tieni xift għaddejna mill-Bieb tal-Ħniena ta' dan is-Santwarju u wara li ġie spjegat dan il-ġest, tlabna flimkien quddiem il-kwadru tal-Kunċizzjoni; u ċ-ċelebrazzjoni ta' talb lill-Madonna li għamilna fil-Kappella tal-Ħniena, fir-raħal tagħna stess.

Bħas-soltu, il-qasam tagħna ħa ħsieb li jipprepara lit-tfal subien tal-Ewwel Tqarbina, kif ukoll l-adoloxxenti li ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof. Minbarra l-laqgħat ta' tħejjija għall-ġenituri li jiġu organizzati flimkien mal-Arċipriet tal-Parroċċa u l-qasam tal-bniet, fi Frar ta' din is-sena, il-familji ta' dawk li ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof ingħaqdu ma' familji bħalhom minn irħula oħra Għawdxin għal seminar li ġie organizzat mis-Soċjetà f'Għawdex bħala tħejjija għal dan is-sagrament.



Dawk li jattendu fil-klassijiet il-kbar (minn Form 3 'l fuq) darba fix-xahar attendew ukoll għal-laqgħa flimkien ma' sħabhom li jattendu fl-oqsma ta' Għawdex. Matul din is-sena, kellna wkoll żewġ okkażjonijiet partikulari fejn dawk li jattendu fil-Qasam tagħna setgħu jduqu ftit aktar mis-soltu l-ħidma tas-Soċjetà tal-Museum barra minn pajjiżna. F'Ottubru li għadda, għamilna kuntatt permezz ta' Skype mal-Museum fil-Kenja, fejn kien hemm is-Superjur tal-qasam tagħna u t-tfal kellhom iċ-ċans li jitkellmu miegħu u mal-membri l-oħrajn tas-Soċjetà li jinsabu jwettqu l-missjoni tagħhom f'dan il-pajjiż. F'April li għadda kellna wkoll żjara minn żewġ membri tas-Soċjetà – wieħed Awstraljan u l-ieħor Malti li jinsab fl-Albanija. Dawn il-membri ltaqgħu mal-adoloxxenti tagħna u filwaqt li qasmu magħna l-esperjenza missjunarja tagħhom, l-adoloxxenti setgħu jistaqsuhom dwar il-ħidma tagħhom f'dawn il-pajjiżi.

Il-ħidma tas-Soċjetà tal-Museum ma kinitx marbuta biss ma' attivitajiet ta' formazzjoni reliġjuża iżda matul ix-xhur li għaddew ġew organizzati diversi attivitajiet rikreattivi speċjalment nhar ta' Sibt filgħaxija u l-Ħadd waranofsinhar. Fost dawn insemmu *treasure hunts, night hike, bike hike*, mixjiet f'postijiet diversi madwar Għawdex, rajna wkoll films b'messaġġ pożittiv, filwaqt li ma naqsux waqtiet fejn ħadna xi ħaġa tajba flimkien, bħal pizza, *burgers* u anke *waffles* fost l-oħrajn. F'xi wħud minn dawn l-attivitajiet ġieli wkoll ingħaqadna ma' xi Museum ta' raħal ieħor.

Għalkemm qed ikollna numru sabiħ ta' adoloxxenti li qed jattendu anke wara li għamlu l-Griżma, nixtiequ nagħmlu appell lilkom l-ġenituri biex tħajru lil uliedkom biex ikomplu jattendu u hekk jiffurmaw ruħhom permezz tat-tagħlim filwaqt li jipparteċipaw ukoll fl-attivitajiet li jiġu organizzati għalihom minn żmien għal żmien.

Ta' min insemmu hawnhekk li minn Jannar ta' din is-sena, il-qasam tagħna għandu wkoll l-Facebook Page tiegħu – SDC Museum Xewkija – bil-għan li jkun aktar faċli li nżommu kuntatt magħkom. Nistednukom biex żżuru din il-paġna biex tkunu tistgħu ssegwu l-attività tal-qasam tagħna. Tistgħu tagħmlu wkoll kuntatt magħna permezz tal-email: xewkijamuseum@gmail.com

Fl-aħħar nett nieħdu din l-okkażjoni biex nawguraw lil kulħadd il-festa t-tajba. Jalla din il-festa tgħinna biex nifhmu aktar l-messaġġ li Alla qed jibgħatilna permezz tal-patrun tar-raħal tagħna San Ġwann Battista biex ikompli jgħinna fil-mixja tagħna wara Ġesù Kristu.







# J & J Zammit & Supplies Ltd.

*Wholesaler for Fresh Fruits & Vegetables*

*By the Bastion Road, Victoria, Gozo*
**Tel: 21 560795, Fax: 21 565287**
**Mobile: 9949 4670**



# ta' RAPA

- MARBLE & GRANITE
- BUILDING MATERIAL & PAINTS
- LIGHT FIXTURES
- POWER & HAND TOOLS
- STAINLESS STEEL & NYLON RODS

Total solutions for your home and business.

133, Dr. Anton Tabone Str,
Victoria, Gozo.

Tel: 21 551 258 - 21 551 388
Tel/Fax: 21 554 024
Email: tarapa@maltanet.net

**A new branch in Għ'sielem OPENING SOON**

# GELLUXA Supplies Ltd.

**General Merchant**
N.B. Grunju Str.
Qala Gozo
Tel: 21551555
Fax: 21554273
Mob: 9982 4300

# The Liqueur Shop



**THE LEADING WINES, SPIRITS & TOBACCO MERCHANTS IN GOZO**

**14, ST, GEORGE'S SQR., VICTORIA, GOZO.**
**TEL: 2155-6531**
**FAX: 2155-5809**

# LURA FL-ISTORJA

## *75 Sena ilu*

## IX-XEWKIJA TINTLAQAT MILL-BOMBI

Nhar il-Ġimgħa 23 ta' Jannar 1942, għall-ħabta tat-3.45 ta' waranofsinhar, ajruplan tal-għadu tbaxxa għal fuq ix-Xewkija u tefa' disa' bombi fuq il-bini. Tnejn min-nies sfaw feruti u xi djar fi Triq il-Ħamrija, Triq Santa Katerina, Triq it-Tiġrija, Triq id-Dejqa, Triq San Ġużepp u nħawi oħra fil-qrib ġarrbu ħsarat, kif ukoll l-Iskola Primarja tax-Xewkija.

Id-djar milquta f'dan l-attakk ta' Jannar kienu dawn:

- **Triq Santa Katerina**: Id-dar bin-numru 77 fi Triq Santa Katerina ta' Karmenu Attard ta' 71 sena, ġarrbet ħsarat filwaqt li d-dar bin-numru 78 ta' Ġanni Attard ta' 42 sena, ġratilha ħsara kbira. Din id-dar intlaqtet minn bomba li waqqgħet u ġarrfet parti sewwa minn quddiem, il-loġġa u l-kmamar ta' fuq. Mart Ġanni u wliedhom ma ġralhom xejn għax kienu barra u l-missier kien suldat.
- **Triq San Ġużepp**: Id-dar bin-numru 3 fi Triq San Ġużepp, li fiha kienu joqogħdu Karmnu Cassar ta' 40 sena (Ta' Punta) u martu Loreta, ġarrbet xi ħsarat ukoll. Id-dar ġratilha l-ħsara meta bomba sfrundat is-saqaf ta' fuq u ta' taħt u baqgħet nieżla fl-intrata, fejn għamlet ħofra kbira bla ma splodiet. B'xorti tajba fid-dar ma kien hemm ħadd. Dakinhar Karmnu u Loreta flimkien ma' wliedhom, kienu mistiedna l-Mellieħa għall-magħmudija ta' ħabiba tagħhom. Il-Pulizija Franġisk Saliba tahom l-aħbar meta kienu għadhom Malta. Meta l-għada l-familja Cassar waslet lura, sabet li kien insteraq xi deheb u xi ħwejjeġ. Il-bomba li ma splodietx kienet ta' 250 libra.
- **Triq il-Ħamrija**: Id-dar bin-numru 29 fi Triq il-Ħamrija ta' Joe Zammit ta' 29 sena, bin Nazju (Ta' Reġina), ġarrbet ħsarat kbar, filwaqt li Ġużepp Zammit (Ta' Reġina) ta' 70 sena, bin Kalanġ, safa mweġġa'. Id-dar bin-numru 22 ta' Klara Azzopardi ta' 44 sena, mart Toni (Ta' Xmundi), id-dar bin-numru 23 ta' Marija Attard ta' 50 sena, mart Salvu (Tal-Manżalett), id-dar bin-numru 24 ta' Franġisk Attard ta' 50 sena,




bin Kurun (Tal-Manżalett) u d-dar bin-numru 25 ta' Karmnu Pace ta' 60 sena, bin Anġlu (Ta' Ħaxixa) kollha sfaw bi ħsarat.

- **Triq it-Tiġrija**: Id-dar bin-numru 97 fi Triq it-Tiġrija ta' Ġanni Attard ta' 60 sena, bin Ġużepp (Ta' Ġannikla) sfat milquta. F'dan il-ħbit ukoll, bomba waqqgħet wara l-Iskola Primarja u għamlet xi ħsara. B'hekk it-tfal intbagħtu d-dar ftit qabel il-ħin.
- **Triq id-Dejqa**: Id-dar fi Triq id-Dejqa fejn kienet toqgħod Mikelina Pace ta' 45 sena, armla ta'

Ġanni (Tas-Sisa), sfat milquta b'konsegwenza tal-ħbit. Mikelina Pace sfat imweġġgħa wkoll.

Fis-7 ta' Marzu 1942, fit-tlieta ta' filgħodu, tliet bombi oħra waqgħu fi Triq San Bert, ix-Xewkija. Iġġarrfet id-dar bin-numri 14-15 ta' Manwel Farrugia ta' 47 sena, bin il-mejjet Franġisk (Ta' Skriepel). Taret ukoll kamra f'għalqa ta' Karmnu Azzopardi (Tal-Bodot). Ma korra ħadd għax kulħadd kien fix-xelter, imma mietu xi bhejjem.

Fid-19 ta' Ġunju 1942, kmieni filgħodu, filwaqt li Anġolina (Ġuljana) Magro ta' 5 snin, bint Salvu u Wistina Magro, ta' 10, Triq l-Imġarr, Ix-Xewkija, kienet rieqda flimkien ma' ħutha fix-xelter fi Triq San Bert, ħwejjiġha ħadu n-nar inċidentalment minn lampa tal-pitrolju li kienet fil-viċin. Frott ta' dan il-ħruq, sfortunatament tilfet ħajjitha wara li ttieħdet l-isptar.

Fis-26 ta' Awwissu 1942, billejl, ajruplan Ġermaniż Junker 88 tniżżel minn Night Fighter Ingliż fl-inħawi msejħa Tal-Loġia jew fl-għelieqi magħrufin Tal-Felu jew Tal-Malla. Huwa għadda jaqbad minn fuq in-Nadur u waqa' x-Xewkija. Żewġ Uffiċjali Ġermaniżi ta' madwar 20 sena minn dan l-ajruplan baqgħu ħajjin, filwaqt li tnejn oħra mietu. Francis Zammit Haber jiftakar li dak il-lejl kien żamm wieħed mill-ekwipaġġ li waqa' fil-ġnien tagħhom f'Ta' Tingi u qal ma jitħarrikx qabel tiġi l-pulizija. Wara ttieħdu mill-militar bħala priġunieri tal-gwerra.

Hemm inċidenti oħra li ġraw fi snin oħra dejjem b'rabta mal-gwerra li wieħed jista' jaqra f'aktar dettall f'kitbiet oħra.

Referenzi:

Bezzina, Charles. Ix-Xewkija fi Żmien il-Gwerra, Kunsill Lokali Xewkija.

Bezzina, Frank. Qilla tal-Gwerra fuq Għawdex 1940-1943.

J. Spiteri Construction
(Tal-Pisklu)
Għal Kull xogħol ta' bini u konkos,
Xogħol tal-kontra bejt bil-powerfloat
Komplut bl-expansion joints.
Tel: 21 555322 Fax: 21 564231 Mobile: 9942 3719



MADONNA
TAL-ĦNIENA
STORE
2, Mgarr Road, Xewkija VCT 111
Tel: 21555314 Mob: 79923661



# Ganni Azzopardi

## TA' MAJSI WOODWORKS

Plot 86 'Shalom', 27th November 1678, Xewkija - Għawdex

T. 21555772 | M. 79617514 | E. roseazzopardi@hotmail.com

















GHAL KULL XORTA TA' GHAMARA RUSTIKA, KLASSIKA U MODERNA.

classic bedrooms doors

wall units sub contracting

kitchens modern



local quality furniture....

solid & laminate

SGWOODWORKS

THE WAY OF MAKING GOOD QUALITY FURNITURE

Stephen Grima
GGX 005E Industrial Estate,
Xewkija, Gozo - Malta

Tel.: +356 2155 8450 Mob.: +356 7961 9650
Email: info@sgwoodworks.com
Web: www.sgwoodworks.com

Follow us on Facebook: ***SGWoodworksLtd***

# THE BLACKSMITH

**'FRANKIE TA' FANTIN'**







## WE CATER FOR ALL YOUR DOMESTIC NEEDS

• stairs structures • stairs bannisters • railings • balconies • gates

## AND NOW ALSO CUSTOM CUT SIGNS

(using CNC Technology) SIGNAGE, HOUSE NAMES...





**XEWKIJA INDUSTRIAL ESTATE** *(behind Telephone Exchange)*

**Tel: 21562785 Mob: 99426944**


BEST SAVER
SUPERMARKET
BEST VALUE FOR YOUR POCKET!
• FRESH FRUIT AND VEGETABLES DAILY
• LARGE VARIETY OF FROZEN FOOD
• GREAT DISCOUNTS ON MOST ITEMS
• VOUCHER SCHEME ON EVERY €5 SPENT
(Gifts exchangeable with these vouchers)
Free Delivery Service also available.
SOLE SUB-AGENTS REPRESENTING
Simpatia
CRAI
IN
XEWKIJA - GOZO
Tel: 2156 5856 Mob: 7956 5756
Soil Street, Xewkija, Gozo


Ta' Nisju
ladies latest fashion wear
St George Square, Victoria, Gozo
Tel: 21564166



## Programm tal-Festi f'ġieħ

# San Ġwann Battista

## fil-Knisja Arċipretali Rotunda tax-Xewkija, Santwarju Djoċesan u Sede Spiritwali tal-Ordni Sovran tal-Kavallieri ta' Malta

## 15 - 25 ta' Ġunju 2017

**Il-Ħamis 15 ta' Ġunju, id-disa' Ħamis ta' San Ġwann u l-ewwel jum tan-Novena: Jum iż-żgħażagħ**

5.15pm Quddiesa tal-aħħar Ħamis ta' San Ġwann bis-sehem tat-tfal u l-ġenituri, immexxija minn Dun Charles Sultana, Kappillan ta' San Lawrenz.

6.30pm Fil-Katidral ser issir l-Ordinazzjoni tad-Djakonat tas-Seminarista Joseph Hili li matul dawn is-sentejn qiegħed jagħmel esperjenza pastorali fil-parroċċa tagħna.

8.30pm Velja ta' Talb fil-Knisja Rotunda mmexxija miż-żgħażagħ. Waqt il-Velja jsir il-ħruġ tal-istatwa artistika ta' San Ġwann Battista min-niċċa. Id-diversi kumitati marbuta mal-festa joffru bukkett fjuri lil San Ġwann bħala att ta' qima. Fi tmiem il-Velja tingħata l-Barka Sagramentali.

9.30pm Ikla tal-festa quddiem il-ħanut taċ-Ċali fi Triq il-Knisja, organizzata mill-Għaqda tan-Nar.

**Il-Ġimgħa 16 ta' Ġunju, it-tieni jum tan-Novena: Jum il-vokazzjonijiet**

7.15am Tibda ġurnata adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija għall-bżonnijiet tal-parroċċa biex joħroġ ġid spiritwali mill-festa.

5.30pm Quddiesa b'talb speċjali għall-vokazzjonijiet, li fiha ssir il-vestizzjoni ta' sitt abbatini ġodda. Jipprietka d-Djaknu l-ġdid Joseph Hili.

8.30pm Ikla tal-festa fil-pjazzetta ta' Triq il-Kbira.

**Is-Sibt 17 ta' Ġunju, it-tielet jum tan-Novena: Jum il-Konsagrazzjoni tar-Rotunda**

9.00am: Quddiesa bil-prietka tal-anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja.

6.00pm Konċelebrazzjoni solenni mmexxija mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, li fiha jamministra s-sagrament tal-Konfermazzjoni lil grupp ta' adoloxxenti mill-parroċċa tagħna.

**Il-Ħadd 18 ta' Ġunju, ir-raba' jum tan-Novena: Solennità tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej**

5.00pm Quddiesa solenni li fiha tingħata l-Ewwel Tqarbina lil grupp ta' tfal mill-parroċċa tagħna.

6.00pm Purċissjoni Ewkaristika solenni mat-toroq tal-parroċċa. It-tfal tal-Ewwel Tqarbina flimkien mal-ġenituri u l-ġemgħa preżenti jakkumpanjaw lil Ġesù Ewkaristija.

**It-Tnejn 19 ta' Ġunju, il-ħames jum tan-Novena: Jum il-familja**

5.30pm Quddiesa mmexxija mis-saċerdot il-ġdid Dun Carl Scerri, b'talb speċjali għall-familji tal-parroċċa.

9.30pm Marċ mill-Banda Prekursur, bl-istatwa ta' San Ġwann Battista (2004). Il-marċ jibda minn Pjazza San Ġwann Battista

u jgħaddi minn Triq l-Indipendenza, Triq il-Mitħna, Triq il-Ħamrija, Triq Santa Katerina, sa ħdejn il-pjazzetta ta' Triq il-Kbira. Wara l-istatwa tittella' fuq il-pedestal.

**It-Tlieta 20 ta' Ġunju, is-sitt jum tan-Novena: Jum il-benefatturi tal-parroċċa**

5.30pm Quddiesa mmexxija mis-saċerdot il-ġdid Dun Michael Grima, b'talb speċjali għall-benefatturi u l-voluntiera tal-parroċċa.

9.00pm Programm Vokali u Mużikali mill-*Banda* Prekursur taħt id-direzzjoni ta' Mro. Anthony Borg, fejn jindaqq l-Innu l-Kbir **La Natività di San Giovanni Battista** bis-sehem tal-Baritonu, tat-Tenur u tas-Sopran u l-Kor tal-Banda. Il-Programm ser isir fi Triq Santa Katerina, ħdejn il-Każin tal-Banda. Wara jsir riċeviment għall-mistednin distinti u l-bandisti.

**L-Erbgħa 21 ta' Ġunju, l-ewwel jum tat-Tridu: Jum l-Għaqdiet tal-parroċċa**

7.30pm Konċelebrazzjoni solenni tal-ewwel jum tat-Tridu mmexxija minn Mons Tarcisio Camilleri, Vigarju Ġenerali. Jipprietka Dun Ġwann Sultana. Wara Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali.

9.30pm Marċ mill-Banda Viżitazzjoni tal-Għarb, li jibda minn Triq il-Ħamrija, Triq Widnet il-Baħar, Vjal il-Labour, Triq Babisku għal Triq il-Ħamrija. L-istatwa ta' San Ġwann Battista (1912) tittella' fuq il-pedestall ħdejn l-Iskola Primarja tax-Xewkija.

**Il-Ħamis 22 ta' Ġunju, it-tieni jum tat-Tridu: Jum il-morda u l-anzjani**

9.30am Quddiesa għall-anzjani u l-morda, li fiha jingħata s-sagrament tad-Dilka tal-Morda. Wara jkollhom *refreshments*.

7.30pm Konċelebrazzjoni solenni tat-tieni jum tat-Tridu mmexxija minn Mons Pawl Cardona, Vigarju Episkopali għall-Kleru. Jipprietka Dun Ġwann Sultana. Wara Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali. Ikun hemm servizz ta' qrar.

9.30pm Marċ grandjuż u uniku mill-Banda Prekursur tax-Xewkija u l-Banda San Ġużepp ta' Għajnsielem, li jibda minn ħdejn il-Kappella tal-Ħniena fi Triq San Bert, għall-Pjazza San Ġwann Battista. Fil-pjazza jintwera *feature* dokumentarju bl-isem "Opra mix-Xewkin lix-Xewkin", u mbagħad il-marċ jispiċċa fi Triq San Żakkarija fejn l-istatwa ta' San Ġwann iż-Żgħir (1945) tittella' fuq pedestal ġdid maħdum mill-Għaqda tal-Armar Xewkija.

**Il-Ġimgħa 23 ta' Ġunju, it-tielet jum tat-Tridu: Solennità tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù**

7.30pm Konċelebrazzjoni solenni mmexxija minn Mons. Ġużeppi Attard, Vigarju Episkopali għall-katekeżi mal-adulti. Jipprietka Dun Ġwann Sultana. Wara Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali. Ikun hemm servizz ta' qrar.

9.30pm Marċ tad-Dimostrazzjoni mill-Banda Prekursur tax-Xewkija flimkien mal-Banda Ite ad Joseph tal-Qala, bl-istatwa ta' San Ġwann jgħammed lil Kristu (1930). Il-marċ jibda minn Pjazza San Ġwann Battista u jkompli fi Triq San Żakkarija, Triq Ein Karem, Triq il-Ħelsien, Triq il-Kbira, Triq Santa Katerina, Triq il-Ħamrija u Triq Indipendenza. Il-marċ jintemm fi Pjazza San Ġwann Battista fejn l-istatwa tittella' fuq il-pedestall.

**Is-Sibt 24 ta' Ġunju, Solennità tat-Twelid tal-Battista: Jum l-emigranti**

9.00am Konċelebrazzjoni mmexxija minn Mons. Carmelo Mercieca, li fiha jsir il-kant tat-Te Deum b'radd il-ħajr lil Alla.

12.30pm Kollegament mal-emigranti Xewkin f'Melbourne, l-Awstralja, permezz ta' Radju Prekursu*r, 99.3 FM Stereo*.

3.30pm Tiġrija Tradizzjonali organizzata mill-Kumitat tat-Tiġrija fi Triq l-Imġarr, bis-sehem ta' bhejjem minn Malta u Għawdex.

7.00pm Marċ mill-Banda Prekursur minn ħdejn il-Każin tal-Banda għall-pjazza. Jieħdu sehem l-emigranti Xewkin bl-istandard tal-pajjiż tagħhom.

7.30pm Translazzjoni solenni bir-Relikwija ta' San Ġwann Battista mmexxija minn Mons. Trevor Sultana, Arċipriet tal-parroċċa tal-Għarb.

7.45pm Konċelebrazzjoni solenni mmexxija minn Mons. Trevor Sultana, Arċipriet tal-parroċċa tal-Għarb. Jipprietka l-Kan. Joseph Zammit. Jieħdu sehem attiv l-emigranti Xewkin.

9.00pm Marċ mill-Banda Victory tax-Xagħra, minn Triq Indipendenza sa Pjazza San Ġwann Battista fejn tagħmel Programm

Mużikali fuq il-planċier taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Galea.

9.30pm Marċ mill-Banda San Girgor ta' Kerċem, li jibda minn Triq il-Mitħna għal Triq il-Ħamrija.

10.00pm Il-Banda Prekursur tiltaqa' mal-Banda San Girgor fi Triq il-Ħamrija, li flimkien ikomplu b'marċ brijuż minn Triq Santa Katerina u Triq il-Knisja għal Pjazza San Ġwann Battista.

12.00am Jintwera *feature* fuq iz-zuntier tal-knisja u jkun hemm spettaklu tan-nar minn fuq il-bjut sinkronizzata mal-mużika.

**Il-Ħadd 25 ta' Ġunju: Jum il-Festa**

Filgħodu l-quddies ikun fil-5.30am, 6.30am, 7.30am, 10.30am u 11.15am. Ikun hemm servizz ta' qrar qabel kull quddiesa.

8.45am Konċelebrazzjoni Pontifikali Solenni mmexxija mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex. Jinseġ il-paniġierku P. Marcello Ghirlando OFM. Jakkumpanjaw il-Kavallieri tal-Ordni Sovran ta' Malta.

11.30am Marċ brijuż mill-Banda Duke of Connaught's Own ta' Birkirkara, li jibda minn Triq Santa Katerina għal Triq il-Knisja, u jispiċċa fi Pjazza San Ġwann Battista fis-2.30pm.

4.00pm Quddiesa fil-Museum tas-Subien fi Triq Ħamsin.

6.15pm Konċelebrazzjoni solenni mmexxija mill-Arċipriet Mons. Daniel Xerri li għaliha huma mistiedna b'mod speċjali x-Xewkin li joqogħdu barra mir-raħal. Jipprietka Dun Roberto Gauci.

6.45pm Marċ mill-Banda Prekursur li jibda minn ħdejn il-Każin tal-Banda sal-Pjazza.

7.45pm Tibda ħierġa l-Purċissjoni. Il-Banda Prekursur tilqa' l-istatwa artistika ta' San Ġwann Battista (1845), xogħol fl-injam u kapulavur ta' Mastru Pietru Pawl Azzopardi, bl-Innu Reliġjuż **Fit-Twelid ta' San Ġwann Battista.** Wara, il-Banda Prekursur issellem lill-Patrun tagħna San Ġwann bl-esekuzzjoni tal-Innu l-Kbir **La Natività di San Giovanni Battista** (1950), kompożizzjoni ta' Mro Indrì Borg, versi ta' Ġużeppi Serafin Cutajar bis-sehem tat-Tenur, tal-Baritonu, tal-Mezzo Sopran u l-Kor. Jidderieġi l-Banda Mro. Anthony Borg.

8.30pm Tibda miexja l-purċissjoni akkumpanjata mill-Banda Prekursur bid-daqq ta' innijiet u marċi reliġjużi.

8.30pm Marċ mill-Banda Mnarja tan-Nadur, minn Triq Indipendenza sa Pjazza San Ġwann Battista fejn tesegwixxi programm mużikali taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Grech.

9.45pm L-istatwa ta' San Ġwann Battista tasal quddiem id-Dar Parrokkjali fi Triq Indipendenza, fejn tiġi milqugħa mill-folla u akkumpanjata bit-talb u innijiet reliġjużi sal-Pjazza.

10.15pm Wasla tal-istatwa fil-Pjazza.

10.45pm Dħul tal-istatwa ta' San Ġwann Battista fil-Knisja Rotunda. Isir il-kant tal-Antifona bis-sehem tal-kor u l-orkestra, Barka Sagramentali u bews tar-Relikwija. Issir l-aħħar ġabra għall-festa.

**Il-Ġimgħa 30 ta' Ġunju: Jum ta' radd il-ħajr**

7.30pm Konċelebrazzjoni solenni ta' radd il-ħajr lil Alla għall-grazzji li sawwab fuqna fil-jiem tal-festa. Fi tmiem il-quddiesa nassistu għad-dħul fin-niċċa tal-istatwa artistika ta' San Ġwann Battista. Mistiedna b'mod speċjaliż-żgħażagħ u l-kumitati b'rabta mal-festa.

Fit-tlett ijiem tat-Tridu u lejlet u nhar il-Festa, tieħu sehem l-Orkestra taħt id-direzzjoni ta' Mro Colin Attard bis-sehem tal-Kor tal-parroċċa.

Il-funzjonijiet u l-attivitajiet kollha tal-Festa ser ikunu mxandra *live* fuq Radju Prekursur *99.3FM Stereo* u *streamed* fuq il-*website* www.radjuprekursur.com

In-nar tal-festa ser ikun maħdum minn dawn il-kmamar tan-nar:
St Mary Fireworks, Imqabba | St Michael's Fireworks, Lija | St Joseph Fireworks, Kirkop
St Sebastian Fireworks, Qormi | Marija Bambina Firworks, Mellieħa | Virtu Fireworks, Għarb




*Head Office:* The Brokerage, Level 0 "A", St Marta Street, Victoria, Gozo, VCT 2550, Malta.
Tel: 22587000, 21554492 Fax: 21559199
*Malta Office:* 95, Fleur de Lys Road, Birkirkara, BKR 9064, Malta. Tel: 2144 1003 Fax: 2144 1006
e-mail: michael@michaelgrechfinancial.com
www.michaelgrechfinancial.com

Licensed to conduct investment services by Malta Financial Services Authority

# Meylak Jewellery

24, Republic Street,
Victoria,
Gozo - Malta.

**Tel: 21566303**
Email: meylago@maltanet.net

# AL CAPONE BAR & RESTAURANT

Al Capone

ZaiKie's offers the perfect party for your child in an air condition playroom. We offer Bouncy castle, games, glitter tattoos, face painting and many more.... Special offers for Summer holidays.




Triq Cimcem, Nadur, Gozo
FOR RESERVATIONS CALL

Tel: 21566577 Mob:99248377, 77461609

PURIFIED DRINKING WATER
H2Only
water as nature intended

www.h2only.com

Tel: 21 420 420
Gozo: Mario Attard - 99461609

# IL-PROĠETT TAL-ORGNI TAR-ROTUNDA TAX-XEWKIJA

## *Storja u karetteristiċi*

***Tagħrif miġbur minn Noel Gallo***

### IL-BIDU TAL-PROĠETT

L-orgni elettroniku tal-knisja kien qed jittanta. Meta ġie ċċekkjat minn xi tekniċi, instab li ma tantx kien hemm x'seta' jsir biex l-orgni jitranġa. Hija xi ħaġa fin-natura tal-orgnijiet elettroniċi, li wara ċertu żmien ikunu jridu jinbidlu. Peress li l-knisja l-ġdida ma kienx għad kellha orgni awtentiku tal-kanen, l-amministrazzjoni tal-parroċċa bdiet tara kif tista' tesplora din l-possibilità, fejn dan l-orgni seta' jiggarantixxi ħoss komplut għar-Rotunda u li jista' jservi għal ħafna żmien. Dan għax kif inhu magħruf, orgnijiet ta' mijiet ta' snin għadhom funzjonabbli sal-lum il-ġurnata. Tajjeb ngħidu li fil-knisja għad hemm xi fdalijiet mill-orgni li kien jintuża saħansitra fil-knisja l-qadima.

Fil-bidu tas-sena 2012 l-amministrazzjoni tal-parroċċa kkuntattjat lill-Arkitett tal-orgnijiet Malti Noel Gallo biex jagħmel studju fuq il-knisja biex jara kif jista' jinħadem orgni. F'dik is-sena stess, Noel Gallo beda jkejjel il-knisja u għamel diversi riċerki u disinni. L-ewwel idea tal-amministrazzjoni kienet li l-orgni jitqiegħed fil-gallarija ta' fuq il-bieb prinċipali bħal ta' knejjes oħra. Imma skont studji li saru ġie konkluż li orgni f'dik il-parti ma kienx possibbli minħabba li l-ispazju huwa żgħir u l-ikbar żvantaġġ kien se jkun li l-ħoss seta' jintilef qabel ma jasal fil-qalba tal-kongregazzjoni. Apparti minn hekk l-orgnanista kien se jkun wisq bogħod mill-animaturi.

Idea oħra li segwiet, kienet li l-orgni jitpoġġa fejn jinsab bħalissa, wara l-altar, imma minħabba l-ispazju limitat li kien hemm kienet se tkun problema biex isibu posthom il-partijiet kollha tal-orgni u biex jinżamm f'livell baxx minħabba l-prospettiva tal-Kurċifiss u l-pitturi tal-ġnub. Wara ngħata suġġeriment ieħor li l-orgni għandu jitqiegħed fuq żewġ naħat merfugħin mill-art. F'kuntest akustiku din kienet se tkun pożizzjoni tajba fejn l-orgni kien se jkollu spazju biżżejjed għall-partijiet kollha u l-ħoss seta' jiġi proġettat mill-ewwel fin-nofs tal-knisja u anke joffri viżwal sabiħ. Fuq din l-idea saru diversi disinni, imma peress li dan id-disinn kien jirrikjedi struttura biex iserraħ l-orgni fuqha u ħafna tibdiliet strutturali ġie jidher li kien se jkun hemm spejjeż kbar, fejn id-disinjatur ma qabilx għax ra li ma kinitx se tkun vijabbli. Noel Gallo reġa' beda jikkunsidra l-idea li jsir wara l-altar u ra jekk kienx ikun possibbli li tittieħed il-kamra fejn kien maħżun it-tużell u anke jittieħed xi spazju mill-kuritur li jaqsam mill-Mużew tal-Iskultura għas-sagristija. Dan l-ispazju kien se jkun biżżejjed biex il-partijiet anċillari setgħu jiġu moħbija, il-kanen il-kbar jitpoġġew f'livell baxx (minħabba l-pitturi) u hekk l-orgni jkun iżjed aċċessibbli għall-manutenzjoni. B'hekk il-ħoss seta' joħroġ dirett fuq il-kongregazzjoni u permezz tagħha wkoll il-ħoss seta' jiġi assorbit ftit qabel ma jasal taħt il-koppla biex b'hekk il-ħoss jista' jinstema' iżjed ċar għax ikun hemm inqas irbumbjar. Il-ħajt ta' wara l-orgni u l-arzella għenu wkoll biex il-ħoss jiġi proġettat b'iżjed direzzjoni. Minn din il-pożizzjoni l-organista seta' jkun qrib l-orgni, qrib il-kor, l-animaturi u s-saċertoti. L-orgni issa ried jiġi ddisinjat f'dan il-post u l-għamara riedet tiġi b'tali mod li ma tkunx imponenti fuq il-figura ta' Kristu Kurċifiss. Saru diversi disinni iżda d-disinjatur ma niżlulux sal-aħħar għax xtaq li l-orgni jikkumplimenta lill-knisja mija fil-mija. L-idea ħarġet f'nofs ta' lejl fejn id-disinjatur skeċċjaha fuq id-djarju tiegħu fejn wara skopra li kienet is-soluzzjoni (ara ritratt nru 1). Is-soluzzjoni kienet li l-profil ta' fuq tal-kanen għandu jdur madwar il-Kurċifiss, jinħolqu elementi tondi biex jikkorrispondu mal-arkitettura tal-knisja u jsiru forom ta' simboliżmu. Fin-nofs tal-għamara hemm is-salib ta' San Ġwann li qiegħed ġo żewġ ċrieki li jissimbolizzaw li r-Rotunda nbniet fuq il-knisja l-qadima, *knisja ġo knisja*. Minn dan iċ-ċentru hemm qishom raġġi ħerġin li jmexxu l-għajn 'il fuq biex tħares lejn il-Kurċifiss (ara ritratt nru 2), fejn il-forom tal-kanen u d-dawl li joħroġ mill-

bażi tal-għamara jkompli jiddefinixxi l-viżwal biex il-ħarsa ta' dak li jkun taqa' fuq il-Kurċifiss. Il-prospettiva tal-orgni b'hekk ġiet qisha kwadru u struttura li tgħin biex il-Kurċifiss jiġi iżjed definit. L-għamara għandha wkoll xi zokklaturi li jikkorrispondu mal-arkitettura tal-knisja, bħal per eżempju l-forom tal-bażijiet tal-ikbar kanen tal-faċċata li jikkorrispondu mal-istess forom li hemm taħt il-koppla (ara ritratt nru 3). Ta' min jinnota lil-ikbar u l-itwal kanen qegħdin kważi fl-istess livell tal-irkupptejn ta' Kristu Kurċifiss. Dawn il-kanen jibdew minn livell iżjed baxx mill-kanen li qegħdin lejn in-nofs. Din saret peress li nħasset il-ħtieġa li simbolikament l-orgni ma kellux jaqbeż l-irkupptejn ta' Kristu Kurċifiss, fejn l-istess irkupptejn ifissru l-umiljazzjoni li sofra Kristu waqt il-passjoni meta waqa' bis-salib fuq irkupptejh (ara ritratt nru 4).

Wara li ġiet deċiża l-pożizzjoni, l-orgni ried jiġi ddisinjat minn ġewwa biex ikun stabbilit kemm setgħu joqogħdu kanen biex jinħareġ numru sew ta' reġistri. Reġistri huma settijiet ta' kanen li kull wieħed jagħmel ħoss ta' strument u tonalità, li jiġu attivati mill-pumijiet li naraw fil-*console*. Din kienet biċċa wġigħ ta' ras għad-disinjatur għax peress li l-ispazju huwa limitat biex iddaħħal numru sew ta' kanen riedu jinstabu metodi biex l-orgni jkollu forza biżżejjed biex ilaħħaq mal-kobor tal-knisja u anke jkollu varjetà vasta ta' ħsejjes (ara ritratt nru 5). Id-disinjatur ried li jagħmel disinn foniku tal-orgni biex fuq l-orgni jkun jista' jindaqq kull stil ta' mużika, minn Liturġiku, Barokk, Romantiku, Modern, eċċ u li jkun jista' jservi għall-ġenerazzjonijiet futuri. Tajjeb ngħidu li l-orgni tax-Xewkija jista' jintuża mhux għal servizzi liturġiċi biss imma anke għal kunċerti ta' livell għoli fejn anke jista' jakkumpanja strumenti oħrajn, orkestri u korijiet. Wara kalkoli li damu għaddejjin xhur, instabu soluzzjonijiet biex jintlaħaq dan, fejn il-fonika tal-orgni ġiet ibbażata fuq stil Franċiż, biex ikollu bilanċ ta' ħsejjes fondi u ta' skala kbira u fl-istess ħin ħsejjes oħra li huma delikati. L-istil Franċiż ma nsibuhx fil-Gżejjer Maltin fejn dan kien se jkun l-ewwel orgni b'dan l-istil. Biex seta' jsir dan, kull ċentimetru kellu jiġi użat u biex ikun hemm aċċessibilità aħjar minn ġewwa riedu jinfetħu żewġ bokok fis-saqaf tal-kuritur li jaqsam mill-mużew għas-sagristija (ara ritratt nru 6). Fl-istess kuritur ġie mibni ħajt biex tiġi ffurmata l-kamra tal-orgni u ffurmat bieb tal-ħġieġ biex jipprovdi l-aċċess għal-livell ta' taħt u jkun possibbli għall-viżitaturi jaraw in-naħa ta' isfel tal-orgni minn ġewwa.

Wara li l-orgni ġie stabbilit, beda d-disinn tal-*console*, biex tiġi stabbilita bl-aħjar forma u funzjoni. Kellha ssir *console* li ma tkunx għolja fil-livell biex l-organista jkun jista' jara sew il-kor fejn ġiet żviluppata *terraced console* bil-pumijiet tar-reġistri jkunu ppożizzjonati f'ringieli fuq xulxin għall-wisgħa, ukoll fuq stil Franċiż(ara ritratt nru 7). L-għamara tal-*console*ġiet iddisinjata b'tali mod li tikkorrispondi mal-arkitettura tal-knisja u li fl-istess ħin tkun oriġinali. Fil-*console*nsibu wkoll is-salib ta' San Ġwann ġo żewġċrieki li huma mnaqqxin ġol-ħġieġ tal-leġiju fejn hawnhekk insibu ħsieb ieħor. Peress li s-salib qiegħed fil-ħġieġ u huwa iżgħar mis-salib tal-għamara, jekk tħares lejh u tara s-salib tal-għamara minn warajh, permezz tal-perspettiva dawn jidhru ndaqs u li jidħlu ġo xulxin (bħal eklissi). Dan jissimbolizza li l-*console* hija parti mill-orgni u li jekk tkun kbir jew żgħir, f'għajnejn Alla kulħadd indaqs u li kollox u kulħadd huwa ħaġa waħda m'Alla. Kull parti tal-*console* ġiet iddisinjata sal-iċken dettall u fejn soltu ċertu *parts* bħall-buttuni, pumijiet tar-reġistri, *displays*, eċċ. jiġu mixtrijin bħala *parts* kwalunkwe, dawn saru fil-fabbrika li għamlet l-orgni fuq disinn speċifiku. Biex il-*console* tkun komda kemm jista' jkun għall-organista, ġiet mgħammra bl-iżjed teknoloġiji avvanzati ta' żmienna. Il-*console* għandha tliet tastieri, pedaliera, 56 reġistru u diversi aċċessorji fosthom faċilitajiet ta' diversi *pre-settings*, arloġġ tal-ħin, tat-temperatura, *transposer*, xelta ampja ta' kombinazzjonijiet, eċċ.

Kif ġiet stabbilita l-*console*, Mons. Carmelo Mercieca staqsa jekk kienx hemm il-possibilità li ssir *console* oħra li tkun magħmula b'tali mod litkun faċli għal min hu prinċipjant jew għat-tfal. Noel Gallo laqa' din l-idea u flimkien ma' Michael Farley bdew jaraw kif setgħu jipproġettaw *console* oħra biex isservi għal dan, fejn kienet se tkun xi ħaġa oriġinali u li mhux soltu ssir. Wara xi studji li saru, ġiet iddisinjata *console* li taqdi dan il-bżonn. Din għandha tastiera waħda mingħajr pedaliera. Grazzi għal din il-*console* l-orgni jista' jintuża b'sistema ta' *pre-settings* fejn fiha nsibu 12-il buttuna fejn kull buttuna/numru li jkollhom ir-reġistrazzjoni diġà programmata minn qabel. B'hekk min idoqq kull majkun irid jagħmel hu li jagħfasminn 1 sa 12 biex il-ħoss jibda minn volum baxx u jogħla. Din il-*console* fiha wkoll faċilità biex il-pedalieri jindaqqu b'mod

awtomatiku (biex joħorġu l-ħsejjes fondi) u anke sistema ta' *transposition* biex tkun faċli għal min qed idoqq li jikkontrolla t-tonalità biex il-kor jew l-animatur jaqbel mal-orgni bla sforzi. Din il-*console* tista' wkoll tkun mobbli, biex l-orgni jkun jista' jindaqq minn diversi bnadi fil-knisja (ara ritratt nru 8). Tajjeb ngħidu li b'din il-*console* l-orgni vera li jista' jindaqq b'ħoss baxx u għoli, imma mill-*console* l-propja l-organista jkollu iżjed kontroll fuq ir-reġistri biex ma jiħux ħsieb biss il-volum tal-ħoss imma anke l-kuluri tal-ħsejjes. L-orgni qisu orkestra fi strument wieħed u s-sabiħ tiegħu hu li għandu diversi ħsejjes ta' strumenti għad-dispożizzjoni ta' min qed idoqq biex idoqq b'mod komplut fejn saħansitra ssir taħlita ta' ħsejjes flimkien biex jinħolqu effetti u kuluri ta' ħsejjes oħra.

Noel Gallo kompla jkejjel il-knisja u l-post ta' fejn ġie mfassal l-orgni, fejn sar ukoll it-tfassil tal-fetħa li kellha tinfetaħ fis-saqaf tal-kuritur u għall-ħajt li kien se jservi ta' sapport għall-istess saqaf u ta' ħajt diviżorju bejn il-kamra tal-orgni u l-kuritur. Saru l-pjanti neċessarji u l-Perit Salvu Micallef applika mal-MEPA biex ikun jista' joħroġ il-permess għal din il-bidla strutturali fejn fid-29 t'Awwissu ħareġ il-permess.

Oriġinarjament l-orgni kien se jkun jikkonsisti minn żewġ tastieri iżda l-amministrazzjoni proponiet li jkollu tlieta biex hekk l-orgni seta' jkollu iżjed ħsejjes u aktar għażliet ta' daqq. Il-proposta ta' tliet tastieri ġiet milqugħa u għall-ħabta ta' Frar 2014 beda l-proċess tat-tfassil tal-kuntratt flimkien mal-amministrazzjoni tal-kurja, fejn kien proċess twil ħafna, iżjed mis-soltu minħabba li l-kurja riedet informazzjoni dettaljata mingħand il-kuntrattur u d-disinjatur tal-orgni. Wara skrutinju kbir u battikata għall-amministrazzjoni tal-knisja u l-kuntrattur tal-orgni, ġie milħuq ftehim fejn fis-16 ta' Awwissu 2014 ġie ffirmat il-kuntratt tal-orgni bejn l-Arċipriet Mons. Carmelo Mercieca u s-Sur Noel Gallo għan-nom ta' Michael Farley Organ Builders quddiem ix-xhieda tal-Viċi Parroku Dun Ġorġ Mercieca, l-Avukat Kevin Mompalao u s-Sinjura Marie Louise Gallo, mart is-Sur Noel Gallo.

## IL-BIDU TAT-TFASSIL U L-PJANTI

Minnufih Noel Gallo beda jfassal l-orgni. Riedu jinħarġu ħafna pjanti ta' reqqa kbira biex l-ispazju li jesa' l-orgni jiġi użat kollu. Ma rridux ninsew li l-orgni huwa magna kumplessa u meta jsir wieħed, irid jitfassal għall-post fejn se jitqiegħed u jrid ikun imqassam b'tali mod li persuna tkun tista' tidħol ġo fih bla diffikultà minħabba x-xogħol ta' manutenzjoni minn żmien għal żmien.

L-għamara l-ewwel li ma bdiet titfassal biex setgħet tiġi stabbilita l-istruttura ta' barra biex mill-għamara 'l ġewwa jkun kemm l-ispazju neċessarju għall-kanen. Fl-istess ħin bdew jitfasslu l-*consoles*. F'dan l-istadju nstab li kien se jkun possibbli li jiżdiedu xi kanen oħra fejn l-għamara tkabbret mill-fond tagħha u ressqet iżjed 'l quddiem. Michael Farley ra li b'hekk seta' jkollu iżjed kuluri u qawwa ta' ħoss u qabad u żiedhom mingħajr ma għolla l-prezz. B'hekk l-orgni seta' jiġi b'ħoss iżjed speċjali. Meta kien se jibda x-xogħol tal-għamara li oriġinarjament kellha ssir tal-*oak* kienu nħadmu diversi *samples* ta' kuluri differenti bil-lostru biex l-injam jitqabbel mal-knisja, imma Noel Gallo u Dun Ġorġ Mercieca ma kinux kuntenti sal-aħħar bil-kulur. Wara diversi diskussjonijiet li ħadu ftit żmien, li saħansitra ttardjaw ix-xogħol tal-orgni, instab li l-injam tac-*cherry* kien se jkun l-iżjed addattat u għalkemm dan l-injam huwa ogħla mill-*oak*, il-fabbrika rat kif għamlet biex taħdem b'dan il-materjal bla ebda żieda fil-prezz.

Kif ġie stabbilit dan, l-orgni beda jitfassal minn ġewwa u kull kanna li kienet proposta riedet issib postha ġo fih. Fi proġett ta' orgni, dan huwa stadju diffiċli ħafna għal min ikun qed jiddisinja għax irid ikun hemm ħafna affarijiet li jkunu jridu jaqblu u jsiru b'teoriji varji biex is-sistema tal-arja tal-orgni tkun imqassma sew u biex kollox ikunibbilanċjat. Bażikament, kull kanna jrid ikollha pressa tal-arja dejjem lesta taħtha u jkun xi jkun dak li jkun qed jindaqq, din l-arja ma tkunx trid titħarrek jew tvarja għax inkella l-ħoss tal-kanna jistona jew ma ddoqx sew. Kull kanna jrid ikollha l-*valve* tagħha li jrid ikun f'post li jintlaħaq. Il-kanen iridu jkunu f'pożizzjoni strateġika biex il-ħoss tagħhom joħroġ bla tfixkil, ħalli b'hekk meta jindaqqu flimkien ma jfixklux lil xulxin. Barra minn hekk, il-kanen ikunu jridu jintlaħqu sew għall-manutenzjoni u li kull sett ta' kanen ikollu pressa speċifika għalih, anke differenti minn oħrajn. Per eżempju, is-sett li jagħmel il-ħsejjes tat-trumbetti jkollu pressa ferm iżjed għolja mis-sett li jagħmel il-ħsejjes tal-vjolini.

Kull kanna fl-orgni tkun trid tiġi mfassla għall-akustika tal-knisja biex ikun garantit li l-ħoss jamalgama sew fil-knisja u li jkun hemm bilanċ

effettiv tal-ħsejjes. Meta ngħidu dan ifisser li kull għamla ta' kanna, dijametru u ħxuna tal-metall irid ikun imfassal bi preċiżjoni kbira. Tajjeb nifhmu li iżjed ma l-orgni jkollu kanen idoqqu f'daqqa, dawn l-irqaqat ikunu aktar evidenti. Dan kollu, fl-aħħar jimmarka t-timbru tal-orgni, fejn il-ħoss tiegħu jiġi personalizzat u ma jkunx hawn orgni ieħor li jkollu l-istess timbru għar-raġuni sempliċi li l-knisja tax-Xewkija hija unika. Dan it-tfassil kollu jitlaq mid-dijametru tal-ewwel kanna ta' reġistru minnhom (*Open Diapason 8'*) li tinsab fuq barra u li hija l-itwal waħda fuq in-naħa tax-xellug. Din il-kanna għandha tonalità bbażata fuq 8 piedi u li d-dijametru tagħha huwa ta' 164 millimetru. Dan id-dijametru huwa kruċjali biex il-ħsejjes l-oħra jiġu mfassla fuqu. Normalment din il-kanna jkollha dijametru ta' 150 millimetru, imma minħabba l-kobor tal-knisja din riedet tikber biex ikun hemm formulazzjoni ta' ħoss komplut u bilanċjat. Kull sett ta' kanen ikollu l-materjal u l-forma speċifika tiegħu biex jiġu maħluqa diversi ħsejjes anke ħsejjes oħra bħal meta ddoqq diversi reġistri f'daqqa. Il-materjali tal-kanen ivarjaw minn żingu, ċomb, landa, injam u bronż. F'dan l-orgni nsibu wkoll kanen li jimitaw strumenti oħra bħat-trumbetta, il-vjolin, il-flawt, l-oboe, eċċ. L-orgni jħaddan 1204 kanen b'kollox li jiġu kkontrollati mit-tliet tastieri ta' 61 nota l-waħda u pedaliera ta' 32 nota u mill-pumijiet tar-reġistri.

Wara t-tfassil, l-orgni beda jiġi maħdum fuq pjanti dettaljati fejn saħansitra juru sal-iċken vit (ara ritratt nru 9).

## Il-bidu tal-manifattura

L-ewwel ma bdiet issir kienet l-għamara tal-orgni u l-*consoles* (ara ritratti nri 10 u 11). Imbagħad bdew isiru l-kanen (ara ritratt nru 12), l-imniefaħ li b'kollox jammontaw għal 5 (ara ritratt nru 13), il-kaxxi tal-*valves* li joqogħdu fuqhom il-kanen (ara ritratt nru 14), is-sistema arterjali tal-ajra għad-distribuzzjoni tal-arja madwar l-orgni kollu, żewġ pompi tal-arja, il-kaxxa tas-i*swell box* u x-*shutters* (ara ritratt nru 15). *Swell box* hija kaxxa sokkjuża u li tinfetaħ minn *shutters* (qishom persjani li jinfetħu u jingħalqu) li fiha jkun hemm xi settijiet ta' kanen li jkollhom bżonn kontroll tal-volum tal-ħoss fuqhom li jindaqqu minn tastiera minnhom. Permezz ta' pedala li jkun hemm fil-*console*, l-organista jkun jista' jiftaħ jew jagħlaq ix-*shutters* biex il-volum tal-ħoss jogħla u jitbaxxa. Wara dan, bdiet issir l-istruttura biex il-partijiet jistrieħu fuqha u beda jsir ukoll it-tfassil tas-sistema elettrika biex kull *valve* tal-kanen ikun imqabbad ma' sistema ċentrali kompjuterizzata biex jiffunzjonaw in-noti u l-*commands* tal-*consoles*.

Meta kull parti tal-orgni ġiet maħduma, beda x-xogħol tal-immuntar tal-orgni fil-*workshop*, fejn kull parti riedet issib postha u taqbel mal-bqija tal-partijiet l-oħra. Kif l-orgni ġie mmunatat, il-kanen bdew isibu posthom fuq l-arja u beda proċess ieħor li jissejjaħ *voicing and tuning* (ara ritratti nri 16 u 17). F'dan il-proċess kull kanna tal-orgni tibda tieħu l-ħajja, fejn il-ħoss jibda jiġi ffurmat, regolat u bilanċjat. Kull kanna ta' kull sett tkun trid tiġi tinstema' bl-istess timbru tas-sett partikolari biex jinstema' ħoss ta' strument wieħed (għalkemm kull sett huwa ffrumat minn kanen individwali għal kull nota) u anke mbagħad kull sett ikun irid jiġi regolat u bilanċjat fil-ħoss biex jaqbel sew mal-bqija tas-settijiet l-oħra. Wara dan, il-kanen jibdew jiġu ntunati, biex kull nota ssib postha. Dan il-proċess jirrikjedi ħafna ħin u xogħol ta' paċenzja, imma huwa kruċjali biex finalment l-orgni jkollu l-aqwa ħoss possibbli. Minkejja dan ix-xogħol kollu l-aħħar irtokki jridu jsiru fil-post fejn ikun se jitpoġġa biex b'hekk il-ħoss isib il-glorja tiegħu fil-post propju.

Waqt li kien miexi x-xogħol, l-amministrazzjoni staqsiet jekk kienx possibbli li l-orgni jkollu xi tip ta' ħoss ta' qniepen. Dan seta' jkun possibbli billi jiġu installati sett ta' *tubular bells* li jkunu jistgħu jindaqqu bil-*console* (ara ritratt nru 18). Peress li l-orgni kien diġà mfassal, kienet biċċa wġigħ ta' ras biex jinstab spazju ġol-orgni u għalhekk ġie propost li jitwaħħlu fuq barra. Wara ftit ħsieb, instabet is-soluzzjoni li jitpoġġew fuq *frame* magħmul apposta bir-roti li jkun jista' jsib postu f'kuritur ġol-orgni u jkunu jistgħu jiċċaqalqu faċilment biex jintrebaħ spazju li ma kienx pjanat għalih. L-orgni minn ġewwa jkun irid ikollu spazji biex min jieħu ħsiebu jkun jista' jaċċessah bla diffikultà u bla ma jżarma ħafna affarijiet biex jilħaq il-post ta' fejn ikun irid jaħdem.

Malli l-orgni beda jiffunzjona kollu, bdiet titħaddem sistema innovattiva li sservi biex l-orgni jdoqq waħdu. Bażikament din is-sistema terfa' s-sinjali tal-elettriku li jintbagħtu mill-*console* għas-sistema tal-orgni biex jitħaddmu l-kanen u din l-informazzjoni tiġi merfugħaġo kompjuter. B'hekk l-organista permezz ta'


1


2


3


4



5


6


7


8


9


10


11


12


13


14


15


16


17


18


19


20


21


22


23


24


25


26


27


28


29


30



31



32



33



34



35




36



37



38



39A



39B



39C

RITRATTI : NOEL GALLO U FRANS GALEA

*tablet* ikun jista' jirrekordja d-diski li jdoqq fuq l-orgni, jagħtihom isem u mbagħad s-sistema terġa' tipproduċi dak li jkun hemm issejvjajt fil-memorja tas-sistema tal-orgni. B'hekk tagħmilha faċli biex meta ma jkunx hemm organista disponibbli biex idoqq, l-orgni jkun jista' jitħaddem awtomatikament (ara ritratt nru 19).

Meta l-orgni ġie armat fil-fabbrika daqslikieku qiegħed fil-knisja, fl-1 t'Ottubru 2016 sar kunċert fuqu mill-organista Andrew Millington fejn diversi professjonisti tal-orgni raw u semgħu l-orgni qabel ma ġie Għawdex (ara ritratt nru 20). Eżatt wara dan l-avveniment, l-orgni żżarma u kollox ġie ppakkjat bir-reqqa, fejn partijiet bħall-kanen u xi biċċiet oħra delikati riedu jiġu ppakkjati f'kaxxi magħmula apposta biex ikunu protetti għal waqt it-traġitt (ara ritratt nru 21).

Imbagħad fit-18 t'Ottubru, l-orgni ġie mgħobbi ġo *container* tal-40 pied u telaq lejn il-port ta' Southampton, biex jitgħabba fuq vapur tal-merkanzija lejn Malta fejn fil-25 t'Ottubru ġie mbarkat u telaq bil-vapur. Fid-9 ta' Novembru l-orgni wasal il-Freeport imma peress li dakinhar kien ħafna maltemp u riħ, il-Freeport waqaf jaħdem għal xi sigħat. Wara li ttranġat is-sitwazzjoni bdew isiru l-preparamenti neċessarji biex l-*container* jinġieb f'Għawdex.

Sadanittant fil-knisja kienu qed isiru xogħlijiet oħra biex jiġi milqugħ l-orgni. Il-kamra tal-orgni giet mkaħħla u miżbugħa u ġie magħmul ukoll bieb bil-ħġieġ. Tlestiet ukoll is-sistema tal-elettriku, li ħadet ftit taż-żmien mhux ħażin biex saret minħabba proċeduri biex is-sistema tkun sikura u b'saħħitha biżżejjed għall-orgni. Għall-istabilità tal-kurrent tal-elettriku nħadem apparat apposta UPS. Dan jiggarantixxi li jiġri x'jiġri, dan iżomm il-kurrent stabbli u anke joffri protezzjoni mis-sajjetti. Din is-sistema kapaċi wkoll tagħti awtonomija elettrika lill-orgni għal ftit minuti jekk imur id-dawl għal kollox. Saret ukoll sistema biex il-partijiet tal-orgni jinxtegħlu f'sekwenza wieħed wara l-ieħor mhux kollha f'daqqa biex tiżgura li ma jkunx hemm *load* tal-elettriku qawwija fuq is-sistema elettrika tal-knisja. Saru wkoll xogħlijiet ta'*conduits*, plakek u swiċis speċifikament għall-orgni. L-orgni minn ġewwa ġie mgħammar b'sistema ta' bozoz li jinxtegħlu għal meta jkun hemm il-manutenzjoni u anke saru bozoz għall-użu tal-viżitaturi, biex min jittawwal ġo fih ikun jista' jixgħel *timer switch* biex ikollu ftit dawl ġol-orgni u ġo xi partijiet minnu.

## IL-WASLA TAL-ORGNI FOSTNA

Fl-10 ta' Novembru l-orgni wasal fostna u wara li ntqalet talba mill-Arċipriet Mons. Daniel Xerri, minnufih beda jinħatt il-*container* u b'hekk kull parti ddaħħlet fil-knisja (ara ritratt nru 22).

Għadd ġmielu ta' persuni għenu biħġarhom (ara ritratt nru 23). Dakinhar stess filgħaxija, it-tekniċi tal-fabbrika ta' Michael Farley taħt is-superviżjoni ta' Noel Gallo bdew ix-xogħol tal-immuntar tal-orgni. Kull parti riedet titpoġġa b'tali mod li ssegwi sekwenza biex jintrama l-orgni.

## L-ORGNI JINGĦAQAD

L-ewwel li bdiet tintrama kienet is-*swell box* fejn il-parti ta' fuq u l-ġnub tagħha riedu jinqatgħu u jiġu ffurmati fuq il-post (ara ritratti nri 24 u 25). Sar hekk biex tkun ħaġa waħda mal-ħajt ta' wara biex il-ħoss tal-kanen seta' jiġi sokkjuż sew meta s-*swell box* tkun magħluqa għalkollox biex l-effett tal-kontroll fuq il-volum fuq il-kanen ikun effettiv.

Wara bdew jiddaħħlu l-kaxxi tal-*valves,* tal-kanen u l-imniefaħ u l-pompi tal-arja (ara ritratt nru 26). Hawnhekk is-sistema tal-arja tal-orgni riedet tibda titħaddem biex l-arterji u s-sistema kollha tiġi ċċekjata għall-aħjar funzjoni tagħha biex meta l-kanen iddaħħlu sabu l-arja lesta (ara ritratt nru 27). L-għamara bdiet tintrama wkoll (ara ritratt nru 28). Il-kanen ta' barra bdew jitpoġġew u l-kaxxi tal-*valves* għall-kanen ta' quddiem iddaħħlu wkoll (ara ritratt nru 29). Wara li l-qoxra tal-orgni ttellgħet, beda l-proċess biex jiddaħħlu l-kanen interni li huma r-ruħ tal-ħoss tal-orgni (ara ritratt nru 30). Il-*console* ġiet imqabbda u ċċekjata biex tibda tintuża biex tiftaħ il-*valves* tal-kanen (ara ritratt nru 31). Kull darba li ddaħlet kanna, il-*valves* infetħu biex ġie ċċekjat li l-kanen kienu deħlin fil-pożizzjoni t-tajba u li kienu qed idoqqu sew.

Hekk kif l-orgni ġie a rmat kollu, beda x-xogħol ta' intunar tal-kanen u ta' kalibrazzjoni tas-sistemi kollha (ara ritratti nri 32, 33 u 34). Dan il-proċess dam iżjed milli biex intrama l-orgni. Fl-24 ta' Novembru, l-ewwel stadju ta' xogħol fuq l-orgni kien lest, fejn imbagħad fis-27 tal-istess xahar, ġie mbierek mill-E.T. l-Isqof Mario Grech, fil-preżenza tal-President ta' Malta Marie Louise Coleiro Preca, il-Ministru għal Għawdex Anton Refalo u oħrajn (ara ritratt nru 35). Din kienet ukoll l-okkażjoni

tal-ftuħ tal-Istrina 2016 f'Għawdex. Minn hemm, l-orgni beda jintuża regolarment u fl-24 ta' Diċembru Noel Gallo ta kunċert tal-Milied fuqu (ara ritratt nru 36). F'dan il-perjodu, l-orgni kien qed jiġi kontinwament ċċekjat minn Noel Gallo biex jara l-affarijiet kif qed isibu posthom kif ukoll minħabba l-kalibrazzjoni. Tajjeb inkunu nafu li l-orgni sakemm joqgħod fil-post ikun irid diversi xhur biex il-mijiet ta' partijiet joqogħdu, speċjalment il-kanen, fejn l-intunar tagħhom jista' jvarja minħabba ċ-ċaqliq tal-klima. Fl-4 t'April 2017 it-tekniċi tal-fabbrika reġgħu ġew fostna biex fuq l-osservazzjonijiet fix-xhur ta' qabel, jirfinawh tal-aħħar. B'hekk tlesta minn kollox u kien lest għall-inawgurazzjoni. Din kienet ir-raġuni għaliex l-inawgurazzjoni saret xi xhur wara, peress li l-orgni ried jieħu l-ħin tiegħu biex jiġi jinstema' fil-glorja kollha tiegħu.

## L-INAWGURAZZJONI

L-avveniment tal-inawgurazzjoni ried ikun wieħed speċjali u għalhekk ġie mifrux fuq tlett ijiem.

Nhar l-4 ta' Mejju ġiet iċċelebrata quddiesa għall-benefatturi ta' dan il-proġett u wara saret taħdita minn Dun Nazju Borg, Arċipriet tal-Qala, dwar il-mużika sagra fil-Liturġija (ara ritratt nru 37).

Fil-5 ta' Mejju, Noel Gallo flimkien ma' Michael Farley tawpreżentazzjoni awdjo viżiva fejn ġie spjegat il-proġett kollu. Intwerew kif jaħdmu u kif inhuma magħmula l-kanen u anke ndaqqu xi biċċiet fuq l-orgni minn Robert Millington, li huwa wieħed mill-ħaddiema tal-fabbrika li kien responsabbli għall-intunar tal-orgni (ara ritratt nru 38).

Imbagħad fis-6 ta' Mejjusaret quddiesa li għaliha reġgħet attendiet il-President ta' Malta u wara l-organista David Davies ta l-kunċert tal-inawgurazzjoni. Għal dan il-kunċert kien preżenti wkoll l-Isqof t'Għawdex, l-Ministru għal Għawdex, is-Sindku u mistednin distinti oħrajn flimkien ma' għadd sabiħ ta' parruċċani (ara ritratt nru 39 a,b,ċ).

## IL-KONKLUŻJONI

Dan il-proġett ħa fit-tul u kienu bżonjużi ħafna riżorsi biex jitwettaq, imma kien kollu siewi biex sar proġett speċjali li x-Xewkin se jdumu jgawduh għall-ġenerazzjonijiet futuri. Permezz tiegħu l-Liturgija fil-knisja Rotunda għandha għodda effettiva biex tkun iżjed qawwija u hekk il-kongregazzjoni toqrob lejn Alla bit-talb. Barra minn hekk ma rridux ninsew li l-orgni li sar huwa ta' kwalità għolja u li hu wieħed mill-iżjed orgnijiet prestiġjużi li nsibu fil-gżejjer Maltin.

Noel Gallo jixtieq jirringrazzja lill-amministrazzjoni tal-Knisja u lix-Xewkin tal-fiduċja kbira li wrew fih biex proġett bħal dan seta' jsir realtà.

Dawn huma d-dettalji tal-għamla tal-orgni u l-karatteristiċi speċjali tiegħu li ftit minnhom sal-lum huma uniċi fil-gżejjer Maltin:

- Orgni magħmul fuq stil foniku Franċiż (uniku f'Malta);
- Għandu *console* sekondarja li tagħmilha possibbli li prinċipjant ikun jista' jużah b'mod iżjed faċli (unika f'Malta);
- Pedalieri (noti baxxi li jindaqqu bis-saqajn) idoqqu awtomatikament b'sistema addizzjonali;
- Disinn tal-*console* prinċipali *curved terraced* (unika f'Malta);
- Sistema biex l-orgni jdoqq awtomatikament;
- Sett ta' 25 qanpiena *tubular bells* (uniku f'Malta);
- Għamara tal-orgni u l-*consoles* magħmula minn injam *cherry* (uniċi f'Malta);
- B'teknoloġija avvanzata għal prestazzjoni ta' kalibru għoli;
- Mitt kanna u waħda fil-faċċata (unika f'Malta);
- Pumjiet tar-reġistri:56 waħda, magħmula minn *stainless steel* (uniċi f'Malta);
- Żewg aċċessorji tat-*tremulant* f'diviżjoni waħda (li jservu biex xi kanen ikollhom ħoss ta'*vibrato*) (uniċi f'Malta).

# L-Orgni l-Ġdid tar-Rotunda

Saħħarni l-ġmiel tiegħek kif ilmaħtek,
merfugħ 'il fuq fil-post għalik imfassal
wara l-altar, tistrieħ hemm trijonfanti,
minn fejn ħlewwietek int lill-ġemgħa twassal.

Int xhieda tal-ħiliet ta' min mar sawrek.
li f'din is-sengħa juri kbira ħila,
bħal dak l-artist li jġib flimkien kuluri,
biex joħloq l-isbaħ xena fuq it-tila.

'Mma ħsiebi mhux dwar dan illum qed jimraħ,
inkella x'ġie użat biex ġejt imsawwar,
x'inhu l-metall li joħroġ minnu nifsek,
inkella dwar l-injam li bih imdawwar,

jew dwar kemm inti kbir, kemm inti wiesa',
xi kemm ilaħħaq sewwa l-għoli tiegħek,
il-għadd ta' kemm tastieri inti tħaddan,
kemm għandek pajpijiet imwaħħla miegħek.

Kemm huma melodjużi n-noti tiegħek,
inħalli għad-daqqaq li għad jurina,
li kif bis-swaba' jmur lilek imelles,
l-isbaħ għanjiet għad lilna jmur jagħtina.

Nixtieq jiena llum minn dan nitbiegħed,
għax b'hekk ikunu biss vrus ta' tifkira.
Dan l-orgni li dalwaqt sejrin inżanżnu,
għalina fih bil-wisq ogħla tifsira.

Jien nara fik xi ħaġa bil-ferm aqwa
minn dak li s-sensi tagħna qed juruna.
B'din l-opra fil-ġewwieni tar-Rotunda,
poġġejna fiha llum l-isbaħ kuruna.

Kuruna li ħadimha l-poplu Xewki,
li biha juri xtaq tiegħu l-imħabba
li għandu għar-Rotunda li hu bena,
li tul is-snin ġo fih baqgħet titrabba.

Ir-ritmu ta' kull nota miżmum minnek
narah ma' qalbna tħabbat hemm tixbiha,
u dawn flimkien jintisġu f'sinfonija,
li ssir għal Alla talba wisq sabiħa.

Ftit ieħor u dak leħnek 'il fuq jogħla,
mal-koppla jdur, u jikser mal-irkejjen,
biex juri li l-ġewwieni tar-Rotunda,
illum kif jixraq safa kollu mżejjen.

Mario Borg


FELIX'S
BUTCHER
Best Quality Meat, Prices & More
Felix Pace
Triq l-Għarus
Xewkija, Għawdex
Tel: 27131315
Mob: 99094935


Peter Bugeja
Fisheries
Triq il-Merkanti Għajnsielem GSM 1951 Gozo - Malta
Tel/Fax: 21563413 Mob: 99430470 Email: peterbugejafisheries@gmail.com


LANTERN
Guest House
Restaurant • Pizzeria
Qbajjar Road, Marsalforn Bay, Gozo - Malta.
Guest House
Tel: 2156 2365, 2155 6285
Mob: 7956 6271
lantern@onvol.net
Restaurant
Tel: 2155 6309
Mob: 9982 3689
lanternrest@hotmail.com
www.gozo.com/lantern


AGIUS
BAKERY
CONFECTIONARY
Gateaux & Sweet Selection
Fresh Local & Fancy Bread
25, MĠARR ROAD, GĦAJNSIELEM, GOZO
T: 21561036 • M: 9922 8212


PLAYPEN
TOYS & STATIONERY
30, Main Gate Street, Victoria - Gozo
Tel : 21561107
• Printing from any media in Colour or B&W
• Printing of Posters and Business Cards
• Colour & B& W photocopies
• Laminations
• Binding
• Stationery,
• Plans Photocopies up to A0
• Magazines and Greeting Cards

# Lepeirks Travel




**Gozo's Largest Fleet**

*A Fleet of 14 Coaches, Mini-Buses, Taxis & Open Top Buses*

***We cater for all occasions you need!***
***Day Excursions & Direct Airport Transfers***

*Contact:* **Ennio Farrugia**

t: +356 21552725
f: +356 21552725
m: +356 79093696 / +356 79603153

e: lepeirks@maltanet.net
enniof@maltanet.net

# NU-ALUMINIUM

Triq il-Qlugħ (Industrial Estate Xewkija) • T: 21557205 • M:99469316 • E: nu-aluminium@outlook.com







Repairs & Maintenance on all aluminium works also available!!!

We manufacture all types of:
Door, Windows, Double Glaze Glass • Balcony & Hand Railings
Sliding & Roller Insect Screens • Pet Insect Screens also available
Aluminium Roller Shutters



econetique

starting from
€595




5 years
full warranty

A++
efficiency

WiFi
technology

Inverter
type model

## cool down guilt-free this summer

## introducing Sinclair airconditioning systems

we also offer portable airconditioners, photovoltaic systems and insulation solutions

www.econetique.com    Qormi - Xewkija Gozo    2133 4901    2156 9006    7978 2585

# For Sale

DIRECT FROM DEVELOPER

**New development in Xewkija**



# Tulip Apartments





TYPICAL FLOOR LAYOUT

PRICES STARTING FROM **€65,000**

AGIUS PROJECTS LTD

**7925 6664 / 7925 8111**

'Agius Building', Triq Qasam San Ġorġ, Victoria, Gozo.

property@agiusgroup.com




# SB Auto Centre Ltd.

New & Used Cars - Insurance - VRT - Parts

**Mechanical & Body Repairs & Spray Painting**

KIA MOTORS

7 YEAR KIA WARRANTY



Aircondition Service

VRT & Service centre: Mgarr Road Xewkija Tel 21565758 -- 21556520

Showroom: Mgarr Road Xewkija Tel: 21556773 -- 99849141


vini e capricci
wines & whims
Gozitano Agricultural Village,
Mgarr Road,
Xewkija, Gozo
Tel : 21563231 / 21560952
www.abrahams.com.mt
email:info@abrahams.com.mt
Taste for ART & ART of Taste
Events 2017
Follow us on Facebook and www.viniecapricci.com for more information


Fantasia
SNACK BAR
We are the ideal place for coffe, food & drinks.
A variety of typical dishes, cocktails & ice-creams.
Your satisfaction is our motivation!
Find us:
9 Savina Square, Victoria, Gozo.
27809400 or 79809473
Fantasia Snack Bar




TA' DAMJAN TRANSPORT AND REINFORCED STEEL

*For all kinds of transport,*
*steel work,*
*lifter and crane service.*

87, 27th November 1678 Street,
Xewkija - Gozo.

Telephone: 21554597, 21557597
Mobile: 99554597,
99499175, 79477884

Website: www.tadamjan.com
Email: tadamjan@maltanet.net










MEZZAN GARAGE

• 24 HRS TOWING • MECHANIC
• ALL TYPE OF TYRES
• PANEL BEATING • SPRAY PAINTING

29, TRIQ TAS-SALIB, XEWKIJA, GOZO.

RAYMOND MERCIECA 2155 4361 / 7955 4361
LAWRENCE MERCIECA 9956 4300
TONIO FENECH 7985 4096

GOZO CREATIONS
SIGNS & GRAPHICS

LARGE FORMAT DIGITAL PRINTING

Signs, Banners,
Vehicle Wrapping
Display Stands, Canvas Art,
Labels, Shirts

tel. 27445708 - mob. 99445708
WWW.GOZOSIGNS.COM

4 seasons
STATIONERY & GIFT SHOP

One stop Stationery Shop

- Photocopy
  Color and B&W
- Binding / Lamination
- Newspapers
- Stationery
- Cards
- Gifts
- School Items

Opening Hours
Monday to Saturday
7.30am - 7:00pm
Sunday
8:00am - 12.00 noon

Now Open

Soil Street, Xewkija
between St. John Supermarket & Best Save Supermarket
Mob: 9955 9416

Cherry



LOUIS VELLA
BUILDING CONTRACTORS
AND PROPERTIES

XEWKIJA - GOZO
TEL: 2155 5721 MOB: 9942 3980

# ST JOHN THE BAPTIST ASSOCIATION IN MELBOURNE - AUSTRALIA

**JESMOND ATTARD** - *Vice President*

Dear Friends of St John the Baptist,

It is with great honour that I find myself writing another message and a great privilege to be a part of the St John the Baptist Association on the 35th anniversary of its establishment.

A lot of work, effort and time is dedicated to this annual event by the committee members, members and volunteers. Unfortunately, this year we have lost the work and dedication given to us by our former committee member and member, Christine Carabott and Robert Carabott. They are sorely missed however I wish them both the very best in their future endeavours and sincerely thank them for all they have contributed to this association.

'When one door closes another door opens' as the saying goes. At our Annual General Meeting in February, even though we lost two important members, four new people joined the committee: Joe and Josephine Azzopardi, Jane Attard, a former committee member and my wife, Jane Pace. I would like to warmly welcome them to the committee and hopefully with a bigger team we can achieve bigger and better things.

A many number of people have contributed to this association since it its inception 35 years ago. The founder Mr Laurie Zammit (tas-Sangristan) and his colleagues went to great lengths to establish this annual event. An event that reminds some of us of our home, our youth, of the great celebration in our village, for others, especially those born here, it allows them to celebrate a tradition, a cultural link to their family, their Maltese heritage.

Finally, I would like to thank many of you individually, alas there is not enough space. I probably say it every year but better words I cannot find: Without the help of volunteers, sponsors and the committee, and the support of Father Tuan, and the principal Mr. Jeffrey Parker this feast would not be the great success that it is. Thank you.

Viva San Ġwann Battista.

Azzopardi Auto Center

**Carmel Azzopardi**
*Director*



107, Europe Street,
Victoria, VCT 111, Gozo.
Tel: 2156 4110 Tel/Fax: 2155 3715

OPENING HOURS: 7.30a.m. - 6.30p.m.
Spare Parts Sales for All Cars
Sea View Appartments
For Rent in Marsalforn



MICHEL HILI
*Ferrobattuto*

**N.B., St. Leonard Street, Victoria, Gozo**
**Tel: 21 555 908**
**Mob: 9945 9450**

# Majmuna's
## Garden Centre

*Statwi tas-siment kbar u żgħar, funtani u pots, xtieli ta' barra u fjuri artifiċjali, affarijiet taż-żwiemel u oġġetti oħra.*

100, Soil Street, Xewkija, Gozo.

**Tel: 2156 1409**

# J & R Auto Parts

Mġarr Road, Victoria, Gozo

**Tel: 21564389**

**Mob: 99457179**



# SOĊJETÀ FILARMONIKA PREKURSUR



CHARLES BORG - *Segretarju*

Ix-xahar ta' Ġunju reġa' magħna u dan ifisser li wasal ix-xahar tant għażiż għalina x-Xewkin. Hu xahar tant impenjattiv għalina l-għaqdiet u kumitati li naħdmu s-sena kollha għall-festa tar-raħal. Il-ħidma tas-Soċjetà mhix marbuta biss mal-festa tal-Patrun tagħna San Ġwann Battista, imma hija ħidma vasta matul is-sena kollha, kif jixhdu d-diversi avvenimenti li kellna matul l-2016 u l-bidu tal-2017.

Bla dubju ta' xejn, l-iktar avveniment importanti li ddomina l-ħidma tas-Soċjetà Filarmonika Prekursur kien il-Kunċert Strumentali ġewwa t-Teatru Manoel. Kunċert li ser jibqa' mniżżel fl-istorja tas-Soċjetà. Nista' ngħid li kien kunċert bi sfidi mhux żgħar, kemm finanzjarjament kif ukoll logistikament, iżda meta wieħed jara r-riżultat, is-sodisfazzjon huwa wieħed kbir. Dan jixhduh ukoll id-diversi kummenti sbieħ li rċivejna minn diversi każini Maltin kif ukoll mill-Għaqda Każini tal-Banda, fejn urejna s-Soċjetà Filarmonika Prekursur x'kapaċi toffri, kemm fuq livell ta' kunċert kif ukoll fuq livell ta' organizzazzjoni. Nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lil dawk kollha li ngħaqdu magħna kemm fil-*weekend break* li ġie organizzat kif ukoll dakinhar tal-kunċert, fejn kien hemm numru mill-isbaħ ta' dawk li attendew għall-kunċert mir-raħal tagħna.

Għat-tieni sena konsekuttiva, is-Soċjetà Filarmonika Prekursur flimkien mal-Arċipriet Mons. Daniel Xerri, tellgħet serata mużiko-letterarja li ġabet l-isem Magħna fl-Agunija. It-tema ta' din is-serata kienet marbuta mat-tbatijiet li ngħaddu minnhom matul il-ħajja tagħna, tbatijiet ta' mewt fil-familji, drogi u faqar, fost oħrajn. Il-kitba f'din is-serata kienet f'idejn il-poeta bravissimu Xewki Mario Borg, fejn permezz tal-pinna tiegħu, seta' jitwassal iktar il-messaġġ ta' din is-serata. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor kienu involuti biex din l-attività tkun waħda ta' suċċess.

Dawn huma żewġ avvenimenti tas-Soċjetà Filarmonika li tista' tgħid l-iktar li ħallew impatt, iżda l-ħidma tas-Socjetà tmur iktar minn hekk. Matul is-sena l-Banda Prekursur tkun impenjata f'diversi servizzi, kemm fir-raħal tagħna kif ukoll fi rħula oħra. Insemmi din is-sena b'mod partikolari





l-ġemellaġġ li sar bejn il-Kunsill tax-Xewkija u dak ta' Modika, fejn is-Soċjetà Filarmonika Prekursur u l-Kumitat Żgħażagħ Brijużi Xewkin taw is-sehem kollu tagħhom biex dan il-ġemellaġġ ikun wieħed ta' suċċess.



Apparti mill-attivitajiet, is-Soċjetà Filarmonika Prekursur, toffri tagħlim tal-mużika b'xejn, minn surmastrijiet kwalifikati u dedikati. Għalhekk inħeġġeġ lit-tfal, żgħażagħ u persuni adulti, biex min jixtieq jitgħallem il-mużika, ikellem lil xi membru tal-kumitat u b'hekk inkunu qed inżommu l-banda tagħna ħajja u attiva.



Is-sena 2017 hija wkoll sena importanti għalina. Dan proprju għaliex is-Surmast Direttur tal-Banda Prekursur Mro Anthony Borg, din is-sena ser jagħlaq 20 sena bħala Surmast Direttur. Dan huwa anniversarju ta' 20 sena ta' servizz bla waqfien lejn is-Soċjetà u r-raħal tagħna, fejn il-Mro Anthony Borg, dejjem ġab l-interess tal-banda u tal-każin qabel l-interess personali. Ta' dan personalment u f'isem il-Kumitat tas-Soċjetà nirringrazzjah.



Nagħlaq billi nirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor jagħtu l-għajnuna tagħhom lejn is-Soċjetà: lill-bandisti tas-servizz kontinwu tagħhom, lis-surmastrijiet tat-tagħlim, lis-surmast Anthony Borg, tal-ħidma kbira fi ħdan is-Soċjetà, lis-sottokumitat tal-banda tax-xogħol u s-sehem tagħhom fi ħdan il-banda, lil sħabi membri tal-kumitat u fl-aħħar u mhux l-inqas lilkom tal-appoġġ kontinwu tagħkom fl-attivitajiet li ntellgħu.

Il-Festa t-Tajba lil kulħadd!

# LILL- MAESTRO ANTHONY BORG

## (20 SENA ANNIVERSARJU - SURMAST TAS-SOĊJETÀ FILARMONIKA PREKURSUR)

Jogħġobni x'jgħid il-Malti fil-għerf tiegħu;
Li għandek tqis mhux darba, iżda mija,
U tieħu ħinek tgħarbel, tkejjel, tiżen,
Biex tagħżel dak li hu l-aħjar mill-bqija.

'Mma jien xi drabi għandi fehma oħra,
U nagħti ħafna kas x'jgħidli l-ġewwieni.
It-tajjeb u l-aħjar mill-bogħod jingħaraf,
Ma jkunx meħtieġ li toqgħod tittratieni.

Jien nemmen li hekk seħħ għoxrin sen' ilu
Kif għal surmast tal-Banda bdiet tfittxija.
Mingħajr dewmien il-kumitat mar għaraf,
Lil min b'bakketta  f'idu se jmexxiha.

Lil hinn mill-ħila tiegħek mużikali,
U l-fama li ġa tgawdi fil-Mellieħa,
Il-membri għarfu fik ħwejjeġ moħbija.
Dak kollu l' hu meħtieġ f'persuna sħiħa.

Tispikka l-umiltà li biha mżejjen,
Riġlejk mal-art, ma jagħmlux bik l-unuri.
Kliemek meqjus. Li twiegħed inti twettaq.
Sa minn ċkunitek mogħni b'daw' l-valuri.

Int tħaddan sens ta' għaqal fit-tmexxija,
U meta tikkoreġi 'l ħadd ma tweġġa'.
Bżulitek drabi jiena nirgħex minnha,
Narak għall-Banda mimli hekk b'tant ħeġġa.

'Mma int ma twaħħadx biss mal-Banda tagħna,
Għal raħli għandek int l-akbar imħabba.
Fik nara Xewki li bil-wisq jisboqni,
Li nafni minn ċkuniti hawn nitrabba.

Onest, sinċier, korrett u ġust f'għemilek.
Int dak li nkejjel magħha l-irġulija.
Dwar dan nitolbok tqisx biss dawn il-versi.
Staqsi 'l min trid fir-raħal tax-Xewkija.

Kien taħt idejk li l-banda tant isseddqet,
U daqqet ġewwa pjazez b'nies mimlija,
Ħonqot teatri sħaħ, swali u toroq.
Sa barra mix-xtut tagħna msemmiha.

'Mma int illum mhux b'dan l-aktar li tifraħ,
Bis-Soċjetà fuq pedestall imqiegħda,
 'Mma b'żgħażagħ li f'din l-arti qed jitħarrġu
w'hekk jibqgħu fil-ġejjien minn vizzji mbiegħda.

Grazzi Surmast illum ilkoll intennu,
Kif fostna rfist, int sirt wieħed ta' ġewwa.
U grazzi lil min xeħet għajnejh fuqek,
Għax għamel fost l-għażliet dik l-aktar sewwa.

Għażiż Maestro Borg jien nawguralek,
Ħafn' iżjed snin ta' ħidma hawnhekk magħna.
Dak ismek għal kemm snin iridu jgħaddu,
Se jibqa' marbut sħiħ mal-Banda tagħna.

Mario Borg

Tal-Lajku
We specialise in baking traditional Maltese biscuits according to traditional recipes.
Our products can be found in most supermarkets and grocery shops around Malta & Gozo
38, Giant Street, Xagħra, XRA 2470, Gozo, Malta.
T: 21553150 / 21563629     M: 99422415 / 99826335

ĦIDMET L-GĦAQDIET XEWKIN




# MILL-GĦAQDA ARMAR *Xewkija*

RUBEN FARRUGIA - *Segretarju*

Reġa' wasal Ġunju, xahar ferm għażiż għalina x-Xewkin fejn fih niċċelebraw il-festa tal-Patrun tagħna San Ġwann Battista. F'dan ix-xahar il-membri tal-Għaqda Armar ikunu qed jaqtgħu l-frott ta' sena ħidma ma taqta' xejn ġewwa l-maħżen.

Wara li f'Settembru ġie ffurmat il-kumitat il-ġdid, flimkien rajna xi proġetti ħa nagħmlu għal din is-sena. Bdejna biex komplejna x-xogħol fuq l-ark. Peress li l-arma tan-nofs kienet għadha dik tal-Kungress Ewkaristiku, din ġiet mibdula għas-simboli ta' San Ġwann u ndurata. Dan ix-xogħol inħadem minn Twanny Zammit u ndurat minn Frankie Mercieca. Ġew ordnati wkoll iż-żewġ imsiebaħ li jintramaw fih. Dan huwa xogħol tal-i*stainless steel* u ram maħdumin minn Bastjan Aquilina.

Komplejna wkoll il-proġett ta' Triq il-Kbira fejn għal dan nixtieq nirringrazzja lil Charles Borg li flimkien mal-membri tagħna lestew ix-xogħol tal-fiber, lil Joseph Xuereb (Il-Lolot) għax-xogħol tal-injam u lil Frankie Mercieca għall-induratura fuq is-sopraporti u l-armi. Keith Hili lesta l-isfumatura tal-bandalori. Keith għamlilna wkoll il-forom tal-labardi ta' ma' tarf il-lasti tal-bnadar.

B'inizjattiva ta' Nenu Xuereb u Charlton Mifsud din is-sena ser inżanżnu pedestall ġdid, xogħol fl-injam ta' Joseph Camilleri (Skippy) u disinn ta' Manuel Grech. Dan jintrama fi Triq San Żakkarija fejn fuqu jitla' San Ġwann iż-Żgħir. Fi Triq San Bert għal din is-sena ser jiżżanżnu erba' labardi ġodda u ħa jiġu sfumati erba' bandalori oħra biex b'hekk ix-xogħol tal-isfumatura jkun lest fuq is-sett kollu.





Paul Cassar tana l-aħħar żewġ bandalori ta' Triq il-Ħamrija. B'hekk dan is-sett hu komplut. Keith Hili lesta wkoll l-aħħar erba' bandalori minn sett ta' sitta li jintrema fi Triq Widnet il-Baħar.

Wara li kien ilu jinħass il-bżonn ġiet installata sistema ta' dawl ġdida fil-maħżen. Dan ix-xogħol sar mill-President tagħna, Ġovann Buttiġieġ bil-għajnuna tal-membri. Ġiet installata sistema ta' *fire extinguishers*. Peress li l-i*scaffolding* li kien jintuża għall-armar tal-pavaljuni ma kienx għadu jintuża, dan ġie mibdul f'karru li fuqu jista' jinġarr l-armar.





Barra dan ix-xogħol ġdid li sar, kompliet il-manutenzjoni fuq il-pavaljuni tad-dawl. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lill-grupp ta' voluntiera minn Triq San Żakkarija fejn dawn irrestawraw il-pavaljuni tat-triq tagħhom. Bdejna nduru wkoll l-antarjoli ta' Triq Santa Katerina fejn dawn issa ħa jsiru kollha tal-injam.

Biex jitwettaq dan ix-xogħol, jirrikjedi ammont sostanzjali ta' flus. Għal dan il-għan, l-għaqda torganizza tliet ikliet prinċipali, dik tal-Għid, li issir fl-ewwel ġimgħa fuq l-Għid, dik tal-martirju ta' San Ġwann u dik ta' San Martin f'Novembru. Għal din is-sena żidna wkoll majjalata ġewwa ċ-Ċentru Parrokkjali. Apparti dawn isiru *coffee mornings*, *high teas* u *pasta night*. Din is-sena fuq inizjattiva ta' Marlon Pace għamilna *wrist bands* li qed jinbiegħu għall-prezz ta' ħames ewro il-par mingħand il-membri tal-kumitat.  Norganizzaw żewġ lotteriji waħda fil-Milied u l-oħra fl-Għid u kull xahar ikollna lotterija tal-prima fejn tistgħu tixtru l-biljetti mingħand il-membri tal-għaqda. Min irid jista' jingħaqad mal-lista ta' benefatturi li diġà għandna u jgħinna fil-ġabra trimestrali.



F'ismi u f'isem il-kumitat nixtieq nirringrazzja lill-benefatturi kollha li jattendu għal dawn l-attivitajiet. Il-preżenza tagħkom tkompli timliena bil-kuraġġ biex inkomplu naħdmu sabiex inkabbru l-festa tagħna ad unur San Ġwann Battista.

Il-kumitat flimkien mal-membri jixtieq jawgura l-festa t-tajba lill-poplu Xewki filwaqt li nitlob il-koperazzjoni tagħkom sabiex nibżgħu għall-armar.







ĦIDMET L-GĦAQDIET XEWKIN

# RADJU PREKURSUR

## 20 SENA TA' XANDIRIET... SERVIZZ... VOLONTARJAT...

STEFAN BUGEJA

Għaddew 20 sena minn meta Radju Prekursur xandar għall-ewwel darba waqt il-jiem tal-festa tas-sena 1997. Kien pass ġdid fl-istorja tal-parroċċa tagħna u konna kważi minn tal-bidu li wassalna dan is-servizz fil-gżira tagħna ta' Għawdex.

Fil-bidu bdejna b'xandiriet fil-jiem tal-festa u fi żmien il-Milied u l-Għid biss, imma minn Frar tas-sena 2001 Radju Prekursur beda jxandar bi skeda permanenti matul is-sena kollha. Minn dakinhar sal-ġurnata tal-lum Radju Prekursur kien il-leħen tal-parroċċa u tal-għaqdiet tar-raħal tagħna, li wasal ġo djar ta' dawk li minħabba ċirkustanzi differenti ma setgħux jieħdu sehem fl-attivitajiet diversi li jkunu organizzati minn żmien għal żmien fix-Xewkija.

Normalment f'din il-paġna tar-rivista annwali tal-parroċċa nwasslulkom tagħrif dwar dak kollu li jkun seħħ matul l-aħħar sena, però din is-sena ma nistgħux ma nagħtux ħarsa wkoll lejn dak li għaddejna minnu matul dawn is-snin ta' xandir. Din l-aħħar sena kienet waħda impenjattiva għal Radju Prekursur li matulhom xandarna l-attivitajiet kollha li saru fil-Knisja Rotunda. Xandarna wkoll attivitajiet li ġew organizzati fir-Rotunda mid-Djoċesi Għawdxija, kif ukoll attivitajiet li saru barra mir-raħal tagħna imma b'rabta max-Xewkija. Ta' min insemmu hawnhekk ix-xandira diretta tal-għoti tal-pussess lil Mons. Trevor Sultana, bħala Arċipriet tar-raħal tal-Għarb. Din is-sena ma nistgħux ma nsemmux ukoll ix-xandiriet tal-attivitajiet marbutin mat-tberik u l-inawgurazzjoni tal-Orgni l-ġdid tal-Knisja Rotunda. Minbarra l-attivitajiet li jsiru fir-Rotunda, Radju Prekursur wassal ukoll xandiriet ta' attivitajiet organizzati mill-Kunsill Lokali f'Jum ix-Xewkija kif ukoll attivitajiet oħrajn bħall-programmi mużikali mtella' mill-Banda Prekursur.

Is-servizz li joffri Radju Prekursur mhuwiex marbut biss mar-residenti Xewkin imma jmur ukoll 'l hemm minn xtutna. Sa mit-twaqqif tiegħu, l-għan ewlieni ta' Radju Prekursur kien li jkun ta' servizz għall-morda u l-anzjani, kif ukoll għal dawk li jieħdu ħsiebhom u li ma jkunux jistgħu jipparteċipaw fl-attivitajiet li jsiru fir-raħal. Ma' dawn hemm ukoll l-emigranti, li minkejja li jgħixu bogħod minn raħal twelidhom, huma qatt ma jistgħu jinsew lix-Xewkija. Sa mit-twaqqif tiegħu Radju Prekursur ħadem biex iservi ta' ħolqa li jgħaqqad lix-Xewkin mferrxin mal-erbat irjieħ tad-dinja ma' raħal twelidhom. Kien għalhekk li sa mill-1998 Radju Prekursur kellu l-ewwel websajt tiegħu, li fis-snin ta' wara ġiet żviluppata u offriet servizz ta' aħbarijiet u ritratti ta' dak Akollu li jkun għaddej fix-Xewkija, b'mod speċjali fil-festa titulari. Fl-okkażjoni tal-20 sena mit-twaqqif ta' Radju Prekursur, ser jibqa' jiġi offrut is-servizz permezz tal-websajt li qed tiġi aġġornata u dalwaqt se tkunu tistgħu tgawdu minn websajt b'dehra ġdida u b'servizzi ġodda. Barra minn hekk, biex ikompli jtejjeb is-servizz u l-kuntatt magħkom is-semmiegħa, Radju Prekursur ser ikollu wkoll l-paġna tiegħu fuq Facebook.

F'diversi okkażjonijiet Radju Prekursur kien ukoll matul is-snin iwassal ix-xandiriet tiegħu permezz ta' *webcasting* fuq l-internet biex hekk l-emigranti setgħu jsegwu *live* dak li jkun qed isir fir-raħal. F'dawn l-aħħar snin dan is-servizz ta' *webcasting* ġie estiż matul is-sena kollha, hekk li llum il-ġurnata, ix-xandiriet kollha ta' Radju Prekursur jistgħu jiġu segwiti minn fuq l-internet minn kull naħa tad-dinja. Wara li fis-snin li għaddew wassalna wkoll xi xandiriet diretti permezz tal-vidjow waqt attivitajiet partikulari, f'dan l-anniversarju qed naħdmu biex bħala parroċċa nibdew inwasslu wkoll servizz permezz ta' *webcam* biex hekk ħutna l-emigranti jkunu jistgħu, mhux biss jisimgħu iżda wkoll, jaraw dak kollu li jkun qed isir fir-Rotunda.

Qabel ma nagħlqu dan il-messaġġ, ma nistgħux ma nsemmux lil dawk kollha li matul dawn l-20 sena ħadmu u stinkaw biex Radju Prekursur seta' jkun ta' servizz fil-komunità tagħna. Kellna għexieren ta' persuni, li matul dawn is-snin offrew ħinhom u r-riżorsi tagħhom, kemm bħala preżentaturi kif ukoll mill-aspett tekniku, biex setgħu jsiru l-istudjos u jittellgħu l-programmi fuq Radju Prekursur. Kull persuna li tat sehem fil-ħidma ta' Radju Prekursur, dejjem għamlet dan b'mod volontarju. Dawn l-20 sena ta' xandiriet ifissru eluf ta' sigħat ta' xogħol volontarju – preżentazzjoni ta' programmi, rekordings





u *editing* tal-programmi, manutenzjoni u xogħol ieħor tekniku fl-istudjos, xogħol fuq il-websajt u s-servizz ta' *webcasting*, preparazzjoni tal-iskedi – u ħafna attivitajiet oħrajn li ma jidhrux. Huwa grazzi għal dawn in-nies u għall-familji tagħhom li Radju Prekursur għadu għaddej.

Nixtiequ nirringrazzjaw ukoll lil dawk il-qlub ġenerużi li matul is-snin mhux biss segwew il-programmi ta' Radju Prekursur, imma offrew donazzjonijiet biex itaffu ftit mill-ispejjeż kbar involuti fil-ħidma ta' dan l-istazzjon fil-komunità tagħna. L-ispejjeż biex l-istazzjon jibqa' jxandar mhumiex żgħar. Minbarra l-ispejjeż tal-liċenzja tax-xandir, hemm spejjeż oħra marbuta mal-apparat u kompjuters li jintużaw biex jittellgħu l-programmi ta' Radju Prekursur. Permezz tad-donazzjonijiet ta' bosta benefatturi, Radju Prekursur seta' jkompli jxandar matul is-snin.

F'dan l-anniversarju nixtiequ nġeddu l-istedina tagħna lil dawk li jixtiequ joffru ftit mill-ħin tagħhom u jagħtu servizz fuq Radju Prekursur, biex jikkuntattjaw lil xi membru mill-istaff ta' Radju Prekursur jew lill-Arċipriet. Huwa biss permezz ta' iktar persuni ġenerużi li Radju Prekursur jista' jkompli joffri s-servizzi tiegħu. Dawk li jixtiequ jgħinu b'mod finanzjarju jistgħu wkoll ikellmu lil xi membru ta' Radju Prekursur jew lill-Arċipriet.

Filwaqt li nawgurawlkom il-festa t-tajba nistednukom biex tkomplu ssegwu l-iskeda ta' programmi li Radju Prekursur reġa' ħejja għalikom għal dawn il-jiem tal-festa.

Il-festa t-tajba!

**www.radjuprekursur.com**

# 20 SENA RADJU PREKURSUR

**(13.6.1997~13.6.2017)**

Igerrbu s-snin; tinbidel il-kultura.
Nassistu ta' kuljum għal taqlib kbir.
Ħadd donnu mhu kuntent b'dak illi għandu.
Dak li noħolmu bih, malajr isir.

'Mma wara ftit, dak illi lilna jaqdi,
f'kemm ilni ngħidlek jiġi ssuperat.
L-innovattiv jogħġobna, isaħħarna.
Tal-bieraħ jiġi minna dlonk skartat.

Spiss jeħel magħna l-ħin minflok nistqarru
li f'għajrna ftit baqagħlna interess.
Infittxu biss dak illi jaqbel lilna,
għax l-aktar importanti - Jiena stess.

Anniversarji twal donnhom mhux moda.
Li tfakkar l-"Għaxar Snin" tista' tinsieha.
Iddaħħak in-nies bik jekk tgħid se ssewwi.
Jekk ħaġa ma taqdikx, aħjar tarmiha.

Il-kelma – 'sagrifiċċju' - saret tqila.
'Paċenzja' - donnu ħadd ma jrid jaf biha.
L-imbiegħed sar biss għafsa ta' buttuna.
'Jew issa' inkella m'għandix ħin għaliha.

U qalb dan ix-xenarju inkwetanti,
iseħħ dak li fil-għajn jidher kuntrarju.
Ir-Radju Prekursur, sew din is-sena,
ifakkar 20 sena anniversarju.

U lili din tassew tmur tiskantani.
U jkolli bla tlaqliq jiena nammetti,
li nsibha wisq diffiċli biex nifhimha,
imqar jekk nagħmel jum sħiħ nirrifletti.

U jaqgħu l-argumenti kollha tiegħi.
Għad hawn u jekk sew tfittex ħafna ssib
min joffri mill-ħin tiegħu għal ħaddieħor,
sabiex nies oħra jgawdu minn titjib.

Ikolli iva jiena kliemi nibla',
għax għad hawn bosta li llum medhija
minn wara l-kwinti f'ħidma w l-hena tagħhom
ma jkunu qatt fuq pulpti msemmija.

U din mhux biss fir-Radju qed narawha,
'mma anke f'għaqdiet oħra fix-Xewkija.
Volontarjat li mhux lakemm jitkejjel.
Xi ħaġa li llum mhux mistennija.

Mhux tant l-anniversarju li jferraħni.
Mhux b'dan li l-aktar jien illum kuntent,
'mma aktar bis-sens kbir ta' altruwiżmu,
li jidher illi jmur kontra l-kurrent.

Min jista' jgħodd il-morda f'għoxrin sena
li int wennist, imlejt qalbhom bis-serħ?
Dan kien u għadu l-għan tar-Radju tagħna.
Dan hu li lilna għandu jimla b'ferħ.

Għax eħfef tgħid *"ma nafx"* jew *"jien imħabbat."*
Titbiegħed, tgħib, tinħeba, tkun assenti.
'Mma kieku għamlu hekk min għex qabilna,
sal-lum għadha r-Rotunda pedamenti.

Li tkun kuntent mhuwiex f'dak li tirċievi,
'mma f'dak li int kuljum minn qalbek tagħti.
U jekk il-ferħ mhux b'dan il-mod se tfittex
x'aktarx tgħarrex għalih f'modi żbaljati.

Għalhekk kull meta r-raħal isejħilna
għall-ħidma illi hi meħtieġ li ssir,
għandna lkoll flimkien noffru s-sehem tagħna.
Dan għandu jinħass fina bħal dmir.

U hekk inkunu dehen illi nissejħu
u nġorru l-isem nobbli ta' 'Xewkin.'
Minn dan kienu jingħarfu ta' qabilna,
minn kemm għar-raħal tagħhom offrew ħin.

Mario Borg




AndrewCassar
PHYSIOTHERAPIST
MSc Paediatric Physiotherapy (Lond.)
BSc (Hons) Physiotherapy (Melit.)
SRP (Malta) hpc (UK)

Great reputation for treating...
Sport, soft tissue & joint injuries
Back & neck pain,
Adult & paediatric physical concerns

**BOOK YOUR APPOINTMENT ON...**
M: 79282355
Andrew Cassar – Physiotherapist
E: cassarandrew@hotmail.com

Charlie's
HAIR SALON

***Opening Hours:***
Tues. to Sat.
8.00am - 5.00pm

67, Main Street,
Xewkija, Gozo.
**Tel: 2156 1115**

BAHRI RENTALS

RENT-A-CAR
RENT-A-MOTORBIKE
TAXI & MINIBUS SERVICE
FARMHOUSES FOR RENT

7B, Mġarr Road, Xewkija, Gozo
**21554396 • 99426127 • 99491001**
Email: bahrigarage@gmail.com
**www.gozocreations.com/carrentals**

# XEWKIJA TIGERS F.C.

**JOSEPH ATTARD** - *Segretarju*



Staġun 2016/17 memorabbli għal Xewkija Tigers F.C. fejn komplejna nikkonfermaw is-suċċessi tal-aħħar snin minkejja kompetizzjoni ħarxa u diffikultajiet ta' kull tip. Dan kollu jikkonferma għal darb'oħra l-istabilità li gawda minnha l-klabb fl-aħħar snin u l-ħsad ta' frott ta' investimenti kapitali kbar.

Minkejja tibdil sinifikanti fir-regolamenti li jirrigwardjaw 'il-plejers, li ħaġa tal-għaġeb erġajna batejna bħala Xewkija Tigers F.C. fosthom fuq plejers barranin u dawk li kienu kkunsidrati bħala lokali u mil-lum għall-għada nqalbu għall-barranin, xorta adattajna ruħna għal sitwazzjoni bħal din billi ngaġġajna lill-kowċ Malti ta' esperjenza kbira Jesmond Zammit u kkonfermajna l-plejers barranin tas-snin ta' qabel fosthom Dene Shields, Daniel Bogdanovic, Martin Hrubsa, Daniel Sakic u Thiago Melo Figueiredo Dos Santos. Ikkonfermajna wkoll lil ftit plejers minbarra r-raħal tagħna: bħala *goalkeeper* lil Steve Sultana u lil Peter Buttigieg. Żgur is-saħħa tat-tim ta' dan l-aħħar staġun kienet enfasizzata mill-impenn u s-saħħa tal-plejers tar-raħal tagħna li komplew taw dik l-ispinta neċessarja għas-suċċessi. Dan kollu huwa frott tal-akkademja tal-klabb li ħadet ħsieb li jitilgħu plejers żgħażagħ tajbin u ta' integrità u serjetà. L-*injuries* serji ta' dan l-istaġun kienu xi ħaġa impressjonanti iżda ironikament komplew isaħħu u jgħaqqdu lit-tim. F'Jannar li għadda komplejna saħħaħna t-tim bi plejers ta' esperjenza bħal Shaun Bajada, Elton Vella, Damien Spiteri u Claudio Frances.

Żgur li l-għajnuna kbira li taw l-isponsors kollha fosthom is-Sur Sandro Ciliberti kienu fundamentali speċjalment fit-tieni u l-aħħar parti tal-istaġun. Id-dedikazzjoni u l-konkorrenza tal-partitarji u membri tal-klabb reġgħet kienet fattur determinanti għall-kuraġġ li tawna biex inkomplu f'din it-triq. Il-membri tal-kumitat kollha ħdimna għal għan wieħed, dik li nkomplu ngħollu l-isem ta' Xewkija Tigers F.C. Il-voluntiera wkoll li fuq bażi regolari baqgħu jagħtu s-sehem tagħhom fosthom fl-immaniġġjar taż-żewġ grawnds tal-klabb kienu ta' importanza kbira.

Il-koperazzjoni ta' entitajiet governattivi bħall- Ministeru għal Għawdex taħt il-Ministru Anton Refalo, is-Segretarjat tal-Onorevoli Justyne Caruana u l-Kunsill Lokali mmexxi mis-Sindku Paul Azzopardi kienet apprezzata ħafna. Min-naħa tagħna dejjem ippruvajna nagħmlu dak li hu possibbli biex nirreċiprokaw din il-koperazzjoni.

Żgur li għall-istaġuni li ġejjin, minkejja l-problemi li jistgħu jinqalgħu, nwiegħdu li nippruvaw inżommu l-pass mat-timijiet ta' fuq għalkemm dan mhux faċli anke minħabba l-lat finanzjarju. Iżda bis-sapport morali u finanzjarju tagħkom il-membri, *sponsors* u membri tal-klabb m'aħniex ħa naqtgħu qalbna u lanqas inħarsu lura.

Awguri għall-festa tal-patrun tagħna San Ġwann Battista mill-aqwa!



ĦIDMET L-GĦAQDIET XEWKIN

# XEWKIJA TIGERS F.C. FOOTBALL NURSERY

JOSEPH DINGLI

Għaddiet sena oħra u grazzi għar-rivista Gourgion, in-*nursery* tar-raħal twassal il-messaġġ tagħha ġewwa djarkom.

L-istaġun li għadu kemm intemm, kien wieħed li fih issib minn kollox. Naħseb tul dawn l-aħħar snin, dan kien l-aktar staġun li ġab miegħu sfidi u li wera kemm in-*nursery* tar-raħal tagħna hi mibnija fuq sisien sodi u prinċipji etiċi u morali b'saħħithom. Tul l-istaġun kellhom jittieħdu ċerti deċiżjonijiet li bħala kumitat dejjem ġibna l-ewwel u qabel kollox lit-tfal li jattendu. Ċerti deċiżjonijiiet kienu inqas popolari minn oħrajn però l-interess baqa' dejjem għall-ġid tat-tfal.

Bħas-sentejn preċedenti, din is-sena wkoll, f'Lulju nżamm is-*Summer Camp*. Din l-attività baqgħet sejra sal-bidu ta' Settembru. Dan is-*Summer Camp* issa sar ħolqa annwali fil-kalendarju tan-*nursery*. Bħas-snin l-imgħoddija, pruvajna li kemm jista' jkun inġibu plejers u kowċis ta' kwalità. Għalkemm nassigurakom li jsir kull sforz sabiex dawk il-kowċis li jikkommettu ruħhom, jattendu s-sessjonijiet ta' taħriġ, f'ċerti każijiet, aħna ma jkollniex kontroll assolut fuq is-sitwazzjoni. Jista' jagħti l-każ li l-format tas-*Summer Camp* jinbidel għas-sajf li ġej u dan sabiex dejjem igawdu dawk kollha li jattendu.

F'Settembru nbeda t-taħriġ tas-sessjonijiet kollha tat-tfal li jattendu. B'kollox din is-sena attendew madwar 80 tifel u tifla li l-età tagħhom tvarja bejn l-4 u t-18-il sena. Dawn it-tfal kienu maqsuma f'kategoriji differenti skont l-età tagħhom hekk kif stabbilit mill-Gozo Youth FA. Bħala kumitat, aħna għandna r-riservi tagħna fuq dan il-punt partikolari. Jista' jagħti l-każ li nieħdu deċiżjoni interna sabiex isir tibdil ta' kif jinqasmu t-tfal fi gruppi skont l-abbilità ta' kull tifel u mhux skont l-età. Rigward dan, għadha trid issir diskussjoni interna aktar dettaljata.

Il-kategoriji kienu maqsuma kif gej: *Under 7* tmexxew minn John Vella u Hayley Sciberras, *Under 9* kienu taħt is-superviżjoni ta' Josmar Vella u Chris Fava, *Under 11* kienu mmexxija minn Josmar Vella u Christian Bugeja, *Under 13* u *Under 15* kienu taħt it-tmexxija ta' Daniel Bogdanovic u Andrew Engwall però wara Novembru 2016 ħa t-tmexxija f'idejh Josmar Vella bil-għajnuna ta' Andrew Engwall u t-tim ta' taħt it-18-il sena kien taħt it-tmexxija ta' Michael Buttigieg u John Vella. Il-kelma grazzi mhix biżżejjed biex trodd ħajr lil dawn in-nies li b'dedikazzjoni u entużjażmu ddedikaw ħafna minn ħinhom ma' dawn it-tfal.

Apparti l-kompetizzjonijiet li nipparteċipaw fihom fis-sessjonijiet tal-*Under 15* u *Under 18*, u n-numru ta' *tournaments* organizzati mill-Gozo Youth FA, in-*nursery* tieħu ħsieb sabiex norganizzaw aħna wkoll *tournaments* u *friendly matches*. Avveniment li jsir kull sena, bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali hu t-*tournament* ta' Jum ix-Xewkija li jinżamm f' Novembru.

Għalkemm xi wħud jisħqu li r-riżultati huma importanti, dawn mhumiex kollox. In-*nursery* hi l-benniena tat-tim tal-kbar. Hi n-*nursery* li trid issawwar il-plejers ta' għada. Kien ta' sodisfazzjon għalina lkoll li rajna element sabiħ ta' plejers fi ħdan it-tim tal-kbar ta' dis-sena li trawmu ġewwa n-*nursery* tar-raħal. Dawn mhux biss paxxewna bil-logħob tagħhom fil-grawnd iżda għal darb'oħra ġabu l-kampjonat lura fir-raħal. Ma' dan inżidu wkoll żewġ unuri oħra li huma l-GFA Knock-Out u s-Super Cup. Apparti it-tagħlim tal-futbol, in-*nursery* hi wkoll skola sabiex tifforma liċ-ċittadini ta' għada. Nemmnu li fuq dan l-aspett għad hemm ħafna xi jsir però ninsabu żguri li qegħdin fit-triq it-tajba.

Nawguraw il-festa t-tajba lix-Xewkin kollha.



**UNDER 7**



**UNDER 9**



UNDER 11



UNDER 13



UNDER 15



UNDER 18


Pastizzeria Agius

38, Manwala Str, Xewkija, Gozo.
Tel: 2155 9421 Mob: 7932 1176





Martin Mercieca
"Tal-Mezzan"

Lifting Service,
Domestic & Industry

"St Mary"
Gruwa Street,
Xewkija, XWK 2902, Gozo - Malta.
Mob: 7905 4742







FANTIN
METAL WORKS
Find us on Facebook
FANTIN METAL WORKS



# KUMITAT ŻGĦAŻAGĦ BRIJUŻI XEWKIN A.D. 1996

**MANUEL AZZOPARDI** - *P.R.O.*

Għeżież Xewkin, reġa' wasal ix-xahar ta' Ġunju li fih niċċelebraw il-festa ta' San Ġwann Battista, li tant għandna għal qalbna. Għal sena oħra rrid nirringrazzja lill-volontiera tas-Soċjetà li bis-saħħa u l-ħila tagħhom dak li diversi persuni joħolmu bih, jagħmluh realtà.

Għaddiet sena mżewqa minn kollox, imma l-aktar ħaġa importanti għalija hija l-għaqda fost ix-Xewkin. Li sar f'dawn l-aħħar snin, ma sarx b'kumbinazzjoni jew għax l-affarijiet waqgħu f'posthom mill-ajru. Sar, għax iż-żgħażagħ fi ħdan il-kumitat xammru l-kmiem għall-ħidma li ma taqta' xejn tul is-sena kollha.

L-għan tal-Kumitat Żgħażagħ Brijużi Xewkin hu li jkabbar il-festa tagħna kemm fil-briju u kemm fl-affarijiet l-oħra kollha li għandhom x'jaqsmu mal-festa. Dan qed jidher ċar fil-marċijiet tal-festa, li minn sena għall-oħra dejjem qed jinterresaw aktar nies billi jattendu għall-ġimgħa tal-festa.

Din tkun ġimgħa ferm impenjattiva għalina. Nibdew bil-ħruġ tal-istatwa ta' San Ġwann Battista min-niċċa. It-Tnejn ikollna l-marċ tal-Ġibjun li jibda minn ħdejn il-każin sa fejn tittella' l-istatwa fuq il-pedestall fil-Pjazzetta. Il-Ħamis ikollna l-marċ grandjuż tal-Ħniena li aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qed jiġbed nies minn kull rokna Għawdxija kif ukoll minn Malta. Il-Ġimgħa nieħdu sehem ukoll fil-marċ tad-dimostrazzjoni, billi bosta żgħażagħ jerfgħu l-istatwa ta' San Ġwann l-Għammiedi. Nhar il-festa jkollna l-marċ ta' filgħodu li għal sena oħra jiġi mħallas mill-kumitat.

Bħalma jaf kulħadd, biex torganizza dawn il-marċi jinvolvu ħafna spejjeż li fl-aħħar mill-aħħar iridu jinġabru matul is-sena kollha permezz ta' attivitajiet bħal ikliet, barbikjus u lotteriji. Bħal dejjem, inkompli nħeġġeġ lix-Xewkin biex jattendu għal dawn l-attivitajiet li norganizzaw biex b'hekk tagħmlulna iżjed kuraġġ u nkomplu nkabbru l-festa.

Fil-ġimgħa tal-festa joħroġ il-frott ta' dak li jkun inżera' matul sena ta' ħidma. Xhieda ta' dan huma diversi sorpriżi fil-festa preċedenti. Eżattament qed nirreferi għall-faċċata tal-każin u l-arblu f'tal-Ħniena li bi sforz kollettiv tal-membri kif ukoll flimkien ma' ħafna voluntiera rnexxielna nagħmlu realtà żewġ ideat oħra.

Fl-aħħar laqgħa ġenerali tal-kumitat, Jason Attard li għal dawn l-aħħar snin kien il-PRO tal-kumitat, iddeċieda li jieqaf mill-ħidma tiegħu fil-kumitat. Ħaġa sabiħa hi li l-eks membri tal-kumitat xorta waħda baqgħu leali lejn il-kumitat u dejjem kienu hemm ta' għajnuna meta tlabniehom. Bħalma jgħidu li l-ġdid jaqla' l-qadim u ta' kull sena membri ġodda jissieħbu magħna fil-kumitat. Minn hawn nixtieq nagħmel appell u nkompli nħeġġeġ lil aktar żgħażagħ biex jersqu lejn il-każin biex flimkien inkomplu niġbdu ħabel wieħed għal għan wieħed.

Għal aktar informazzjoni dwar il-kumitat, inħeġġiġkom li żżuru l-paġna fuq Facebook www.facebook.com/kzx1996 fejn hemm issibu aħbarijiet riċenti dwar il-kumitat.

Kull bidu fih it-tmiem u b'hekk wasalt fit-tmiem ta' dan il-messaġġ fejn mill-ġdid f'isem il-kumitat inħeġġiġkom tieħdu sehem u tiddevertu magħna fil-ġranet tal-festa ad unur San Ġwann Battista.




























RITRATTI: GORDON BARBARA


Ta'Saminu
BAKERY
OUR BAKERY YOUR KITCHEN
On Your Christening Day Bernice
WE ALSO CATER FOR PARTIES
SOIL STREET, XEWKIJA, GOZO • T: 2156 0864 / M: 7956 0864 • LIKE US ON FACEBOOK: WWW.FACEBOOK.COM/TASAMINUBAKERY


Formosa Engineering
Nejdri
• Sheet Metal and Welding Work
• Truck Body Fabrication
• Chassis Alterations
Gozitano Buildings,
Mgarr Road, Xewkija Gozo
Tel: 21551314/79551314/99869401
E-mail: nejdri@ymail.com


amanda's
HAIR • NAILS • BEAUTY
Amanda Bonnici
Habia Qualified Educator
City & Guilds Qualified Educator
Judith Cremona
VTCT Beautician
XEWKIJA ROTUNDA
BOMBOS PIZZA BAR
GIRL'S MUSEUM
'TAX-XIBER' BAKERY
BOY'S MUSEUM
amanda's
Indri Borg Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 0503 Mob: 7955 0503 (Amanda) / 7906 1170 (Judith)


PEBBLES RESTAURANT
Hot starters, fresh salads, pasta, meats, fish pizza.
PEBBLES CAFFE
Open sandwiches, platters & tortillas!
For a Better You
VILLA
Panorama
Enjoy the holiday of a lifetime.
PEBBLES RESTAURANT & CAFFE / Marsalforn, Gozo, Malta / t: +356 2155 6151
VILLA PANORAMA / Xaghra, Gozo, Malta / m: +356 9942 6151 / www.panoramagozo.com


YOUR PARTNER IN CONSTRUCTION
JCR
IMPORTS LIMITED
info@jcrimports.com.mt
www.jcrimports.com.mt


Brinc's Biscuits
Original
Fingers
...melts in your mouth
www.brincsbiscuits.com
BRINC'S BISCUITS CO.LTD. 6B INDUSTRIAL ESTATE, Mriehel QRM 09 MALTA.
info@brincsbiscuits.com TEL: (356) 21 440 580 FAX: (356) 21 440 967
Brinc's biscuits co. ltd.


Grech's Bakery
Bishop Buttigieg Street, Nadur
Tel: 2155 1123
Grech's Bakery
DAILY FRESH BREAD

# L-ISKOLA TA' RAĦALNA

**FRANKLINE ZAMMIT GALEA**
*Kap Skola Primarja Xewkija, Kulleġġ t'Għawdex*

F'Settembru, bdejna sena skolastika b'dehra ġdida għall-Iskola Primarja tax-Xewkija. Matul ix-xhur tas-sajf tkompla x-xogħol ta' rinovazzjoni u llum l-istudenti tagħna qed igawdu minn riżorsi moderni u tal-aħħar teknoloġija.



Bi pjaċir ftaħna t-tieni klassi tal-Kinder 1 fi Frar wara li kien ilha ma tinfetaħ għal madwar ħdax-il sena.

Komplejna naħdmu biex intejbu u ngħollu l-livell tal-litteriżmu fl-iskola. Riżultat ta' dan, f'Mejju rbaħna l-premju tad-Deheb tal-Kampjonat tal-Kotba. Ħdima biex kull student ikollu kard u jagħmel użu mil-libreriji pubbliċi. Fil-fatt uħud mill-għalliema jsibu ħin darba f'ġimgħa waqt il-ħin tal-iskola u jieħdu lill-istudenti fil-librerija u jgħinuhom jagħżlu kotba adattati għal-livell tagħhom. Bdejna wkoll programm ta' qari bl-Ingliż mal-ewwel żewġ klassijiet tal-primarja. Dan il-programm isir darba f'ġimgħa u ilu għaddej minn Jannar. F'April żammejna ġimgħa ddedikata għall-Ktieb. Kellna attivitajiet relatati ma' rakkonti ta' stejjer fejn l-istudenti kellhom l-opportunità jiltaqgħu mal-awtur is-Sur Justin Debono li hu l-għalliem kumplimentari tal-istess skola tagħna. Nifirħu lill-istudent tas-sitt sena Bejamin Zammit li ntgħażel bħala student mill-iskola tagħna għall-'Brillantini tal-Qari.'

Tajna spinta lill-Matematika u ressaqna żewġ studenti għall-Kampjonat tal-Matematika High 5 tat-tfal li jispikkaw fis-suġġett. Nifirħu lil Luke Rapa u Clyde Rotin li ħadu sehem u għamlu unur lill-iskola peress li kienu mill-ftit li għaddew għal dan il-kampjonat. Matul din is-sena t-tfal kollha mill-Kinder sas-sitt sena kellhom l-opportunità li japplikaw il-ħiliet tal-Matematika fil-prattika waqt *Maths Trails* li saru f'postijiet diversi fil-lokalità tagħna. Fil-kalendarju tal-iskola ddedikajna ġimgħa għat-tagħlim tal-Matematika bl-użu tar-riżorsi diġitali. Dawn l-attivitajiet kollha ntlaqgħu tajjeb ħafna mill-istudenti u allura se nkomplu nibnu fuq din l-esperjenza biex it-tagħlim ikun aktar pjaċevoli.

F'Novembru akkwistajna l-premju tad-deheb ta' Dinja Waħda. Dan hu proġett relatat mal-ambjent fejn kull klassi bl-għajnuna tal-għalliema u l-LSAs tipparteċipa f'attivitajiet differenti bl-għan prinċipali li nkunu konxji tal-ambjent ta' madwarna.

Il-proġett li jmiss se jkun il-ġonna tad-dawra tal-iskola. Bl-għajnuna tal-Kunsill tal-istudenti, tal-ġenituri u tal-istaff qed naħdmu fuq dan. Il-ġnien se jissemma' The S.T.E.A.M (Science, Technology, Engineering, Arts and Mathematics) Blooming Garden. Hu proġett importanti għax se jservi ta' opportunità fejn it-tagħlim akkademiku jiġi applikat f'sitwazzjonijiet reali.

Nirringrazzjaw lill-Ministeru tal-Edukazzjoni u Xogħol, lill-Ministru t'Għawdex, lid-Direttorati tal-Edukazzjoni, lill-Prinċipal tal-Kulleġġ, lis-Sindku tar-raħal, lill-Arċipriet u lid-diversi għaqdiet tal-lokalità.





# Debrincat
## Wedding Carpets



**Carpets for any occasion.**

**Now you can also order floral decorations accompanying the carpets!**

**• 99853137 / 79020681**

# Electrical & Plumbing

***John Sciberras***

Liberty 45, Main Street
Xewkija - Gozo

Tel: 2155 7279
Mob: 9940 7902

# Revive
Beauty Salon

*Facials
*Body Treatments
*Waxing
*Manicures and Pedicures
*Gelish Nail Treatments
*Acrylic and Gel Nails
*Massages
*Eyelash Extensions
*Slimming Treatments

For More Info Contact
Rodlean Said
Guze D`Amato Str, Xewkija
7928 0565 / / 21560319

Cibtac and CIDESCO Qualified
Please like our Facebook Page:
Revive Beauty Salon.

# SPECIAL OFFER!



**FREE EYE TEST WITH PURCHASE OF FRAME & LENSES**

MARIO
DISPENSING OPTICIANS

Order Disposable Contact Lenses at Special Reduced Prices online:
www.mdogozo.com

GOZO OUTLET
57, Main Gate Street, Victoria VCT1340
Tel: 2155 6528, 2156 3331, 2754 3210
E-mail: info@mdogozo.com

B'KARA MALTA OUTLET
100, Naxxar Road, B'Kara BKR9046
Tel: 2149 4848, 2149 4849, 2749 4800
E-mail: birkirkara@mdogozo.com

# 100 SENA MID-DEHRIET TA' FATIMA

## 1917-2017

Din is-sena qed infakkru l-100 sena mid-dehriet tal-Madonna ġewwa Fatima fil-Portugall li ġraw bejn Mejju u Ottubru tal-1917 lil Franġisku, Ġjacinta u Luċija. Inċidentalment Franġisku u Ġiacinta għadhom kemm ġew ikkanonizzati f'Mejju li għadda waqt żjara li l-Papa Franġisku għamel fl-okkażjoni ta' dan iċ-ċentinarju.

Qallibna ftit l-arkivju parrokkjali fejn skoprejna avveniment li seħħ 68 sena ilu, sewwasew bejn il-21 u t-28 ta' Awwissu 1949 u li għandu rabta mal-Madonna ta' Fatima. Dakinhar fostna kellna l-istatwa tal-Madonna ta' Fatima li illum nsibuha fil-knisja Ta' Ħamet. Dik is-sena, bil-ħidma ħabrieka ta' Dun Ġużepp Mizzi kienet inġiebet minn Fatima stess, din l-istatwa li kienet ġiet imbierka u nkurunata mill-Papa Piju XII qabel waslet Għawdex. Qabel ma sabet postha fil-knisja ta' Ħamet, l-istatwa daret il-parroċċi kollha tal-gżira. Niskopru x'kien sar matul dik il-ġimgħa li f'nota li nsibu fl-arkivju jiddeskriviha bħala ġrajja li biha x-Xewkija tibqa' tiftaħar u li tirreġistra b'ittri tad-deheb fl-istorja tagħha.

Kienet ġimgħa fejn il-poplu Xewki wera bil-kbir l-imħabba u l-vera devozzjoni li għandu lejn Marija. L-entużjażmu kbir li ntwera minn barra wera l-fervur u l-fidi li l-poplu kellu minn ġewwa.

Minn ġranet qabel l-Arċipriet tal-Parroċċa, Dun Ġużepp Grech ħejja lill-poplu Xewki sabiex jagħmel festi xierqa lill-Madonna. L-Arċipriet wera x-xewqa li kulħadd jixgħel il-bjut tad-djar tiegħu. Hekk sar u dan "setgħu jixhduh in-nies ta' rħula oħra li kull filgħaxija matul dawn it-tmint ijiem kienu jħarsu mill-bogħod lejn ix-Xewkija u kienu jibqgħu msaħħrin bid-dehra maestuża li kienet tkun donnha ħuġġieġa waħda ta' fjakkli u ta' luċelettrika. Ma kienx hemm familja waħda biss, fqira kemm hi fqira li matul it-tmint ijiem kollha ma kellhiex tużżani ta' fjakkli fuq il-bejt tagħha," insibu nnutat.



Ix-xbieha tal-Madonna ta' Fatima li tissema fl-artiklu u li tinsab meqjuma fil-knisja ta' Ħamet

L-Arċipriet Grech talab lill-irġiel jakkumpanjaw lill-Madonna bil-ġlekk. Minkejja li ma kienx faċli għar-raġel tal-kampanja li joqgħod tliet sigħat u iżjed bil-ġlekk meta mhux imdorri bih, fis-sħana t'Awwissu u jerġa' fis-sħana ta' dik ix-xemgħa kollha, l-irġiel għamlu dan is-sagrifiċċju u kulħadd ġie bil-ġlekk. U dan għal numru ta' ġranet wara xulxin.

L-Arċipriet appella wkoll sabiex f'dawk il-ġranet jintalab aktar ir-rużarju u sabiex kulħadd iqerr u jitqarben. Insibu reġistrat li kienu eluf ta' rġiel u ta' nisa li kull filgħaxija kienu jinġabru madwar il-Madonna biex jakkumpanjawha mat-toroq tal-parroċċa, bil-kuruna tar-rużarju f'id waħda u fl-oħra l-flambeaux. Hekk ukoll għamlu mijiet ta' tfal subien u bniet, ilkoll lebsin bl-aħjar ilbies. It-tfal subien kienu mmexxijin mill-membri tal-MUSEUM flimkien mas-saċerdot novell Dun Ġwann Xuereb. Il-bniet iż-żgħar, bil-mant abjad imxew bl-ordni, ilkoll ikantaw innijiet Marjani li minn ġranet qabel, ix-xebbiet tal-Azzjoni Kattolika, taħt it-treġija għaqlija ta' Miss Roża Magro kienu għallmuhom. Il-kant li kien jidwi mat-toroq tax-Xewkija, flimkien mar-rużarju reċitat b'leħen għoli u mad-dħaħen tal-fjakkli kien jifforma bħala sħaba waħda ta' inċens ifuħ tiela' lejn is-sema. Is-smigħ tal-quddies f'dawk il-ġranet kien bil-wisq akbar minn ġranet oħra u kemm kien kbir in-numru ta' dawk li qerru u tqarbnu jistgħu jixhduh il-konfessuri barranin li ġew apposta kull filgħodu u kienu jagħmlu nofstanhari sħaħ iqarru.

Ħarsa dettaljata lejn il-programm tal-attivitajiet li ġew organizzati turina li l-Ħadd 21 ta' Awwissu

il-poplu Xewki laqgħa b'entużjażmu kbir l-istatwa. Fl-Ave Maria saret il-mixgħela ġenerali tal-fjakkli u tal-luċelettrika mar-raħal kollu u nofs siegħa wara fil-pjazza ta' quddiem il-knisja parrokkjali ġie ffurmat korteo imponenti ta' eluf ta' nies aux flambaux li mexa lejn in-naħa ta' Sannat biex jilqgħu 'l-Madonna.

L-istatwa tal-Madonna ta' Fatima ġiet milqugħa b'entużjażmu kbir u b'tiri qawwija ta' sparar u bl-għajjat ta' 'Evviva l-Madonna ta' Fatima.' Imbagħad il-korteo telaq fost toroq imżejna kif imiss lejn il-knisja parrokkjali fost it-talb tar-rużarju u l-kant ta' innijiet Marjani. Hekk kif wasal il-knisja, l-Arċipriet għamel diskors ta' merħba, tkantat l-Ave Stella u ngħatat il-Barka Sagramentali.

Mit-Tnejn sas-Sibt nsibu li fis-6.00 ta' filgħodu kienet issir quddiesa u rużarju akkumpanjat mill-kant tat-tfal. Quddies ieħor tal-ħin kien fl-10.00 u f'nofsinhar. Kien ukoll jingħad r-rużarju.

Filgħaxija, fl-Ave Maria kienet issir ir-reċita tar-rużarju u wara prietka li saret minn saċerdoti differenti fosthom insibu l-Arċipriet Grech, Dun Tarċisju Gatt, Patri Gabriel Farrugia OSA, il-Pirjol Patri Karm Cuschieri u Dun Wistin Azzopardi. Wara kull prietka kienet toħroġ purċissjoni aux flambeaux b'mod illi l-Madonna għaddiet mit-toroq kollha prinċipali tar-raħal. Lura fil-knisja kienet tingħad l-intenzjoni għall-jum tal-għada, titkanta s-Salve Regina u tingħata l-Barka Sagramentali.

L-Erbgħa 24 t'Awwissu, il-Madonna ttieħdet għand is-sorijiet Dumnikani f'Tal-Ħniena u damet hemm sal-għada wara nofsinhar fejn imbagħad ittieħdet lura fil-knisja parrokkjali akkumpanjata mit-tfal tal-iskola. Il-quddiesa ta' nofsinhar tal-Ħamis, tal-Ġimgħa u tas-Sibt saret minn Dun Benjamin Attard li fiha għamel prietka bħala tridu ta' tħejjija. Is-Sibt wara l-quddiesa tas-6.30 ta' filgħodu saret il-konsagrazzjoni tat-tfal lill-Madonna. L-għada l-Ħadd, wara l-quddiesa kantata tas-7.30 ta' filgħodu saret il-konsagrazzjoni tat-trabi lill-Madonna.

Fit-3.30 ta' wara nofsinhar, wara l-għasar u prietka saret purċissjoni bil-Madonna merfugħa minn erba' saċerdoti lebsin il-pjaneta. Wara l-purċissjoni fuq altar armat apposta fil-bieb tal-knisja, quddiem folla kbira ta' nies, saret il-konsagrazzjoni tal-poplu Xewki lill-Madonna. Tkanta t-Te Deum, it-Tantum Ergo u ngħatat il-Barka Sagramentali.

Kien imiss issa li ssir l-aħħar u l-ikbar dimostrazzjoni ta' mħabba lejn il-Madonna fil-ħin tal-Ave Maria. Għal darb'oħra x-Xewkija reġgħet ħuġġieġa waħda bil-fjakkli u luċelettrika fuq il-bjut u t-toroq. Mill-pjazza fgata bin-nies telaq korteo ta' talb lejn Ta' Ħamet aux flambeaux. Wara s-Salib u żewġ lanterni imxew l-ewwel it-tfal subien, warajhom l-irġiel, imbagħad il-kleru, fin-nofs il-Madonna merfugħa mill-kleriċi. Wara l-Madonna mxew it-tfal bniet u n-nisa. Wara ħafna ommijiet bit-trabi. Kien irreġistrat li ħafna saħansitra bkew waqt dan il-korteo, li matulu din l-istatwa ġdida kellha titwassal sabiex tkompli żżur il-parroċċa Għawdxin.

Hemm il-Madonna ġiet mgħobbija fuq vann imżejjen biex titlaq lejn id-destinazzjoni li kien imiss, dik tan-Nadur. Il-poplu nfexx mill-ġdid f'għajjat ta' 'Evviva l-Madonna ta' Fatima' wara li tiri ta' sparar, tawha l-aħħar salut.

Jalla din l-imħabba ġenwina lejn il-Madonna u l-qawmien spiritwali li ġab dan l-avveniment jitnisslu fina wkoll, aħna li qed infakkru dan iċ-ċentinarju Marjan. Nieħdu f'idejna l-kuruna tar-rużarju u nitolbu għall-paċi fid-dinja u l-konverżjoni tal-midinbin kif qaltilna l-Omma tagħna tas-sema 100 sena ilu.






TONY'S
Marsalforn
PHARMACY

Valley Road
Marsalforn, Gozo.

Tel: 21563617

# SALVU ATTARD

*(Ta' Fantin)*

Sheet, Metal, Ferro Battuto & Stairs

**"SamFrances", Mgarr Road, Għajnsielem, Gozo**
**Tel/Fax: 2155 2516 Mob: 9986 8654**
**Email: tafantin@gmail.com**




CARMEL PORTELLI
COMPLETE HOME RENOVATIONS,
BUILDING ALTERATIONS,
SWIMMING POOLS, CONCRETE WORKS,
GYPSUM WORKS AND
CHERRY PICKER HIRE.
MOBILE: 99477134 / 99228840
EMAIL: zebrek@maltanet.net
alanzebrek"hotmail.com


GOZO VERTICALS & SHADES LTD.
DAVID COCCO PALMIERI STR.,
NADUR, GOZO, MALTA.
TEL: (+356) 21 553352
(+356) 21 562211
FAX: (+356) 21 562211
MOB: (+356) 7956 4861
(+356) 7755 0050
E-MAIL: INFO@GOZOVERTICALS.COM
Manufacturer of Vertical Blinds, Roller Blinds, Wooden and Aluminium Venetian blinds, Roman Blinds,
Zebra Blinds, Insect and Solar Screens, Bamboo, Awnings, Canopies and Curtain rails.

# MILL-ARKIVJU
## *ta' Laurence Zammit Haber*

Din is-sena qed infakkru l-100 sena minn meta nhar l-24 ta' April 1917, b'reskritt tas-Sagra Kongregazzjoni Rumana, il-festa ta' San Ġwann Battista kienet reġgħet saret waħda kmandata u għaldaqstant minn dik is-sena l-istatwa tal-Battista bdiet toħroġ proprju nhar il-festa liturġika tat-twelid ta' San Ġwann Battista, sewwasew l-24 ta' Ġunju. Ta' min isemmi li ma baqgħetx kmandata fl-1946 meta l-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex ġew ordnati jnaqqsu l-festi kmandati.

Żorna l-arkivju tal-familja Zammit Haber fejn b'sodisfazzjon kbir skoprejna l-poeżija 'Lil Kbir Prekursur ta' Sidna Ġesù Kristu, San Ġwann Battista'. Poeżija miktuba minn Gius. Arena, sewwasew 100 sena ilu, fl-okkażjoni tal-festa li fiha nsibu riferenza ċara għall-fatt li l-festa ta' San Ġwann reġgħet saret waħda kmandata. Din kienet stampata bil-għan li jitqassmu waqt il-ħruġ tal-istatwa. Qed nippubblikawha bil-permess ġentili tagħhom.

Qed nippublikaw ukoll numru ta' ritratti antiki oħra, marbuta mal-festa, li ltqajna magħhom fl-istess arkivju. Fosthom insibu numru ta' ritratti storiċi

LIL CBIR PRECURSUR TA SIDNA GESÙ CRISTU

SAN GIUANN BATTISTA

FIL JUM TAS-SOLENNI FESTA TIGHU

24 TA GIUNJU 1917

L' ISSIR BI CBIRA POMPA FIL PARROCCIA ARCIPRETALI TAX-XEUCHIA.

In nativitate eius gaudebunt — *Luc. 1.*

Nifirħu iva ħuti
F' edin il ġurnata
Li fiha fid-dinja
Kaddis deh'r tant cbir,

Tant cbir illi il Cnisja
M-hux biss fil meut tiegħu,
Ma ucoll fi tuelidu
Trid festa l' issir.

U cbir ragiun għanda
Il Cnisja Ommna għaziza
Li lilna tmur tfaccar,
Bil ferħ, fit-tuelid

Ta Giuanni il Battista,
Għax dan chien Habbari
Ta Xemx uisk mixtieka,
Ta Xemx ta cbir gid.

Li stess chif l' Aurora,
Bil gmiel ħelu taħħa,
L' għasafar tmur tferraħ
U għal cant lilhom tħajjar,

Hecc Giuanni tarbija
L' imbicchem missieru
Cbir cant lejn issema
Bil ferħ ġagħlhu itajjar.

Canta iva għax fid-dinja
Deh'r bniedem tal ghageb.
Xortic hi uisk cbira
O cbir Zaccaria

Li gejt magħzul mn' Alla
B'ex tcun missier daca,
Li imkaddes già hua
Mill Frott ta Maria.

Canta iva għax fid-dinja
Deh'r l' acbar profeta,
L' ittriek ghandu ilesti
Għal cbir Salvatur;

'x-xurtjat Zaccaria
Canta iva għax fid-dinja
Gie dac li għandu juri
'l Haruf t' Alla pur.

Canta iva għax giè fostna
Dac illi giurnata
Ix-xorti ghad icollu
Fix-xmara Giordan

Lil Cristu imur jgħammed;
Dac illi xejn cbira
Għad jara li jati
Cianfira is-Sultan.

Dac stess illi għad Cristu
Tifħir lilu jati:
U l' acbar ighid l' hua
Fost collha il bniedmin,

Dac illi giurnata
Imut għandu martri,
Minħabba il cbir għama
Ta Erodi il ħazin.

U migħec nintgħakdu
Fil ferħ cbir ta kalbec
F' edin il giurnata
O cbir Zaccaria,

Ghax jecc hu Giovanni
L' għaziz iben tigħec,
Patrun għaziz hūa
Tar-raħal Xeuchia:

U barra minn dana
Ragiun ucoll ghanna
Illi actar incuna
Dis-sena ħenijn,

Gialiex ic-cmandata
San Giuann mill gdid klajna
Ghal collha chemm huma
L' Għaucin u il Maltin.

GIUS. ARENA.

Nihil obstat
Victoriae, die 27 Maji 1917.
Can. Cant. Alphonsus M. Hili,
Censor Ecclesiasticus.

Stampat ghand Salvu Grech — Ghaudex.

li jmorru lura eżattament lejn il-festa ta' 70 sena ilu, sewwasew lejn il-Ħadd 22 ta' Ġunju 1947 fejn ħadet sehem il-Provinċja Karmelitana. Matul il-festa ta' dik is-sena, sew lejliet u nhar il-festa ffunzjona l-Provinċjal tal-Karmelitani, Patri Ġorġ Borg li kien hu ukoll mix-Xewkija.

Fil-purċissjoni ta' dik is-sena ħadu sehem in-novizzi u l-patrijiet kollha tal-Provinċja Karmelitana. Dan għamluh fir-raħal tagħna, fejn l-kult lejn San Elija, l-fundatur tal-Ordni Karmelitan, hu wieħed antik ferm. Xhieda ta' dan hi l-istatwa fl-injam, xogħol tal-magħruf Mariano Gerada (1766-1828) li nsibu fil-knisja tagħna.













*Ġanni Xerri (Ta' Xmun)*



FESTA TA' SAN ĠWANN BATTISTA
FIX-XEWKIJA (GHAWDEX) 1947

Fit-18 ta' Ġunju, jibda t-Tridu fis-7.15 p.m. mill-W. R. Kanonku Dun Manwel Sultana.

Fid-19, 20 u 21 ta' Ġunju, fis-6 a.m. Quddiesa Kantata; fl-aħħar jum isir it-*Te Deum.* post missam

Fil-21 ta' Ġunju, fis-6.30 p.m. Traslazzjoni tar-Relikwja, Għasar bil-mużika, Kompieta, Salve, Litanija u Barka Sagramentali.

Fit-22 ta' Ġunju: fil-5 a.m. Mattutin solenni, responsorji bil-mużika; fid-9 a.m. Terza kantata u Quddiesa Solenni; jassisti mit-Tron l-Eċċellenza Tiegħu, Mons. Isqof Djoċesan, Ġ. Pace, D.D., J.C.D., Ph.D., Paniġirku mill-W. R. P. Alan Fenech, O.P., S.T.D. Fl-4 p.m. Paniġirku ieħor mill-W.R.P. Anġ. Pizzuto, O.S.A. Fil-5 p.m. Għasar, Kompieta, purċissjoni bl-Istatwa ta' San Ġwann Battista, Antifona u Barka Sagramentali.

Il-Mużika tkun immexxija mis-Surmast tal-Kappella tal-Kattidral, is-Sur Pawlu Lanzon.

Jiffunzjona kemm f'lejlet il-festa u f'jum il-festa, il-Provinċjal tal-Karmelitani, R. P. Ġorġ Borg, mix-Xewkija, li għal din l-okkażżjoni ser ikun imsieħeb mill-W. R. Patrijiet tal-Provinċja Karmelitana tiegħu ma' tul il-funzjonijiet kollha.

Fil-purċissjoni, imbagħad, sejrin jieħdu sehem in-Novizzi u l-Patrijiet tal-Provinċja Karmelitana kollha li, sewwa sew bħal fil-festa tagħhom tal-Karmnu, ser jagħmlu fix-Xewkija—ir-raħal waħdieni f'Għawdex fejn hu vvenerat il-fundatur ta' l-Ordni Karmelitan, Sant'Elija — dawk iċ-ċerimonji hekk sbieħ u kurjużi li titlob b'pompa kbira l-Bażiżlika Karmelitana.

Il-funzjonijiet kollha tal-Knisja sejrin jiġu mxandrin b'servizz speċjali minn fuq ir-Rediffusion ma' Għawdex



*Il-wasla ta' Mons Guseppe Pace, is-seba' Isqof tad-djoċesi ta' Għawdex fil-festa. Serva bħala Isqof bejn bejn l-1944 u l-1972. Bi probabilità kbira, r-ritratt huwa meħud fil-festa tal-istess sena, jiġifieri fl-1947. Jidher ukoll b'mod tajjeb il-planċier l-antik.*



*Il-knisja l-qadima, ritratt meħud qabel inbnew in-navi tal-istess knisja. Ritratt li allura ttieħed qabel l-1936 peress li x-xogħol fuq in-navi beda f'Settembru tal-1936 u tlesta f'Mejju 1938. Tidher ukoll il-pjazza armata għall-festa*

**J.F. ATTARD**

**SERVICE STATION & FUEL DISTRIBUTORS**

**SUPPLIERS OF:**
**HEATING OIL • KEROSENE • DIESEL**
**BUNKERING SERVICE • MARINE DIESEL**

**MĠARR ROAD, XEWKIJA, GOZO**
**TEL: 2155 6709**
**MOB: 7955 6709 9932 6391**






**Miguel Attard**

*Domestic Appliances Repairs*



*as Washing machines, air conditioners, refrigerators, Ovens, Vacuum Cleaners and other electrical appliances.*

**Servicing Malta & Gozo**



"Villa ta' Blankas"
Tal-Kanal Street,
Xewkija, Gozo.



Mob: 9982 3687
Tel: 2155 1377
2155 9824

E-mail: attard_75@hotmail.com

**Frankie's**

**Sports Bar & Restaurant**

**Take Away Available**
**Staff Parties & Private Functions Catered**

**Mgarr Road,**
**Xewkija Gozo.**
**XWK 9014**

**Tel: 2155 9869**
**Mob: 9984 1707**

**Dingli**
Accounting

Book Keeping & Accountancy Services
Audit Preperation - Payroll Administration
Taxation / VAT - Consultancy Services

"Bernbank" St. Elizabeth Street, Xewkija, Gozo P: +356 21 561145 M: 99823682

info@dingliaccounting.com

# ... mid-Djarju TAL-PARROĊĊA ĠUNJU 2016 - MEJJU 2017

MARIO ATTARD

## ĠUNJU 2016

**It-Tlieta 7 ta' Ġunju** – Sar jum ta' irtir f'Dar Manresa, fir-Rabat, għall-adoloxxenti tal-parroċċa tagħna bi tħejjija għall-Griżma tal-Isqof li kienu ser jirċievu fil-jiem ta' wara.

**Il-Ħamis 16 ta' Ġunju** – L-aħħar Ħamis ta' San Ġwann. F'dan il-jum ingħata bidu għan-novena tal-festa u l-bidu tal-festi ad unur il-patrun tagħna San Ġwann Battista. Filgħaxija nħarġet l-istatwa devota tal-qaddis min-niċċa. Il-qofol ta' dawn il-jiem intlaħaq nhar is-26 ta' Ġunju bil-ħruġ proċessjonalment tal-vara li daret mat-toroq tar-raħal.

**Is-Sibt 18 ta' Ġunju** – Grupp ta' tmintax-il adoloxxent mill-parroċċa tagħna rċieva s-sagrament tal-Konfermazzjoni.



## LULJU 2016

**It-Tlieta 5 ta' Lulju** – Inbeda kors tal-kitarra organizzat mill-parroċċa għal tfal u studenti li għandhom minn disa' snin 'l fuq. Il-lezzjonijiet saru matul ix-xhur tas-sajf, darbtejn fil-ġimgħa taħt it-tmexxija ta' Paul Rapa, għalliem tal-mużika. Sbatax-il student applikaw biex jattendu għal dawn il-lezzjonijiet. B'hekk huma ngħataw l-opportunità li jtejbu t-talenti tagħhom.

## AWWISSU 2016

**L-Erbgħa 24 ta'Awwissu** – Saret laqgħa għall-animaturi u letturi tal-parroċċa fejn fiha ngħata tagħrif dwar l-importanza ta' dan il-ministeru, kif ukoll ġie spjegat lilhom, l-importanza li wieħed jieħu bis-serjetà dan l-impenn hekk importanti fil-liturġija.

**Bejn il-Ġimgħa 26 u t-Tnejn 29 t'Awwissu** – Dawn kienu jiem ta' tħejjija għall-festa liturġika tal-Martirju ta' San Ġwann Battista. Matul dawn il-jiem saru tlett ijiem ta' tridu bil-parteċipazzjoni attiva tat-tfal tal-parroċċa, kif ukoll konċelebrazzjoni pontifikali f'jum il-festa li tmexxiet mill-Eċċ. Tiegħu Ġorġ Bugeja Isqof ta' Bengażi.

**Il-Ħadd 28 ta' Awwissu** – Mons. Alfred Grima mexxa quddiesa solenni b'ringrazzjament lil Alla fi tmiem ta' 27 sena ħidma bħala Kappillan fil-parroċċa San Ġwann Fisher ġewwa l-Kanada. Mons. Alfred ġie mogħti l-unur ta' Kappillan tal-Papa b'rikonoxximent tal-ħidma tiegħu matul dawn is-snin kollha fil-Kanada ftit tal-ġimgħat qabel ġewwa l-Kanada stess waqt żjara li għamel l-Isqof t'Għawdex Mario Grech.





## SETTEMBRU 2016

**Il-Ġimgħa 23 ta' Settembru** – Saret quddiesa ta' radd il-ħajr bħala parti mill-programm ta' ġemellaġġ li r-raħal tagħna għamel mal-belt ta' Modica. F'din iċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika pparteċipaw numru mdaqqas ta' abitanti minn din il-belt fi Sqallija u wara ġew imdawra mal-knisja u l-mużew tal-Iskultura fejn ingħataw tagħrif dwar il-parroċċa, il-knisja, in-nies u r-raħal tagħna.

**Is-Sibt 24 ta' Settembru** – Bdew il-laqgħat għall-għarajjes tal-parroċċa bi tħejjija għas-sagrament taż-żwieġ.

**Is-Sibt 24 ta' Settembru** – Sar pellegrinaġġ bl-inkwatru tal-Madonna tal-Ħniena fit-toroq tal-Qasam tad-Djar fl-inħawi tal-Barmil. F'din is-sena Ġubilari tal-Ħniena saret konċelebrazzjoni Ewkaristika bis-sehem attiv tal-koppji għarajjes li qed jitħejjew biex fis-snin li ġejjin jirċievu s-sagrament taż-żwieġ.



**ST.JOHN'S**
***PHARMACY***



Only the best for you feet - Pulman



ST.JOHN'S
PHARMACY

**HEALTH 4U VET 4U**



**A SINGLE FLEA CAN BITE YOUR PET UP TO 400 TIMES A DAY**

**Independent Street,**
**Xewkija - Gozo**
**Tel: 2156 3052**

## OTTUBRU 2016

**Il-Ħadd 9 ta' Ottubru** – Sar it-tberik u l-ftuħ uffiċjali mill-ġdid tal-Uffiċċju Parrokkjali wara xogħol estensiv ta' manutenzjoni u tisbiħ li sar fih matul l-aħħar xhur. It-tberik sar mill-Arċipriet Mons. Daniel Xerri wara li ntemmet il-quddiesa tat-8.30am. F'kelmtejn tal-okkażjoni huwa rringrazzja lil kull min ta s-sehem tiegħu biex dan ix-xogħol seta' jsir. F'dak il-jum l-uffiċċju baqa' miftuħ sa nofsinhar biex min xtaq seta' jidħol u jara x-xogħol li sar.

Matul is-sena l-Uffiċċju Parrokkjali qed ikun miftuħ it-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa mid-9.00am sal-11.00am u t-Tlieta u l-Ħamis mill-5.00pm sas-7.00pm.

**Il-Ħadd 9 ta' Ottubru** – Reġgħet bdiet il-quddiesa għat-tfal fil-Mużew tal-Iskultura waqt il-quddiesa tat-tfal. Din is-sena permezz tal-għajnuna ta' xi ġenituri animaturi qed ngħinu aħjar lit-tfal tagħna jifhmu l-messaġġ tal-liturġija tal-Ħadd.

**Il-Ġimgħa 14 ta' Ottubru** – Bdew il-laqgħat għall-adoloxxenti u żgħażagħ tal-parroċċa. Dawn bdew isiru kull nhar ta' Ġimgħa fis-sitta ta' filgħaxija għall-istudenti adoloxxenti ta' Form 2 u Form 3 filwaqt li dik ta' Form 4 u Form 5 kienet tibda fis-sebgħa u nofs. Dawn il-laqgħat kienu qed jitmexxew minn lajċi impenjati bl-għajnuna ta' saċerdot mill-parroċċa.

**Il-Ħadd 16 ta' Ottubru** – Il-parroċċa organizzat għall-ewwel darba l-Assemblea Parrokkjali. Din saret f'Dar Manresa fir-Rabat, li għaliha attendew numru sabiħ ta' parruċċani. L-iskop ta' din l-Assemblea kien li nieqfu u nirriflettu dwar l-identità u l-missjoni tagħna bħala parroċċa fiż-żminijiet li qed ngħixu fihom illum. L-Arċipriet tkellem dwar il-komunità bħala «Poplu ta' Alla», «Għarusa ta' Kristu» u «Ġisem Mistiku ta' Kristu». Imbagħad tkellem fuq it-tliet pilastri li fuqhom tinbena l-ħajja tal-komunità, jiġifieri l-Katekeżi, il-Liturġija u d-Djakonija. Fid-dawl ta' dawn ir-riflessjonijiet dawk preżenti kienu mistiedna jagħtu s-suġġerimenti tagħhom dwar dawk li jħossu li huma l-bżonnijiet tal-parroċċa llum. Huwa maħsub li frott ta' din l-Assemblea jibda jinħadem Pjan Pastorali Parrokkjali għas-snin li ġejjin. Lejn tmiem l-Assemblea kien ukoll preżenti l-Isqof Mario Grech li għamel messaġġ tal-okkażjoni. Huwa wera l-apprezzament tiegħu għal din l-inizjattiva u inkoraġġixxa lill-komunità biex tkompli taqdi l-missjoni tagħha ta' evanġelizzazzjoni fit-territorju li fih tgħix.

**Mill-Ġimgħa 28 sal-Ħadd 30 ta' Ottubru** – Fil-parroċċa saru tlett ijiem ta' Espożizzjoni Ewkaristika fil-Knisja magħrufa bħala l-Kwaranturi Mqaddsa. Il-Konċelebrazzjoni solenni tmexxiet mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech, li fiha ħa sehem il-kor flimkien mal-orkestra tal-parroċċa taħt id-direzzjoni ta' Ivan Farrugia. Fi tmiem il-quddiesa saret il-purċissjoni solenni b'Ġesù Ewkaristija li tmexxiet mill-Arċipriet Mons. Daniel Xerri kif ukoll bis-sehem tas-saċerdoti, l-abbatini u l-fratelli. Matul il-purċissjoni sar talb speċjali lill-Ħniena Divina fl-okkażjoni tas-Sena tal-Ħniena, b'siltiet mill-Iskrittura Mqaddsa u mit-tagħlim tal-Papa Franġisku. Għadd sabiħ ta' persuni ħadu sehem fil-quddiesa u l-purċissjoni.

**Il-Ħadd 30 ta' Ottubru** – Fi tmiem il-Kwaranturi Mqaddsa l-Arċipriet wera x-xewqa li l-parroċċa tagħti borża ta' studju lis-Seminarju hekk kif f'dik il-ġimgħa kien ser jiġi ċċelebrat il-150 sena mit-twaqqif tas-Seminarju fid-Djoċesi ta' Għawdex. Fil-jiem ta' wara diversi parruċċani offrew ammont sabiħ ta' flus biex b'hekk seta' jingħata rigal ta' tliet boroż ta' studju lis-Seminarju.

## NOVEMBRU 2016

**L-Erbgħa 2 ta' Novembru** – Saret Konċelebrazzjoni fiċ-Ċimiterju tal-parroċċa li tmexxiet mill-Arċipriet Mons. Daniel Xerri. Fil-bidu tal-quddiesa ġew imfakkra l-membri tal-komunità parrokkjali li mietu matul din l-aħħar sena. Wara mbagħad sar it-tberik tal-oqbra. Kien f'dan il-waqt li l-Arċipriet waqaf jagħmel talba speċjali fuq il-qabar tal-predeċessur tiegħu l-Arċipriet Ġużeppi Grech li din is-sena ħabat il-45 anniversarju mill-mewt tiegħu.

**Il-Ġimgħa 4 ta' Novembru** – Waqt li d-djoċesi ta' Għawdex kienet qed tfakkar il-150 sena mit-twaqqif tas-Seminarju tagħha, l-Isqof Mario Grech għoġbu jaħtar lil Dun Trevor Sultana, iben il-parroċċa tagħna, bħala Arċipriet tal-parroċċa tal-Viżitazzjoni, ġewwa l-Għarb. Minn qalbna nifirħulu u nwegħduh it-talb tagħna, biex din il-missjoni fdata f'idejh tħalli l-frott mixtieq.

**Il-Ħamis 10 ta' Novembru** – Wasal fil-parroċċa tagħna mill-Ingilterra l-*container* bl-orgni l-ġdid għall-Knisja Rotunda. Għadd sabiħ ta' voluntiera ġew jgħinu biex jinħatt il-*container* u jiddaħħlu l-partijiet kollha fil-knisja. Wieħed seta' faċilment jilmaħ il-ferħ fuq wiċċ dawk kollha preżenti. Fil-ġranet ta' wara l-orgni beda jiġi mmuntat fil-knisja mill-ħaddiema tal-fabbrika Michael Farley Organbuilder, taħt id-direzzjoni ta' sid il-kumpanija nnifsu s-Sur Michael Farley kif ukoll tas-Sur Noel Gallo.




**Il-Ġimgħa 11 ta' Novembru** – Fl-okkażjoni tat-tmiem tas-Sena tal-Ħniena, il-parroċċa organizzat pellegrinaġġ lejn is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu, li hu wieħed mit-tliet knejjes Ġubilari fid-djoċesi ta' Għawdex li fihom ġie miftuħ il-Bieb tal-Ħniena. Il-mixja ta' talb bdiet minn ħdejn il-monument tal-pellegrin u mxiet lejn is-Santwarju. Imbagħad għaddejna mill-Bieb Qaddis tal-Ħniena u tajna qima lill-Wiċċ ta' Kristu, għamilna l-istqarrija tal-fidi u tlabna skont il-fehma tal-Papa. Dawk li ħadu sehem f'din il-mixja setgħu wkoll jersqu għas-sagrament tal-Qrar u wara setgħu jieħdu

MID-DJARJU tal-parroċċa

sehem fl-Ewkaristija Mqaddsa. Fi tmiem il-quddiesa dawk preżenti nġabru fil-Kappella tal-Madonna fejn sar talb għall-parroċċa tagħna, kif ukoll ġiet afdata f'idejn Marija l-mixja tal-komunità parrokkjali tagħna.

**Il-Ħadd 20 ta' Novembru** – Saret ċelebrazzjoni djoċesana fl-okkażjoni tal-festa ta' Kristu Re u t-tmiem tas-Sena tal-Ħniena. Minħabba t-temp inċert, din iċ-ċelebrazzjoni li kellha ssir quddiem il-Kunvent tal-Patrijiet Kapuċċini fil-belt Victoria, saret fil-knisja tagħna, u għaliha attendew mijiet ta' fidili mill-parroċċi kollha ta' Għawdex. Iċ-ċelebrazzjoni tmexxiet mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech.

Fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni, l-Isqof kellu ċ-ċans jara l-orgni l-ġdid li qed jiġi mmuntat fil-Knisja Rotunda u ltaqa' mal-ħaddiema tal-fabbrika Michael Farley Organbuilder, li bħalissa qegħdin jaħdmu fuqu, kif ukoll mad-disinjatur tal-orgni s-Sur Noel Gallo. L-Isqof, flimkien ma' dawk preżenti, setgħu jisimgħu u jiggustaw l-ewwel melodiji tal-orgni l-ġdid li, għalkemm għadu mhuwiex komplut, diġà huma biżżejjed biex jindikaw il-valur u l-preġju ta' dan il-proġett.

**Is-Sibt 26 ta' Novembru** – L-għoti tal-Ministeru tal-Akkolitat lis-Seminarista Joseph Hili mill-Isqof t'Għawdex Mons. Mario Grech. Matul din is-sena s-Seminarista Joseph Hili qiegħed jagħti servizz fil-parroċċa tagħna.

**Il-Ħadd 27 ta' Novembru** – Ħabat it-338 anniversarju mit-twaqqif tal-parroċċa u Jum ix-Xewkija. Għall-quddiesa tat-8.30am attendiet il-President ta' Malta, l-E.T. Marie Louise Coleiro Preca, li kienet qed tniedi l-kampanja Strina 2016 f'Għawdex. Il-quddiesa tmexxiet mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech flimkien ma' għadd sabiħ ta' saċerdoti Xewkin. Fi tmiem il-quddiesa l-Isqof bierek l-orgni l-ġdid li beda jindaqq proprju dakinhar, li kien jaħbat ukoll l-ewwel Ħadd tal-Avvent. Kienu preżenti wkoll l-Onor. Anton Refalo, Ministru għal Għawdex, l-Onor. Justyne Caruana, Segretarju Paralmentari għad-drittijiet ta' persuni b'diżabilità u anzjanità attiva, kif ukoll is-Sindku tax-Xewkija, is-Sur Paul Azzopardi u l-Kunsilliera l-oħra tar-raħal.

## DIĊEMBRU 2016

**Is-Sibt u l-Ħadd 3-4 ta' Diċembru** – Sar *bake sale* ta' kejkijiet u ħelu tal-Milied b'risq il-knisja, wara kull quddiesa, fuq iz-zuntier tal-knisja. Il-prodotti għall-bejgħ kienu kollha *homemade*.

**Is-Sibt 10 ta' Diċembru** – Il-Knisja Rotunda laqgħet tmien korijiet Maltin u barranin li kantaw waqt il-Festival Internazzjonali tal-Korijiet li sar f'Għawdex. Il-korijiet kienu mill-Estonja, mill-Italja, mill-Ungerija u mill-Ingilterra flimkien ma' żewġ korijiet Għawdxin. Is-serata bdiet fis-6.30pm.

**Il-Ħamis 15 ta' Diċembru** – Bdiet in-Novena tal-Milied li tmexxiet mill-Arċipriet Mons. Daniel Xerri u li bħas-sena l-oħra saret bis-sehem tat-tfal u l-ġenituri tagħhom. Is-suġġett ta' din is-sena kien: "Niltaqgħu mal-Personaġġi tal-Presepju". L-iskop kien li permezz ta' dawn il-personaġġi stajna naraw x'tagħlim qegħdin joffru lilna dawn il-personaġġi fil-ħajja li qegħdin ngħixu llum. Diversi tfal libsu ta' dawn il-personaġġi u flimkien maċ-ċelebrant għenu biex joħroġ aħjar il-messaġġ mixtieq. Fl-ewwel ġurnata tqassmet ukoll ċart lit-tfal kollha u kuljum kienet tingħatalhom stiker bil-persunaġġ tal-ġurnata ħalli bil-mod il-mod iffurmaw presepju li żammew bħala tifkira ta' dan il-Milied. In-Novena saret waqt il-quddiesa tal-5.15pm u għaliha attendew għadd sabiħ ta' tfal u adulti.

**Il-Ġimgħa 23 ta' Diċembru 2016** – Saret l-inawgurazzjoni u t-tberik ta' Presepju ġdid li nħadem minn Charlie Vella, taħt iz-zuntier tar-Rotunda.

**Is-Sibt 24 ta' Diċembru 2016** – Qabel il-konċelebrazzjoni ta' lejliet il-Milied sar kunċert fuq l-orgni l-ġdid mis-Sur Noel Gallo.

**L-Erbgħa 28 ta' Diċembru 2016** – Sar il-*party* tal-Milied tat-tfal fiċ-Ċentru Parrokkjali.

## JANNAR 2017

**It-Tnejn 9 ta' Jannar 2017** - Ġiet iċċelebrata l-festa liturġika tal-Magħmudija tal-Mulej. Għalina x-Xewkin hija festa partikulari minħabba r-rabta tagħha ma' Ġwanni l-Battista. Filgħaxija fir-Rotunda saret konċelebrazzjoni solenni li tmexxiet mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech. Fiha sar talb partikulari għal dawk li rċivew il-Magħmudija fil-parroċċa tagħna matul is-sena li għaddiet u sar it-tiġdid tal-wegħdiet tal-Magħmudija minn dawk kollha preżenti.

**Is-Sibt 14 ta' Jannar** – Jibda uffiċjalment il-ħidma pastorali tiegħu bħala Arċipriet tal-Parroċċa tal-Viżitazzjoni tal-Għarb is-Saċerdot Xewki Mons. Trevor Sultana.

**It-Tlieta 31 ta' Jannar** – Fil-parroċċa tagħna nbdiet esperjenza ġdida bl-isem ta' Skola ta' Talb. Dawn il-laqgħat bdew jittellgħu kull nhar ta' Tlieta, fis-7.00pm, fil-Knisja Rotunda u tmexxew mill-Arċipriet Mons. Daniel Xerri. L-iskop ta' dawn il-laqgħat kien li nitgħallmu nitolbu aħjar fid-dawl tal-Kelma ta' Alla u fuq l-eżempju ta' Ġesù nnifsu.

## FRAR 2017

**Il-Ħamis 2 ta' Frar** – Ġiet iċċelebrata l-Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej, billi l-assemblea nġabret fil-Mużew tal-Iskultura fejn sar it-tberik tax-xemgħa u wara mxiet madwar il-knisja bix-xemgħat mixgħula f'idejha. Wara ngħata bidu għall-quddiesa solenni.

Matul dan ix-xahar inbeda x-xogħol ta' manutenzjoni u tisbiħ taċ-Ċentru Parrokkjali, biex jiġi addattat skont il-ħtiġijiet pastorali taż-żminijiet tal-lum.

## MARZU 2017

**L-Erbgħa l-1 ta' Marzu** - Ingħata bidu għar-Randan Imqaddes. Fil-5.15pm l-Arċipriet mexxa quddiesa solenni bis-sehem tat-tfal u l-ġenituri. Fl-omelija tiegħu huwa fisser is-sinifikat tal-irmied li l-Knisja tpoġġi fuq rasna f'dan il-jum. Huwa qal li dan hu sinjal tad-dgħufija u ċ-ċokon tagħna quddiem Alla u fl-istess ħin huwa sinjal ta' ndiema u penitenza għad-dnubiet

tagħna. It-tfal flimkien mal-ġenituri ġew mistiedna jkomplu jattendu għall-quddiesa kateketika li ser issir apposta għalihom kull nhar ta' Erbgħa matul ir-Randan kollu.

**Il-Ħadd 12 ta' Marzu** – Fuq inizjattiva taż-żgħażagħ li jattendu għal-laqgħat fil-parroċċa ġiet organizzata ġabra madwar ir-raħal kollu ta' prodotti utli għad-dar li wara tqassmu lil diversi persuni fil-bżonn fil-parroċċa tagħna u fid-djoċesi.

**Il-Ħadd 19 ta' Marzu** – Ġie organizzat nofstanhar irtir għall-parroċċa ġewwa Dar Manresa bejn it-3.00p.m u s-7.00p.m.

**Il-Ħadd 26 ta' Marzu** – Ġewwa t-Teatru Ġovanni ttella' d-dramm 'L-Innoċenti' mill-Għaqda Drammatika Azzjoni Kattolika tax-Xagħra.

**Il-Ħamis 30 ta' Marzu** – Sar pellegrinaġġ ta' talb bix-xbieha ta' Ġesù Redentur bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tar-Randan, bi tħejjija għall-Ġimgħa Mqaddsa. Dan il-pellegrinaġġ, li kien immexxi mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech, beda minn ħdejn il-Kappella tal-Madonna tal-Ħniena u mexa tul Triq San Bert lejn il-Knisja Rotunda. Matul it-triq ġiet immeditata l-Via Sagra. Fi tmiem il-pellegrinaġġ Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni solenni. Għadd kbir ta' nies ħadu sehem fil-pellegrinaġġ u fil-quddiesa.



## APRIL 2017

**Is-Sibt l-1 t'April** – Ġewwa l-Knisja Rotunda ttellgħet it-tieni edizzjoni tas-serata Mużiko-Letterarja Sagra bl-isem "Magħna fl-Agunija". F'din is-serata li fiha ħadet sehem il-Banda Prekursur, inqraw ukoll xi poeżiji tal-poeta Xewki, Mario Borg.

**Il-Ġimgħa 7 t'April** – Ġiet iċċelebrata l-festa tad-Duluri. Saret konċelebrazzjoni solenni li tmexxiet mill-Arċipriet Mons. Daniel Xerri u wara bdiet ħierġa l-purċissjoni peġint. Din is-sena ġie mżanżan sett ġdid ta' brazzi mal-vara tad-Duluri. Dan inħadem fuq disinn tal-Artist Xewki Paul Falzon, fil-ferrobattuto minn Frankie Attard, filwaqt li l-globi ġew maħduma apposta mid-dittta Gozo Glass.

**Is-Sibt u l-Ħadd 8 u 9 t'April** – Sar *bake sale* b'risq il-knisja li fih inbiegħu diversi figolli u ħelu ieħor marbut mal-festa tal-Għid. Din l-

inizjattiva ttieħdet minn diversi *helpers* li ppreparaw il-ħlewwiet fid-diversi ġimgħat ta' qabel.

**Il-Ħadd 16 t'April** – Saret il-purċissjoni bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt bil-parteċipazzjoni tal-Banda Prekursur mat-toroq tar-raħal.

**Il-Ħamis 20 t'April** – Bdew il-Ħamisijiet ta' San Ġwann,



bi tħejjija għal festa tat-twelid tal-Battista ta' din is-sena. Bħas-sena l-oħra dawn il-Ħamisijiet qed isiru bis-sehem tat-tfal.

**Il-Ħamis 27 t'April** – Saret laqgħa fejn fiha ġiet iffurmata l-Għaqda Milied fix-Xewkija bl-iskop li tieħu ħsieb kull attività relatata mal-Milied fil-parroċċa.

## MEJJU 2017

**Il-Ħamis, il-Ġimgħa u s-Sibt 4, 5 u 6 ta' Mejju** – Kienu tlett ijiem ta' tħejjija għall-ġurnata tal-inawgurazzjoni tal-orgni l-ġdid fil-knisja tagħna. Fil-jum tal-Ħamis saret quddiesa għall-benefatturi kollha li kkontribwew għal dan il-proġett. Din tmexxiet minn Mons. Carmelo Mercieca flimkien mal-Arċipriet Mons. Daniel Xerri u Dun Ġorġ Mercieca. Wara l-Arċipriet tal-Qala Dun Injazju Borg tella' preżentazzjoni interessanti dwar il-mużika sagra fil-Liturġija, filwaqt li l-għada l-Ġimgħa ttellgħet preżentazzjoni awdjo viżiva minn Noel Gallo, Disinjatur tal-orgni u Michael Farley li huwa d-Direttur tal-fabbrika fejn inħadem l-orgni tal-knisja tagħna. Fil-jum tas-Sibt imbagħad, fil-Knisja Rotunda sar il-kunċert tal-inawgurazzjoni tal-orgni minn David Davies, Organista magħruf mill-Ingilterra, fil-preżenza tal-E.T. Marie Louise Coleiro Preca, President ta' Malta, l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u mistednin distinti oħra. Għal dan il-kunċert kienu preżenti wkoll id-Disinjatur tal-orgni Noel Gallo u Michael Farley flimkien mal-ħaddiema tal-fabbrika Michael Farley Organbuilders fejn inħadem. Waqt il-kunċert indaqqu siltiet ta' J. S. Bach, César Franck, Edward Elgar, Gabriel Fauré, John Stanley, Jean Langlais, Louis Vierne, Jehan Alain, Pietro Yon u Charles-Marie Widor. Matul il-kunċert saru xi diskorsi tal-okkażjoni mill-President ta' Malta, mill-Isqof ta' Għawdex u mill-Arċipriet Mons. Daniel Xerri. Fi tmiem il-kunċert saru wkoll xi preżentazzjonijiet ta' tifkira.

**Il-Ġimgħa u s-Sibt 19 u 20 ta' Mejju** - Ġewwa l-knisja tagħna ttella' d-dramm mużikali bl-isem, "Rajtek Tinbidel". Storja ta' nofs seklu li tittratta l-ħajja diffiċli u ta' tbatija li għaddew missirijietna sabiex inbniet u żżejnet il-knisja Rotunda li għandna illum. F'dan il-'*musical*' stajna nassistu għall-episodji li ferħu u niktu lill-komunità Xewkija f'dan il-perjodu ta' ħamsin sena. Ħadu sehem f'dan il-'*musical*' diversi mużiċisti u atturi Xewkin kif ukoll xi uħud li jgħixu barra mir-raħal. Minbarra l-kant u r-reċtar waqt dan id-dramm mużikali intwerew diversi filmati u ritratti ta' dik l-epoka partikolari.

Diversi nies ħonqu kull parti tal-knisja Rotunda biex setgħu jassistu għal dan l-avveniment uniku.

# L-GĦAMMIEDI FIL-KNISJA TA' SANT'ANDRIJA F'ĦAL LUQA

MARIO FENECH

Bħalma għamilt permezz tal-artiklu tiegħi f'din il-pubblikazzjoni, matul l-aħħar snin, f'din il-pubblikazzjoni, ser nikteb dwar kwadru ieħor li nsibu fil-knejjes ta' Malta u Għawdex, li fih hemm ix-xbieha ta' San Ġwann Battista.



Il-kwadru li għażilt huwa dak li nsibu fil-knisja parrokkjali ta' Sant'Andrija f'Ħal Luqa. Sar fis-sena 1977 mill-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi flimkien ma' kwadru ieħor li fih huwa pinġa lil Ġesù mal-Madalena.

Il-kwadri jinsabu fil-kappellun tan-naħa tal-lemin mal-ġnub tal-kwadru tal-altar tal-Agunija. L-artist pinġiehom sena biss wara li kien lesta ż-żewġ kwadri l-oħra li hemm fil-kappellun tar-Rużarju tal-istess knisja.

Fil-kwadru li fih hemm ix-xbieha ta' San Ġwann naraw fih l-episodju tal-Magħmudija ta' Ġesù fuq din l-art. Hawnhekk naraw xena mill-isbaħ fejn il-figura prinċipali hija dik tal-Għammiedi. Bl-ilbies tas-soltu tiegħu, b'mant ta' kulur ħamrani, bil-persuna tiegħu xi ftit goffa, xhieda ta' bniedem li jgħix fix-xagħri. Narawh bilwieqfa iżda bi rkoppa waħda fuq blata baxxa mat-tarf tax-xmara. Idejh it-tnejn ma' xulxin merfugħin 'l fuq bl-ilma ħiereġ minnhom għal fuq ras l-Iben ta' Alla. Lil Ġesù, l-artist pinġieh f'qagħda t'umiltà liema bħalha. Kważi għeri għalkollox, b'rasu baxxuta, b'idejh ma' xulxin, qiegħed jirċievi l-Magħmudija tiegħu mingħand il-qaddis Ġwanni.

Xbieha tal-Ispirtu s-Santu tidher fin-nofs tat-tila fil-parti ta' fuq tal-kwadru b'raġġ ta' dawl nieżel minn wara bħala sinjal ta' dak li ġej mill-Missier Etern. Jolqtok l-mod trasparenti li bih huwa mpinġi l-ilma tax-xmara b'riġlejn l-Iben t'Alla jidhru minnu.

Din ix-xena tal-Magħmudija ta' Ġesù, l-istess artist Pawlu Camilleri Cauchi pinġieha fost oħrajn fis-saqaf tal-kappellun ta' San Ġużepp tal-knisja tas-Sacre Coeur f'Tas-Sliema kif ukoll f'wieħed mill-kwadri l-kbar li hemm fil-knisja Arċipretali tax-Xewkija.

Għall-kuntrarju ta' dawn iż-żewġ xogħlijiet, l-ispazju fil-kwadru ta' Ħal Luqa ma kienx wieħed kbir, iżda xorta waħda naraw xena mill-isbaħ u kompluta li ssebbaħ din il-knisja parrokkjali ta' Sant'Andrija.



# TISLIMA *mill-Gwatemala*



**Iż-żmien Itir, iżda warajh iħalli tifkiriet li ma jitħassru qatt**

Qatt ma ninsa żmien tfuliti fir-raħal tiegħi tax-Xewkija. Konna biżibilju ta' tfal, familji kbar ta' ħdax jew għaxart itfal. Il-ferħ kien jinħass madwarna; nilagħbu noli, galletta, passju, żibeġ, gwerra Franċiża u logħob ieħor. Ix-xebbiet għaqlin jilagħbu biċ-ċombini tal-bizzilla. Illum, biex tilmaħ erbat itfal jilagħbu fit-triq, irid ikollok għajnejn ta' seqer. Tard filgħaxija konna ninġabru l-MUSEUM biex nixtarru l-Kelma ta' Alla. Qatt ma ninsa lil Ġamri Calleja ta' Ċruċi, bniedem li mhux biss kien jgħallimna bil-kelma iżda iktar bl-eżempju ta' ħajtu, memorji li ma jitħassru qatt.

Iżda l-isbaħ żmien ta' tfulitna, kien mal-wasla tal-festa. Żarbun ġdid, qatgħa xahar għand Mikieli Bigeni (ix-Xejni) jew għand Ġużepp ta' Gangħajx. L-ewwel sinjal tal-festa kien id-daqq tal-qniepen. Niftakar lil Frenċ Zammit, is-Sagristan, jistedinna biex ngħinuh idoqq il-qniepen.

"Ħu dan il-ħabel, iġbdu bil-ħlewwa, iżda b'tokki mgħaġġlin," kien jgħidli. Konna nsejħulha l-frejħa, bħala sinjal ta' ferħ. Hawn Leli Tabone ta' Gorġuna (d-Demusi) mad-daqq ta' nofsinhar ma kienx jitlef il-mument li jagħti l-ewwel murtal tal-bomba. Żegreb, b'kaxxa xaħx fuq karretun kont tarah jimla l-ħofor u jwitti t-toroq minn fejn tgħaddi l-purċissjoni. Kont nistajħlu bħall-Battista, jipprepara t-triq għall-miġja tal-Mulej. Saminu Rapa (tal-għaġin) bl-għajta tiegħu, 'ġelati hawn, kien jitfaċċa fil-pjazza. "Illum tal-festa," kien jgħidilna, "għandna ġelat aħmar, abjad, ċelesti, minn kull kulur bħal dan ma dduquh qatt". B'sitt ħabbiet ġelat konna nimlew żaqq daqsiex. Xi ngħidu għal Wenzu d-Dirwix, persunaġġ importanti tal-festa, bil-kamera tar-ritratti vojta minn ġewwa, poġġuta fuq żaqqu. "Lesti għar-ritratt" kien jgħidilna. Meta nistaqsuh meta se jagħtihulna kien jirrispondina li wara l-festa. "Tajjeb, mela nħallsuk l-għada ta' San Ġwann" konna ngħidulu. Hawn Wenzu kien jibqa' b'xiber imieħer! Kmieni s-Sibt filgħodu, b'qasba twila u l' kop f'idejna, konna noħorġu biex naqbdu l-għasafar ta-bejt, biex il-Ħadd fil-ħruġ ta' San Ġwann nerħuhom minn idejna biex jaqsmu magħna l-istess ferħ tal-festa.

Żmien ilu, madwar 70 sena ilu, dawl ma kien hawn imkien. Forsi ftit lampi tal-pitrolju fil-pjazza u f'xi triq prinċipali. Mal-ewwel żiffa qawwija tar-riħ, ilkoll kienu jiftehmu u jintfew! Iżda fil-festa, il-knisja kienet tkun mixgħela waħda, lesta biex tiltaqa' mal-għarus tagħha, imżejna bil-libsa ħamra, tużell isaħħrek, skultura tgħammixlek għajnejk, uċuħ ta' angli tistħajjilom qed ikellmuk. Xi tlifna, x'teżor tpoġġa f'post differenti, iżda hekk kien, ħaġa li ma kellhiex tkun.

L-Erbgħa filgħaxija kien jibda l-ewwel tridu. Dejjem kien jiġi Predikatur Malti, ħafna rġiel kienu jersqu biex jirċievu s-Sagrament tal-Maħfra. Ħadd minnhom ma kellu bażi dottrinali tas-sagrament, iżda ftuħ il-qalb, bi ndiema sinċiera u b'deċiżjoni qawwija għal ġejjieni aħjar, kien biżżejjed biex l-Ispirtu ta' Alla jfewwaħ u jfejjaq kull ġerħa.

Illum għaddew snin twal minn tfuliti, iżda l-istess ferħ li ħassew il-ġirien fi twelid il-Battista, għadu jinħass f'qalbi sal-lum; ferħ li ebda tul ta' żmien ma għandu l-qawwa li jħassru.

Fabrix

fashion textile | haberdashery | costume section | curtain section

Triq l-Arcisqof Pietru Pace Victoria - Gozo

tel | 2755 5247 mob | 9922 9097

email | fabrixgozo@gmail.com



# TISLIMA *mill-Brażil*



Għadna kif iċċelebrajna l-festi tal-Għid il-Kbir. Matul iż-żmien tar-Randan, iċċelebrajna l-Via Sagra fit-toroq u kellna laqgħat fid-djar f'kull waħda mit-tliet setturi tal-parroċċa. Fil-Ġimgħa l-Kbira, grupp ta' żgħażagħ iddrammatizzaw il-Passjoni ta' Kristu u fil-quddiesa tal-Għid iddrammatizzaw il-Qawmien ta' Kristu bil-parteċipazzjoni tal-poplu.

Fil-funzjoni ta' Sibt il-Għid, irċevew il-Magħmudija sitt żgħażagħ li qegħdin jieħdu sehem fil-mixja kateketika li tibda fl-Avvent u tibqa' sejra sal-Pentekoste biex jirċievu l-Griżma tal-Isqof. Wara ssir ċelebrazzjoni ta' żwieġ komunitarju għal dawk li ma jkunux miżżewġin u jixtiequ jiżżewġu. Din il-mixja kateketika ssir kull sena.

## PARROĊĊA ĠDIDA

Fi Frar li għadda kellna okkażjoni sabiħa fejn ġiet inawgurata parroċċa ġdida ddedikata lill-Qalb ta' Ġesù. Magħha ngħaqdu żewġ komunitajiet oħra li sa issa t-tlieta kienu jagħmlu parti mill-parroċċa tagħna. Dawn it-tliet knejjes ġew mibnija bil-ġenerożità ta' ħafna benefatturi Xewkin u Għawdxin li dejjem għenuni kemm ilni hawn fil-Brażil. Din hija grazzja kbira għall-parroċċa tagħna li tipproduċi parroċċa ġdida, bħal meta ġo familja titwieled tarbija ġdida.

B'kumbinazzjoni din is-sena il-parroċċa tagħna qiegħda tiċċelebra l-għoxrin sena tagħha, xi ħaġa li ser infakkru fil-festa ta' San Ġwann.

Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd!





JIKTBILNA MILL-KANADA, DUN JOSEPH GRIMA



# TISLIMA *mill-Kanada*



Għeżież parruċċani tax-Xewkija u qarrejja tal-Gourgion, permezz ta' dawn il-ftit kelmiet nixtieq insellmilkom, waqt li nawguralkom il-festa t-tajba, festa li ta' kull sena tiġi sabiex mhux biss niċċelebraw 'il-patrun tagħna San Ġwann Battista, imma wkoll sabiex bħala komunità nħarsu lejn il-Prekursur u nippruvaw nimitaw il-valuri li kien iħaddan fil-ħajja tiegħu.

Ilni ftit ma niktbilkom u għalhekk ħsibt li naġġornakom xi ftit dwar il-ħidma pastorali tiegħi fl-Arċidjoċesi ta'Toronto, fil-Kanada. Bħalissa wasalt biex intemm il-ħidma tiegħi fil-parroċċa ta' San Franġisk de Sales fir-raħal ta' Ajax, ħidma li wettaqt bħala kappillan għal dawn l-aħħar erba' snin. Minbarra l-ħidma pastorali fost din il-komunità, kif ukoll il-visti fis-seba' skejjel kattoliċi affiljati ma' din il-parroċċa, il-ħidma tiegħi kienet titlob ukoll li ssir ħidma estensiva strutturali fil-knisja. Infatti f'dawn l-aħħar snin ġew installati sett ta' *stained glass* madwar il-knisja kollha, kif ukoll saret rinovazzjoni fuq il-presbiterju tal-knisja u fil-ħolqien ta' kappella għas-Santissimu Sagrament, fejn matul il-ġurnata jkunu diversi l-persuni li jiġu f'dan il-post sabiex jitolbu.

Issa f'Lulju li ġej, wara li ntemm il-ħidma tiegħi f'Ajax, l-Arċisqof ta' Toronto, il-Kardinal Thomas Collins talabni sabiex inwaqqaf parroċċa ġdida ġewwa l-belt ta' Markham, parroċċa li l-bżonn tagħha ilu jinħass għal diversi snin. Minkejja li għal dawn l-aħħar snin kont naqdi l-ministeru tiegħi bħala kappillan, biss din l-esperjenza hija waħda ġdida għax timplika mhux biss it-twaqqif ta' komunità imma wkoll l-bini ta' knisja ġdida u għalhekk nafda din il-ħidma f'idejn il-Mulej għax wara kollox huwa Hu li sejjaħli għal din il-missjoni.

Il-parroċċa l-ġdida se tkun ddedikata lill-Beatu Frederic Ozanam, li huwa l-fundatur tas-Soċjetà ta' San Vinċenz de Paule, soċjetà li taħdem favur il-ġustizzja soċjali u hi ta' għajnuna kbira għall-foqra (http://en.ssvpglobal.org/200-years-of-history/Frederic-Ozanam). Huwa għex bejn l-1813 u l-1853. Twieled Milan u għex ġewwa Franza flimkien ma martu u bintu. Minbarra l-ħidma tiegħu f'din is-soċjetà, huwa ta wkoll il-kontribut tiegħu bħala ġurnalist u avukat. Huwa ġie beatifikat mill-Papa San Ġwanni Pawlu II fl-1997 u qed jiġu studjati bħalissa żewġ mirakli oħra li jemmnu li seħħew bl-interċessjoni ta' Frederic Ozanam. Nitolbu li dalwaqt ikun qaddis.

Insellmilkom minn qalbi u nkomplu nitolbu għal xulxin.









Permezz tal-BOV Mobile, tista' tħallas lil min trid mill-mobile tiegħek, tkun fejn tkun.

NIŻŻEL L-APP B'XEJN

Download on the App Store | GET IT ON Google Play

*L-Android hu reġistrat ma' Google Inc.*

*Termini u kundizzjonijiet japplikaw.*

**2131 2020 | bov.com**

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130

BOV
Bank of Valletta

# Mir-Reġistri TAL-PARROĊĊA

## MINN ĠUNJU 2016 SA MEJJU 2017

### TFAL LI RĊIVEW L-EWWEL TQARBINA 2016

Subien: Apap Marlon, Attard Andre' Joe, Axiaq Neil, Azzopardi Sean Paul, Azzopardi Joseph, Bugeja Waylin, Cauchi Justin, Cauchi Karl, Curmi Ryan, Hili Jean, Pace Jean, Portelli Jayden, Saliba Julian, Vassallo Gary,Vella Romwel, Xerri Gabriel.

Bniet: Axiak Demicoli Keira Mae, Azzopardi Cadi, Cassar Eve Elizabeth, Grima Seralee, Hili Gail, Hili Michela, Vella Lara.

### TFAL LI RĊIVEW IL-GRIŻMA TAL-ISQOF 2016

Subien: Ġwann Apap, Jean Azzopardi, Clint Bajada, Gerald Bajada, Kyle Barbara, Amadeo John Cassar, Joseph Cassar, Gabriel Jon Engwall, Joseph Galea, Jean Francios Parnis, Malcolm Azzopardi.

Bniet: Julia Azzopardi, Ianica Bajada, Emma Cauchi, Shenise Mercieca, Vanessa Xerri.

### INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

Jason Mintoff u Sephora Marie Pace
04 ta' Ġunju 2016
Daniel Camilleri u Lorna Apap
11 ta' Ġunju 2016
Sammy Vella u Natalia L. Benedychuk
19 ta' Ġunju 2016
Conrad Formosa u Christine Portelli
01 ta' Lulju 2016
Noel Camilleri u Vanessa Attard
09 ta' Lulju 2016
Emanuel Vella u Carmen Cassar
06 t' Awwissu 2016
Matthew Xuereb u Ġuża Mercieca
12 t' Awwissu 2016
Christian Paul Parnis u Sonia Bugeja
20 t' Awwissu 2016

### MEMBRI ĠODDA FIL-KNISJA

| | |
|---|---|
| 08 ta' Mejju 2016 | Zach Vella |
| 22 ta' Mejju 2016 | Isaac Vella |
| 28 ta' Mejju 2016 | Mariah Cauchi |
| 29 ta' Mejju 2016 | Sebastian Grima |
| 04 ta' Ġunju 2016 | Zara Magro |
| 05 ta' Ġunju 2016 | Luca Zerafa |
| 05 ta' Ġunju 2016 | Gianni Zerafa |
| 05 ta' Ġunju 2016 | Selena Gafà |
| 11 ta' Ġunju 2016 | Kailey Cutajar |
| 19 ta' Ġunju 2016 | Shaun Simon Grima |
| 19 ta' Ġunju 2016 | Dylan Debrincat |
| 23 ta' Lulju 2016 | Adeline Belle Dimech |
| 08 t' Awwissu 2016 | Emiko Xerri |
| 20 t' Awwissu 2016 | Lara Cilia |
| 26 t' Awwissu 2016 | Dean Cini |
| 10 ta' Settembru 2016 | Nikol Tabone |
| 02 t' Ottubru 2016 | Courtney Kristina Formosa |
| 16 t' Ottubru 2016 | Emerson Spiteri |
| 19 ta' Novembru 2016 | Luke Debrincat |
| 19 ta' Novembru 2016 | Yana Marie Cefai |
| 18 ta' Diċembru 2016 | Matthias Zammit |
| 08 ta' Jannar 2017 | Natalya Attard |
| 11 ta' Frar 2017 | Kayden Buttigieg |
| 23 t' April 2017 | Sienna Rose Stellini |
| 07 ta' Mejju 2017 | Kyra Zammit Haber |
| 13 ta' Mejju 2017 | Eliza Xiberras |
| 27 ta' Mejju 2017 | Luna Stella Siebert |
| 28 ta' Mejju 2017 | Alessia Stephanie Pace |

### INGĦAQDU MAL-MULEJ FIS-SEMA

| | | |
|---|---|---|
| Luciana Spiteri | 14 ta' Ġunju 2016 | 66 sena |
| Ġanni Grima | 15 ta' Ġunju 2016 | 67 sena |
| Dolora Agius | 13 ta' Lulju 2016 | 91 sena |
| Pawlu Attard | 26 ta' Lulju 2016 | 93 sena |
| Joseph Azzopardi | 30 ta' Lulju 2016 | 90 sena |
| Mariano Xuereb | 4 ta' Awwissu 2016 | 91 sena |
| Carmela Attard | 5 ta' Settembru 2016 | 86 sena |
| Carmela Azzopardi | 11 ta' Ottubru 2016 | 93 sena |
| M'Grezzja Cauchi | 11 ta' Ottubru 2016 | 97 sena |
| Salvu Galea | 12 ta' Ottubru 2016 | 74 sena |
| Mariano Pace | 10 ta' Novembru 2016 | 85 sena |
| Loreta Azzopardi | 11 ta' Novembru 2016 | 76 sena |
| Carlo Azzopardi | 29 ta' Novembru 2016 | 86 sena |
| Maria Debrincat | 11 ta' Diċembru 2016 | 80 sena |
| Mariano Zammit | 16 ta' Diċembru 2016 | 86 sena |
| Mary Jane Cassar | 10 ta' Jannar 2017 | 90 sena |
| Ġużeppa Vella | 13 ta' Jannar 2017 | 89 sena |
| Maria Cini | 12 ta' Jannar 2017 | 46 sena |
| Carmen Xuereb | 17 ta' Frar 2017 | 94 sena |
| Pawla Grima | 24 ta' Frar 2017 | 58 sena |
| Marija Grech | 5 ta' Marzu 2017 | |
| Margaret Attard | 8 ta' Marzu 2017 | 81 sena |
| Mananni Farrugia | 21 ta' Marzu 2017 | 90 sena |
| Ġużeppa Xiberras | 16 t'April 2017 | 92 sena |
| Salvu Attard | 27 t'April 2017 | 77 sena |

# TFAL LI RĊIVEW L-EWWEL TQARBINA 2016



# ADOLOXXENTI LI RĊIVEW IL-GRIŻMA TAL-ISQOF 2016




RITRATTI : JOHN APAP

# NIFIRĦU LIL...



## LIL MONS. TREVOR SULTANA

Maħtur, Arċipriet tal-Parroċċa tal-Viżitazzjoni tal-Għarb
Nhar l-4 ta' Novembru 2016, Mons. Isqof ħatar lis-Saċerdot Xewki Dun Trevor Sultana, li matul l-aħħar perjodu, kien qed iservi fil-parroċċa Ta' Sannat bħala Arċipriet tal-parroċċa tal-Għarb. Waqt li nwegħduh it-talb tagħna, f'isem il-qarrejja tar-rivista, nawgurawlu ħidma fejjieda fil-missjoni ġdida li l-Mulej għażlu għaliha.





## LIS-SAĊERDOTI ĠODDA DUN MICHAEL GRIMA U DUN CARL SCERRI

Minkejja li ħadd minnhom mhu direttament mix-Xewkija, it-tnejn għandhom rabta mal-parroċċa tagħna. Michael li hu mill-parroċċa ta' San Lawrenz, għandu ommu Marita nee Galea, propju mill-parroċċa tagħna u Carl li hu mill-parroċċa tal-Katidral, matul is-snin ta' formazzjoni fis-seminarju ta s-servizz tiegħu fil-parroċċa tagħna.
Michael twieled fis-6 ta' Ottubru 1991 u Carl twieled fit-30 ta' Awwissu 1991. F'Ġunju 2009 huma talbu biex jidħlu s-Seminarju u għamlu s-sena propedewtika tagħhom f'Dar Nazaret, fir-Rabat Għawdex.
Bdew il-kors fis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù f'Settembru 2010. Michael għamel is-sena intermedjarja fil-missjoni ta' Dun Anton Grech, f'Santo Tomás de Castilla, Izabal, fil-Gwatemala filwaqt li Carl għamilha fil-parroċċa ta' Sant'Ursula fid-djoċesi ta' Modena. Lura f'Settembru 2014, huma komplew il-kors tagħhom fis-Seminarju.
Irċivew il-ministeru ta' Lettur fil-15 ta' Frar 2015, fil-Bażilika tat-Twelid tal-Verġni Marija, tax-Xagħra u fil-25 ta' Novembru 2015 ġew istitwiti bħala Akkolti, fil-Bażilika ta' San Ġorġ, tar-Rabat.
Nhar il-festa liturġika ta' San Ġwann tal-2016, huma ġew ordnati djakni minn Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, fil-Katidral ta' Għawdex.



## LID-DJAKNU JOSEPH HILI

Nifirħu wkoll lil Joseph Hili li nhar il-Ħamis 15 ta' Ġunju 2017, irċieva l-Ordinazzjoni Djakonali. Joseph li hu mill-parroċċa tat-Twelid tal-Verġni Mqaddsa Marija tax-Xagħra. Bħalissa qed jagħmel esperjenza pastorali ta' sentejn fil-parroċċa tagħna.
Joseph, li twieled fil-25 ta' Marzu 1992, talab biex jidħol is-Seminarju f'Ġunju 2010. Hu għamel is-sena propedewtika tiegħu fil-parroċċa tan-Nadur. Beda l-kors fis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù f'Settembru 2011. Wara li għamel is-sena intermedjarja fil-parroċċa tal-Qaddisin Martri Vicente, Sabina u Cristeta, f'Ávila, fi Spanja, f'Settembru 2015 kompla l-kors tiegħu fis-Seminarju.

Irċieva l-ministeru ta' Lettur fil-21 ta' Frar 2016, fil-Knisja Arċipretali tal-Immakulata Kunċizzjoni u San Ġużepp tal-Qala u fis-26 ta' Novembru 2016 ġie istitwit bħala Akkoltu fir-Rotunda Arċipretali ta' San Ġwann Battista, tax-Xewkija, dejjem minn idejn Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex. Fid-19 ta' Marzu 2017 ġie ammess bħala kandidat għall-Ordni Sagri.



## ĠIEĦ IX-XEWKIJA 2016

Nhar is-Sibt 26 ta' Novembru 2016 waqt serata mtellgħa mill-Kunsill Lokali tax-Xewkija fl-okkażjoni ta' Jum ix-Xewkija, ġie mogħti l-unur ta' 'Ġieħ ix-Xewkija 2016' liż-żagħżugħa Maria Pia Saliba. Maria Pia rebħet tliet midalji (deheb, fidda u bronż) fl-i*special olympics* li saru f'Ċipru fl-2016. B'hekk hija għamlet unur kemm għaliha personali kif ukoll lix-Xewkija u lil Malta. Maria Pia hija l-ewwel Maltija li rebħet dawn il-midalji. Aħna nifirħu lil Maria Pia Saliba u nawgurawlha iżjed unuri.



## PREMJU 'ĦIDMET IŻ-ŻGĦAŻAGĦ 2016'

Fl-istess serata ta' Jum ix-Xewkija, is-Sur Charles Borg ġie mogħti l-premju 'Ħidmet iż-Żgħażagħ 2016'. Charles Borg huwa żagħżugħ Xewki ta' 27 sena.

Sa minn età żgħira, Charles kien jagħti l-għajnuna tiegħu fir-raħal tax-Xewkija. Għal bosta snin, flimkien ma' grupp ta' żgħażagħ oħra, kien jagħmel il-pasturi u statwi biex fil-Milied jitqassmu lil sħabhom tal-MUSEUM. Charles kien involut ukoll fid-drama, sew bħala attur u fl-2008 kien beda jieħu ħsieb l-Għaqda Drammatika Xewkija. Hu baqa' fit-tmun ta' dan il-grupp sal-2012, fejn f'dak il-perjodu ttellgħu bosta drammi u produzzjonijiet oriġinali.

Fi żmien il-festa, Charles minn dejjem kien jagħti l-għajnuna tiegħu fl-armar u fl-2013 ingħaqad mal-Kumitat tal-Armar. Huwa jagħti kontribut mhux biss fil-ġimgħa tal-festa, imma matul is-sena kollha, b'mod partikolari fejn jidħol ix-xogħol tal-*fibre*. Fl-2015 Charles ġie maħtur bħala Segretarju Ġenerali tal-Banda Prekursur, kariga li għadu jokkupa sal-lum.

## GRADWATI ĠODDA



**Paul Agius**
B. Ed (Physics)



**Pauline Cassar**
B. Ed (Primary)



**Vanessa Cini**
B. Ed (Primary)



**Giselle Galea**
B. Ed (Primary)



**Esther Rapa**
B. Ed (Primary)



**Denise Apap**
B. Sc (Mathematics and Statistics and Operations Research)



**Miriam Cini**
B. Sc
(Chemistry and Biology)



**Jana Tabone**
B. Sc
(Physiotherapy)



**Joseph Attard**
B.Sc
(Computer Engineering)



**William Vella**
B. Sc
(Computer Engineering)



**Mary Spiteri**
B. A. (Hons) Malti



**Svetlana Vella**
B. Com
(Business & Finance)



**Vicyana Xerri**
LLB (Hons)







TOPSERV LIFTS LTD

KLEEMANN™

| | |
|---|---|
| Mġarr Rd. Għajnsielem: | 2155 7993 |
| Triq il-Fuxa San Ġwann: | 2137 5830 |
| Operations Gozo: | 9943 9281 |
| Operations Malta: | 9929 2770 |
| Enquiries: | johnjcefai@gmail.com |

**Modern Life L320**

**CEILING**
Type: 05
Meterial: Stainless Steel Satin and plexiglass
Light Type: 3 fluorescent tubes

**WALLS**
Skinplate PPS13

**SKIRTINGS**
Stainless Steel Satin

**FLOOR**
Elastic Anthracite 6727

**HANDRAIL**
K2 Aluminium

**MIRROR**
Full Height / Full Width

**CAR OPERATING PANEL**
SM BA Stainless Steel Satin with Blue Line

# NILTAQGĦU MA' *Mons. Trevor Sultana*

## FL-OKKAŻJONI TAL-PUSSESS TIEGĦU BĦALA L-ARĊIPRIET IL-ĠDID TAL-BAŻILIKA TAL-GĦARB

**ĦATRA TA' ARĊIPRIET MHIX XI ĦAĠA TA' KULJUM U APPARTI MINN HEKK TITLOB IMPENN MHUX ŻGĦIR. X'ĦASSEJT META ĠEJT AVVIĊINAT BIEX ISSERVI F'DIN IL-KARIGA?**

Kien l-4 ta' Novembru 2016, proprju fil-150 anniversarju mit-twaqqif tas-Seminarju t'Għawdex. Dakinhar beda kapitlu ġdid fil-ħajja tiegħi, meta Mons. Isqof għoġbu jaħtarni Arċipriet tal-parroċċa tal-Għarb. Għalija kienet ħasda imma fl-istess ħin avventura li biha l-Mulej ried jurini toroq ġodda li bl-ebda mod ma fittixt. Wara kollox, kif qaluli ħafna nies mix-Xewkija kont "sejjer għand in-nanna" – li ndunajt li din l-espressjoni nifhmuha aħna tax-Xewkija biss!



**XI JFISSER GĦALIK LI TKUN ARĊIPRIET ILLUM?**

Li tkun kappillan/arċipriet ifisser ħafna affarijiet – kien hemm xi ħadd qabbel dan ix-xogħol ma' *juggler* li jrid iżomm għaddejjin fl-istess ħin ħafna affarijiet bla ma jħallihom jaqgħu. Iżda naħseb li l-aħjar deskrizzjoni ta' x'jiġifieri tkun arċipriet jagħtiha r-Rit tal-Pussess li Mons. Isqof tani nhar l-14 ta' Jannar ta' din is-sena ġewwa l-Bażilika tal-Għarb.

**BĦALA XEWKIN M'ILNIEX WISQ LI ASSISTEJNA GĦAL DAN IR-RIT. IMMA SPJEGALNA AĦJAR FEJN TARA LI R-RIT JESPRIMI R-RWOL TA' ARĊIPRIET.**

Qabelxejn ippermettili nirringrazzja lix-Xewkin li



għoġobhom jattendu għall-pussess tiegħi fl-Għarb. Iva, ir-Rit tal-Pussess fih diversi ġesti sinifikattivi. Ara se nieħu xi ftit mumenti minn dan ir-rit li huma tifsira mill-aqwa tax-xogħol tal-arċipriet.

1. Il-bews tas-Salib – malli wasalt quddiem il-bieb tal-knisja l-Isqof talabni nbus is-Salib. Dan m'għandux biss valur ġuridiku ta' ġurament imma wisq aktar minn hekk juri kif ir-ragħaj b'xi mod irid iħaddan is-Salib, anzi jitla' fuqu.
2. L-istola mlibbsa mill-Isqof – din għandha t-tifsira tal-qadi; l-arċipriet huwa dak li huwa msejjaħ biex imexxi mhux billi jimponi imma bl-istil tal-qadi.
3. Il-mument tal-Konfessjonarju – li fih l-arċipriet il-ġdid joqgħod bilqiegħda fil-konfessjonarju biex juri li parti kbira mix-xogħol tar-ragħaj huwa li jisma' u mill-ftit esperjenza li ksibt s'issa ndunajt kemm hu importanti tisma' l-qniepen kollha anke dawk li ma jaqblux bejniethom.
4. Id-daqq tal-qanpiena – forsi l-iktar mument magħruf u mistenni min-nies – ifisser li l-arċipriet għandu d-dmir li jsejjaħ lill-komunità – huwa dak li bħal kull missier ta' din id-dinja jsejjaħ lil uliedu biex jingħaqdu bejniethom madwar l-istess mejda tal-ikel – l-Altar tal-Ewkaristija.

Dawn huma xi mumenti li għext f'Jannar ta' din is-

sena u li lili jfakkruni kontinwament f'diversi aspetti tal-missjoni tiegħi.



### ARĊIPRIET, KIF TĦARES LEJN IL-MISSJONI TIEGĦEK?

Ovvjament arċipriet ma ssirx dakinhar li l-Isqof jagħżlek jew dakinhar li tagħmel il-Pussess – hija xi ħaġa li takkwistaha maż-żmien, permezz tal-esperjenza magħġuna minn ferħ u niket flimkien. Huwa proċess li jrid jinħadem bejn ir-ragħaj u l-merħla li bil-mod il-mod jidraw lil xulxin u jsiru jħobbu lil xulxin. Huwa proċess li fih, fi kliem il-Papa Franġisku, ir-ragħaj jieħu r-riħa tal-merħla tiegħu, u dan (apparti l-umoriżmu li jista' jinħoloq madwar din il-frażi!) ifisser li bil-mod il-mod, frott l-imħabba, ir-ragħaj isir parti mill-merħla u jieħu fuqu l-karatteristiċi tan-nagħaġ tiegħu u jibda jħobb dak li jħobbu huma u jifhem dak li jixtiequ huma.



### GĦANDEK XI MESSAĠĠ GĦALL-QARREJJA TAL-GOURGION?

Għeżież ħuti Xewkin, bħalma kontu intom li rabbejtuni fil-fidi, hekk issa nitlobkom titolbu għalija biex inkun ragħaj/arċipriet skont il-qalb tal-Mulej!



# L-IMTIEĦEN TAR-RIĦ
## U T-TAĦĦANA XEWKIN

MARIO XERRI

L-istorja tal-imtieħen Maltin kif nafuhom illum, tmur lura lejn ir-Renju tal-Gran Mastru Nicolas Cotoner (1663-1680). Sewwasew nhar it-22 ta' Settembru 1674, il-Kunsill tal-Ordni awtorizza 'l-Fundazzjoni Cotoner tibda xogħol fuq l-imtieħen ta' Bormla, taż-Żebbuġ u tal-Floriana. Id-disinn tal-mekkaniżmu u l-istruttura kien meħud minn dawk tal-gżejjer Balearići fejn sal-lum għad fadal imtieħen simili għal tagħna.

Gran Mastri li segwewh komplew jibnu aktar imtieħen. Hekk għamel Gregorio Carafa (1680-1690) li permezz tal-Fundazzjoni tiegħu bena għaxar imtieħen oħra, waħda minnhom f'Għawdex. L-imtieħen tal-Fundazzjoni Carafa kienu l-ewwel mikrija għal għaxar snin lil Domenico Grixti, aktar tard lil Giuseppe Caruana minn Ħal Luqa u wara lil M'Angelo Micallef minn Ħal Lija. F'Settembru 1724 il-kera tal-għaxar imtieħen ġiet irkantata lil taħħana differenti.

It-tielet Gran Mastru li kompla jikkontribwixxi għal dan il-bini kien Raymundo Perellos (1697-1720). Dan għen sabiex inbnew tlitt imtieħen oħra, waħda fiż-Żejtun, oħra fin-Naxxar kif ukoll dik tar-raħal tagħna tax-Xewkija.

L-aħħar waħda mill-fundazzjonijiet li komplew il-bini ta' aktar imtieħen kienet dik tal-Gran Mastru Manoel de Vilhena. Kien dan l-ikbar benefattur tal-gżira Għawdxija fejn jidħlu l-imtieħen, tant li mit-tmint imtieħen li bena, tlieta minnhom bniehom f'Għawdex. B'kollox taħt l-Ordni ta' San Ġwann, inbnew tlieta u tletin mitħna, ħamsa minnhom f'Għawdex. Kull Fundazzjoni kellha l-Kummissjoni tagħha magħmula normalment minn membri importanti fl-Ordni li kienu jamministraw il-propjetà tagħha fosthom l-imtieħen.

### L-IMTIEĦEN F'GĦAWDEX

L-ewwel mitħna f'Għawdex inbniet mill-Gran Mastru Carafa fl-aħħar tas-snin 1680 f'isem il-Fundazzjoni tiegħu. Dak iż-żmien, il-popolazzjoni ta' Għawdex kienet ta' madwar 5,700. Ġie deċiż li mitħna f'Għawdex kienet bżonjuża u din kellha ssir fil-limiti tar-Rabat fejn kienet imdawra b'art li kienet tinħadem, fejn illum hemm is-Seminarju.

Fl-1 ta' Frar 1769, Angelo Xicluna ħa b' kera għal 29 sena l-mitħna tar-Rabat għal 340 skud fis-sena. Iżda aktar tard din żviluppat ħsarat bil-konsegwenza li ġiet identifikata art oħra bejn ir-Rabat u ta' Sannat fejn inbniet mitħna ġdida li għaddiet għand l-istess Angelo Xicluna għal 400 skud fis-sena. Wara għaddiet f'idejn Francesco Xicluna għal tmien snin b'kera ta' 623 skud fis-sena. Il-post fejn kienet l-ewwel mitħna nbiegħ għal 175 skud u nbena bħala sptar sabiex jieħu post l-Isptar San Ġiljan li kien jinsab fiċ-Ċittadella.

F'ordni kronoloġika, warajha tiġi l-mitħna li nsibu fir-raħal tagħna tax-Xewkija, li tagħha nagħtu aktar dettalji aktar 'l quddiem.

Nhar il-31 ta' Awwissu 1724, il-Kunsill Statali tal-Ordni ddeċieda li kellha tinbena mitħna nofs triq bejn ir-Rabat u l-Għarb. Fl-1725, l-istess Fundazzjoni ddeċidiet li tibni mitħna oħra fix-Xagħra u sentejn wara oħra fin-Nadur. Dawn it-tlieta kienu bejn wieħed u ieħor mibnija fuq l-istess disinn bil-kwartieri fejn jgħix it-taħħan u l-familja tiegħu, ċisterna għall-ilma, *workshop* u t-torri tat-tħin. Dik tal-Għarb u tax-Xagħra kellhom ukoll forn tal-ħobż magħhom. L-ewwel li bdiet taħdem kienet dik tan-Nadur u fl-1 ta' Settembru 1730 inkriet lil Francesco Buttigieg. Dik tax-Xagħra nkriet lil Paolo Refalo fis-17 ta' Ġunju 1731 u dik tal-Għarb lil Angelo Zahra fl-1 t'Awwissu 1731, it-tnejn għal perjodu ta' erba' snin.

Erbgħin sena wara, wara spezzjoni fil-propjetà tal-Fundazzjoni Manoel f'Għawdex minn rapport iffirmat minn Andrea Psaila rriżulta li tant kienet kbira l-ħsara li ġie deċiż li kellhom jerġgħu jinbnew mill-ġdid dik tax-Xagħra u dik tal-Għarb. Hekk sar iżda f'postijiet differenti minn dawk tal-imtieħen oriġinali. Dik tax-Xagħra, hija l-mitħna li nafu biha llum, magħrufa bħala l-mitħna ta' Kola

li kien l-aħħar taħħan tagħha. Imma interessanti ngħidu li l-ewwel taħħan ta' din it-tieni mitħna tax-Xagħra kien Marcello Xicluna u kien proprju mix-Xewkija iżda mbagħad meta nhar il-15 ta' Lulju 1759 iżżewweġ x-Xagħra lil Angela Bonello, jidher li mar jgħix hemm.

Giobatta Marcello Xicluna jew aħjar Marcello kif aktar baqa' magħruf, kien l-aħħar wild fost tnax ta' Carlo Xicluna u Grazia née Xuereb li żżewġu x-Xewkija nhar id-19 ta' Frar 1713. Huwa twieled u tgħammed ix-Xewkija nhar it-30 t'Ottubru 1734. Meta Marcello ħa f'idejh il-kera tal-mitħna tax-Xagħra fl-1787 kellu 53 sena, li jagħtina x'nifhmu li diġà kellu esperjenza ta' taħħan.

Marcello ma kienx xi eċċezzjoni fil-familja Xicluna. Anzi bosta membri tal-familja Xicluna nsibuhom involuti fit-tħaddim tal-imtieħen tar-riħ f'Għawdex u anke f'Malta sa mill-ewwel għexieren tas-snin tat-tmintax–il seklu. Hekk ħuh Georgio kien it-taħħan tal-mitħna tal-Għarb u ħuh l-ieħor Damiano kien dak tal-mitħna tan-Nadur. Ma setax jonqos li din il-familja mix-Xewkija ma jkollhiex rabta wkoll mal-mitħna tar-raħal tagħna, kif ser naraw f'aktar dettall.

## IL-MITĦNA OTTAGONALI TAX-XEWKIJA (1710 – 1886)

Kif semmejna aktar qabel, it-tieni mitħna f'Għawdex kienet mibnija mill-Fundazzjoni Perellos proprju fix-Xewkija fil-bidu tas-seklu tmintax sewwasew fl-1710. L-istruttura tagħha hija l-unika eżistenti f'pajjiżna, peress li l-bażi tagħha hija ta' forma ottagonali. Kull naħa tal-bażi tagħha tħares lejn id-direzzjoni ta' wieħed mill-irjieħ ewlenin. Fil-passat kien hawn tnejn oħra bħalha, waħda kienet tinsab fil-Belt Valletta u oħra dik f'Tal-Ħerba fiż-Żejtun. Imma dawn illum ma għadhomx jeżistu.

Ħarsa minn ġewwa turina li din hija magħmula minn żewġ kmamar kbar laterali, intrata kbira u kċina. Fin-nofs hemm it-tromba b'taraġ li jibqa' tiela' sa fuq nett. Fil-kċina nsibu l-armarju tal-ġebel u ħdejh hemm il-forn oriġinali.



*Ritratt stampat fil-ħarġa ta' Ottubru 1921 tar-rivista ta' kull xahar 'LE VIE D'ITALIA', preċiżament fl-artiklu 'Gli Estremi Lembi Della Nazione – L'isola Di Gozo'.*



*Ritratt mill-arkivju ta' Laurence Zammit Haber*

Fost l-ewwel taħħana, fl-1738 insibu lil Gio. Maria Xicluna. Dan hu t-tielet wild ta' Carlo u allura jiġi ħu Marcello li semmejna aktar qabel b'riferenza għall-mitħna tax-Xagħra. Gio. Maria twieled nhar l-14 ta' Awwissu 1716 u tgħammed l-għada, dejjem fix-Xewkija.

Nafu li ftit wara l-mewt ta' żewġha Carlo, martu Grazia reġgħet iżżewġet din id-darba lil Simone Galea sewwasew nhar il-25 ta' Lulju 1742. Flimkien ma' iben

Carlo, Michele Xicluna huma ġeddew il-kuntratt tal-mitħna tax-Xewkija fl-1742.

Il-mitħna damet topera għal ħafna snin minn membri tal-familja Xicluna. Hekk li fis-sena 1847, insibu l-mitħna kienet f'idejn Giuseppe Xicluna (jista' jkun li dan huwa bin Marcello). F'dik is-sena huwa bagħat petizzjoni sabiex titnaqqaslu l-kera tal-mitħna. Skont rapport li kien għamel l-Onorevoli Vincent Casolani, fl-1 ta' Ġunju 1847, huwa kiteb li l-mitħna kien ilha mikrija lil Giuseppe sa mit-8 ta' Ġunju 1839, b'ċens għal 32 sena li jiġġedded kull 8 snin. Il-kera kienet ta' 54 lira sterlina u 10 xelini fis-sena. Fl-istess rapport huwa stqarr li skont ma vvaluta l-Kumitat tal-Periti ħareġ ir-riżultat li din l-istess kera kienet

ser titnaqqas għal 46 lira sterlina fis-sena. Din ir-reviżjoni kellha tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Lulju 1847.

Minn idejn Giuseppe Xicluna, il-mitħna għaddiet f'idejn Marcello Xicluna. Dan wassal biex fil-bidu tas-sena 1851 huwa talab biex terġa' titnaqqas il-kera li huwa kien qed iħallas imma t-talba tiegħu ġiet irrifjutata.

Ħaġa tal-iskantament, meta l-Gvern neħħa l-monopolju minn fuq l-imtieħen u ħareġ diversi sejħiet biex jinkrew, ħadd ma kien interessat f'dawk t'Għawdex tant li kellha titla' l-familja Camilleri miż-Żejtun. Hekk f'nofs is-seklu dsatax il-mitħna tax-Xewkija għaddiet għand l-aħwa Wenzu u Giuseppe Camilleri, kif ukoll Fernandu li kien iben Wenzu, nies li żgur ħafna minna jiftakru.

Giuseppe Camilleri kompla jagħmel kif għamlu diversi taħħana oħra, jiġifieri li jitolbu tnaqqis fil-kera. L-ewwel talba għamilha fl-14 ta' Diċembru 1857. Dak iż-żmien huwa kien qed iħallas 29 lira sterlina. Iżda l-uniku ċans li tawh l-awtoritajiet kien li jinħall mill-kuntratt u l-mitħna terġa' toħroġ b'offerta għall-pubbliku.

It-tieni kuntratt ta' din il-mitħna b'rabta mal-familja Camilleri kien sar min-Nutar Luigi Vella nhar is-7 ta' Lulju 1860. Dan kien jorbot lil Wenzu Camilleri bħala sid tal-mitħna mikrija lilu mill-gvern. Insibu li l-mitħna li tinsab fil-parti magħrufa bħala Tal-Ħamrija, ġiet mogħtija b'ċens għal 99 sena flimkien ma' 60 tomna raba'. Il-ħlas ta' dan iċ-ċens kien ta' 19-il lira sterlina fis-sena u kellu jibda jgħodd minn sena qabel id-data tal-kuntratt.

Sfortunatament l-1886 kellha tħalli marka kerha fuq il-mitħna wara li din ġiet meqruda kawża ta' ħruq. Kienet saret talba sabiex il-gvern jgħin fit-tiswija imma din it-talba ma ntlaqgħetx. Għaldaqstant fl-1 ta' Ottubru Wenzu kellu jċedi ċ-ċens, tant li spiċċa żarma l-mitħna. Fil-15 ta' Ġunju 1888, Giovanni Sammut għamel talba lill-gvern biex jixtri din il-mitħna imma din it-talba qatt ma ġiet milqugħa.

Imma Wenzu xorta baqa' jhewden fuq din il-mitħna, tant li ressaq proposti oħra lill-gvern. Fl-10 ta' Ottubru 1890 ġie deċiż min-naħa tal-gvern li l-kuntratt jiġi inkorporat mal-kuntratt ta' biċċa art magħrufa bħala Tal-Ħamrija u minn hemm issir evalwazzjoni tal-ħsara tal-mitħna. Fil-5 ta' Jannar, wara li tlestiet l-evalwazzjoni nstab li l-ħsara kienet tlaħħaq 22 lira sterlina u kien ser jagħmel tajjeb għaliha l-gvern. Tmint ijiem wara, id-Dipartiment tax-Xogħlijiet beda jsewwi l-ħsarat. Dan il-kuntratt il-ġdid kellu jkun għal 8 snin u jidħol fis-seħħ mill-15 ta' Awwissu tal-1891.

Minn hemm din il-mitħna għamlet xi żmien isservi bħala razzett tal-bhejjem. Fil-bidu tas-sena 1956 serviet ukoll bħala każin tal-Banda Prekursur. Kien hawn li ltaqa' l-ewwel kumitat tal-istess banda wara r-rinovazzjoni tagħha.

Riċentament tħabbar li se jinbeda l-proċess tar-restawr ta' din il-mitħna. Jalla dan ix-xogħol jitwettaq sabiex din il-mitħna bi storja hekk rikka tkun attrazzjoni oħra fir-raħal tagħna.

**Riferenzi:**

J. M. Attard Tabone, *A Focus on Gozo Culture*, 159-169.
C. Vella, *L-imtieħen tat-tħin tal-qamħ fil-gżejjer Maltin*, Ġunju 2011.
Arkivju, Uffiċċju Parrokkjali Xewkija.
Ġuljana Zammit Haber
Arkivju Nazzjonali Għawdex.

**Attendi...** għall-funzjonijiet kollha marbuta mal-festa.
Jekk minħabba mard ma tistax, segwihom fuq:
**Radju Prekursur**
fuq frekwenza ta' **99.3FM** u fuq il-websajt
***www.radjuprekursur.com***

# KURUNA TA' WARD U VJOLI LILL-ĦABBAR TA' KRISTU, SAN ĠWANN BATTISTA - ĠUŻEPPI CASSAR

GRAZIO A. GRECH

Fik, ja Ġovanni, kbir ġmiel nammira;
Fik il-qdusija, mill-bidu ddiet;
Int kont dak l-anġlu, li d-dinja lilek,
F'deżert, miċ-ċokon, tara biss bdiet:

Minn kulħadd minsi, f'dak il-barr waħdek;
Qasba kont qisek, tmewweġ mar-rieħ;
Mid-dinja mwarrab, u mċerċer liebes;
Għal sidrek tilqa', kont bard u ksieħ.

B'xi ġild ta' ġemel, kien ġismek miksi;
Mirfud kien ħżiemek, biss b'ċinturin;
B'grad, b'ġandar, b'għasel, kont biss titrejjaq
U, f'x-għorma torqod, kont fl-istess ħin.

Żmien għaddejt bosta, f'dina t-tbatija,
Xħin hekku! f'daqqa, fis ġejt magħruf,
"Li l-waqt tal-fidwa, kien għoddu wasal"
U t-triq tħejji int għal t'Alla l-Ħaruf.

Bi mħabba mkebbes, dhret bħal ħuġġieġa,
Lejn Dak li ħalaq l-Art u s-Smewwiet'
Tippriedka u tgħammed bdejt bl-akbar ħeġġa.
Lil ta' nies qotra, l'għal warajk ġriet.

Għas-sabiħ kliemek, kulħadd imsaħħar;
Mistoqsi inti, mill-Fariżej àejt;
'Jekk kont Elija, jew xi profeta;
Jew il-Messija, li int tabbar bdejt';

'Mma kollok umli, mort int weġibthom,
"Li dik il-vuċi, kont iva, biss,
Li fil-barr leħħnet, biex għal Messija,
It-triq twittu intom, sew kif imiss."

Waqt li kont, darba, fil-Ġordan tgħammed,
Personaġġ, f'daqqa, għal ħdejk rajt ġej;
Dan kien, appuntu, l-Ħaruf bla tebgħa:
"Il-Bniedem Alla, tagħna l-Feddej."

Mitlub inti Minnu, biex Lilu tgħammed;
Fuq Rasu l-ilma, bilġri sawwabt
U, xhin Hu minnek, kien ser jitbiegħed;
Għal kulħadd maħfra, Lilu inti tlabt:

Għalik għajjura, il-ffareżej, bosta,
Ma' kulħadd, b'ħerqa, bdew inassuk:
"Li t-tagħlim tiegħek, falz kien", bdew jgħidu:
Konfoffi nisġu wkoll, biex joqtluk.

Bla qatt ma naqsek, żgur, iżda l-almu;
'Imma iżjed qotor, fik, fl-istess ħin;
Mingħajr xejn biża', ma Antipa ħaddta,
Talli kien mexa, ma ħuh ħażin:

Hemma f'Livjada, għalhekk, jien rajtek;
F'wiċċu u f'wiċċ martu, titfa' l-kbir tort,
Quddiem nies bosta, x'ħin rekbin kienu;
Lilhom iċċanfar, b'wisq qilla mort:

Hawn Erodjade, b'għajnejn ta' lifgħa,
Bħal tigra, riedet tqattgħek f'biċċiet;
Mal-kbarat tgħaqqdet u lir-re talbet,
"Biex f'ħabs fis jitfgħek, fost dlamijiet:

Hemm f'Makeronta, mel'int, Ġovanni,
Għal xhur xhur bosta, domt ikkalzrat;
Xħin dik Salome, wara ż-żifn tagħha,
'L-Antipa talbet rasek ġo platt.

Biex tiegħu kelmtu jżomm il-monarka,
Bilfors hu kellu, b'għali wisq kbir,
Lil tliet għassiesa, l-amar jagħtihom,
"Biex rasek tiġi mqiegħda f'baċir."

Mogħtija l-ordni tar-re Antipa,
Maħsuda rasek ġiet fost tant dmija
U r-ruħ sabieħa tiegħek, Ġovanni,
Ħdejn Ġesù qiegħda llum imħennija.

Waqt ir-riċerki li kont qed nagħmel iltqajt ma' poeżija ta' tifħir lil San Ġwann Battista. Il-kittieb ta' din il-poeżija hu l-poeta Ġużeppi Cassar, mill-Belt Victoria, Għawdex. Huwa kiteb għadd ta' poeżij f'diversi rivisti, ġurnali u karti volanti, imma għadd ieħor ma humiex ippubblikati. Żewġ artikli dwar xi poeżiji ta' Cassar, inkitbu, wieħed mis-Sur Anton F. Attard u ieħor mill-Kav. Joe M. Attard fil-kotba tal-festa ta' Santa Marija u ta' San Ġorg tas-snin 1990 u 1992 rispettivament.

Is-Sur Cassar twieled f'April tas-sena 1877, u fis-sena 1899 daħal fis-servizz pubbliku. Fis-sena 1916 insibuh bħala messaġġier fil-Qorti t'Għawdex, waqt li fl-1929, biddel ix-xogħol u beda jaħdem bħala Marixxal fil-Qorti. Huwa rtira bil-pensjoni fis-sena 1937, u miet fis-sena 1961.

Din il-poeżijia kienet ġiet ippubblikata fil-ġurnal '*Għawdex*' tal-15 ta' Ġunju 1953.

# Vella Bros. Ready Mix Ltd. (Tal- Malla)

## Concrete Supplies - Construction - Property

Triq it- Torri Gorgun,
Ix-Xewkija, XWK 2252

21555340
99495157/99435099
vellabrothers@gmail.com
facebook.com/vellabros






# R.A. & SONS®
## MANUFACTURING LTD

# Presents: Raperl

**Innovative Internal Rendering *(Kisi Ta' Gewwa)***

**Forget about Gypsum-Based plasters!**




Used as internal base-plaster under fine finishes *("finitura")*

- Water resistant
- Thermally efficient
- Smooth, fine and free flowing
- Easy to use
- Extended pot-life
- Excellent value



Gruwa Street, Xewkija, Gozo;

Hardrocks Industrial park, Burmarrad, Malta

www.rasonsltd.com

21556722 | 79505040 | 79505041